KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fil-5 ta' Ġunju 2025[1]

Kawża C-769/22

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

L-Ungerija

(Nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tintroduċi miżuri iktar stretti kontra "delinkwenti pedofili" u li temenda ċerti liġijiet biex tipproteġi t-tfal – Leġiżlazzjoni mmirata prinċipalment lejn kontenut li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità – Artikolu 56 TFUE – Direttiva 2000/31/KE – Direttiva 2006/123 – Direttiva 2010/13/UE – Restrizzjoni tal-provvista ta' servizzi – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 21 – Nondiskriminazzjoni – Artikolu 7 – Dritt għall-ħajja privata u tal-familja – Artikolu 11 – Libertà tal-espressjoni – Artikolu 1 – Dinjità tal-Bniedem – Artikolu 2 TUE – Valuri tal-Unjoni Ewropea – Ġustizzjabbiltà – Kriterju għall-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE)

Werrej

I. Introduzzjoni u sfond għall-proċeduri 3

A. Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja 4

B. Il-qafas legali u l-każ preżenti fil-qosor 5

1. Id-dritt tal-Unjoni 5

2. Id-dritt Ungeriż 6

3. Deskrizzjoni ġenerali tal-kawża 8

II. Analiżi – L-Ewwel Parti: Ksur tad-drittijiet u l-valuri fundamentali 9

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

A. Il-qofol tat-tilwima 10

B. Il-ħames motiv tal-Kummissjoni – Ksur tad-drittijiet tal-Karta 11

1. Applikabbiltà tal-Karta 12

2. Ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta 14

3. Ksur tal-Artikolu 11 tal-Karta 17

4. Ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta 18

5. L-interferenza mad-drittijiet fundamentali tista' tkun iġġustifikata? 20

6. Ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta 24

C. Is-sitt motiv tal-Kummissjoni – Ksur tal-Artikolu 2 TUE 25

1. Ġustizzjabbiltà tal-Artikolu 2 TUE 26

a) Ir-rwol tal-Artikolu 2 TUE fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea 27

1) L-identità kostituzzjonali tal-Unjoni Ewropea 27

2) Kundizzjoni għall-funzjonament tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea . 28

b) L-Artikolu 2 TUE bħala dispożizzjoni legalment vinkolanti 28

1) Test, kuntest u storja 29

2) L-importanza tal-Artikolu 49 TUE 30

c) Raġunijiet favur u kontra l-ġustizzjabbiltà tal-Artikolu 2 TUE 32

1) Raġunijiet għall-ġustizzjabbiltà 32

2) Diskussjoni tar-raġunijiet kontra l-ġustizzjabbiltà 33

i) Artikolu 7 TUE 33

ii) In-natura ġenerali tal-valuri fl-Artikolu 2 TUE 34

iii) Identità kostituzzjonali nazzjonali 37

iv) L-għan ta' konstatazzjoni indipendenti ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE 38

2. Kif tevalwa jekk il-"linji ħomor" inqabżux? 39

a) In-negazzjoni tal-valuri bħala l-kriterju għall-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE 39

b) Ksur tad-drittijiet tal-Karta u d-djalogu kostituzzjonali 40

3. Ksur tal-Artikolu 2 TUE f'din il-kawża 42

a) Ir-regoli inkwistjoni jiċħdu l-valuri tal-Artikolu 2 TUE 42

b) Liema valuri ġew miksura? 43

III. Analiżi – It-Tieni Parti: Ksur tad-dritt primarju u sekondarju dwar il-moviment liberu tas-servizzi u l-GDPR 44

A. L-ewwel motiv tal-Kummissjoni 44

1. Regola 4 45

2. Regola 6 46

3. Regola 3 46

4. Regola 5 47

B. It-tieni motiv tal-Kummissjoni 48

1. Ir-regoli 1 u 3 huma koperti mill-oqsma kkoordinati fis-sens tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku 49

2. Ir-regola 1 taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku . 50

3. Ir-regoli 1 u 3 jirrestrinġu s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni 50

C. It-tielet motiv tal-Kummissjoni 51

1. Regoli 1 u 3 51

2. Regola 7 52

D. Ir-raba' motiv tal-Kummissjoni 52

IV. Spejjeż 55

V. Konklużjoni 55

I. Introduzzjoni u sfond għall-proċeduri

1. Permezz ta' dan ir-rikors, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-Ungerija kisret id-dritt tal-Unjoni permezz ta' emendi għal diversi strumenti ta' leġiżlazzjoni domestika li ġew introdotti permezz tal-"Liġi LXXIX tal-2021 li tadotta miżuri iktar stretti kontra persuni li nstabu ħatja ta' pedofilja u li temenda ċerti liġijiet għall-protezzjoni tat-tfal" (iktar 'il quddiem il-"Liġi Emendatorja") [2].

[2] A pedofil bűnelkövetőkkel szembeni szigorúbb fellépésről, valamint a gyermekek védelme érdekében egyes törvények módosításáról szóló 2021. évi LXXIX. törvény.

2. Ħafna minn dawn l-emendi, li, skont l-Ungerija, ġew introdotti bil-għan li jipproteġu l-minorenni, jipprojbixxu jew jirrestringu l-aċċess għal kontenut li juri jew jippromwovi "identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità" (għall-finijiet ta' qosor, kultant sejjer nirreferi għal tali kontenut bħala "kontenut LGBTI"[3]).

3. Skont il-Kummissjoni, l-emendi inkwistjoni jiksru d-dritt tal-Unjoni fuq tliet livelli: fl-ewwel lok, huma jiksru diversi strumenti tad-dritt sekondarju relatati mal-provvista ta' servizzi u l-Artikolu 56 TFUE; fit-tieni lok, dawn l-emendi jiksru diversi drittijiet iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta")[4]; fl-aħħar lok, dawn l-emendi jiksru wkoll l-Artikolu 2 TUE, li jelenka l-valuri fundamentali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea.

4. Din l-aħħar affermazzjoni li l-Ungerija kisret l-Artikolu 2 TUE bħala motiv indipendenti għal konstatazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni hija ġdida. Din tqajjem kwistjonijiet importanti, bħal jekk din id-dispożizzjoni tistax tiġi invokata fi proċeduri ta' ksur u meta l-Qorti tal-Ġustizzja għandha preċiżament tiddikjara ksur tal-Artikolu 2 TUE, minbarra ksur tar-regoli dwar is-suq intern u l-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, iddeċidiet li tisma' dan il-każ fil-formazzjoni plenarja tagħha.

A. Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

5. Fil-25 ta' Mejju 2021, żewġ membri tal-Parlament Ungeriż ippreżentaw abbozz ta' liġi lil dak il-Parlament intitolat "li tadotta miżuri iktar stretti kontra persuni li nstabu ħatja ta' pedofilja u li temenda ċerti liġijiet għall-protezzjoni tat-tfal."

6. Fl-10 ta' Ġunju 2021, il-kumitat leġiżlattiv tal-Parlament ippropona emendi għal dan l-abbozz, li kienu jittrattaw l-omosesswalità u l-identitajiet tal-ġeneru.

7. Fil-15 ta' Ġunju 2021, il-leġiżlatur Ungeriż adotta l-Liġi Emendatorja. Dan daħal fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2021.

8. Fil-15 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni formali lill-Ungerija li permezz tagħha hija ddikjarat il-pożizzjoni tagħha li, b'riżultat tal-adozzjoni tal-Liġi Emendatorja, l-Ungerija kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

9. F'ittra datata l-15 ta' Settembru 2021, l-Ungerija ċaħdet kwalunkwe ksur tad-dritt tal-Unjoni.

10. Fit-2 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata li fiha sostniet li l-Liġi Emendatorja kisret id-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għalhekk stiednet lill-Ungerija tieħu l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mal-opinjoni motivata fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha.

[3] LGBTI hija l-abbrevjazzjoni għal persuni Leżbjani, Omosesswali, Bisesswali, Transġeneri u Intersesswali, irrikonoxxuta mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Persuni Leżbjani, Omosesswali, Bisesswali, Transġeneri u Intersesswali (ILGA). Ara: https://www.ilga-europe.org/about-us/who-we-are/glossary/ (aċċessat fit-18 ta' Frar 2025). Din l-abbrevjazzjoni tintuża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-Qorti EDB) meta tiddeċiedi fuq kwistjonijiet simili. Ara, pereżempju, Qorti EDB, sentenza tat-23 ta' Jannar 2023, Macatė vs Il-Litwanja, (CE:ECHR:2023:0123JUD006143519). L-abbrevjazzjoni ġiet użata wkoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ara, pereżempju, is-sentenza tat-23 ta' April 2020 fil-kawża Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI (C-507/18, EU:C:2020:289). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Medina fil-kawża Asociación Estatal de Entidades de Servicios de Atención a Domicilio (ASADE) (C-436/20, EU:C:2022:77, punt 2).

[4] Il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta.

11. Permezz ta' ittra datata t-2 ta' Frar 2022, l-Ungerija wieġbet għall-opinjoni motivata, u sostniet li l-Liġi Emendatorja kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni.

12. Fid-19 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE.

13. L-Ungerija ppreżentat ir-risposta tagħha fit-8 ta' Marzu 2023.

14. Il-Kummissjoni u l-Ungerija, rispettivament, ippreżentaw replika u kontroreplika fl-20 ta' April 2023 u fil-31 ta' Mejju 2023.

15. Permezz ta' deċiżjonijiet tal-20 ta' Marzu, tal-4 ta' Mejju u tad-29 ta' Ġunju 2023, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ta lil sittax-il Stat Membru, senjatament ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, is-Slovenja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, kif ukoll il-Parlament Ewropew, permess biex jintervjenu f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

16. L-Ungerija ppreżentat risposta għal dawn l-interventi fit-18 ta' Jannar 2024.

17. Fid-19 ta' Novembru 2024 inżammet seduta, li fiha l-Kummissjoni u l-Ungerija, kif ukoll ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Estonja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, kif ukoll il-Parlament Ewropew, ippreżentaw argumenti orali.

B. Il-qafas legali u l-każ preżenti fil-qosor

1. Id-dritt tal-Unjoni

18. L-Artikolu 2 TUE jipprovdi li:

"L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

19. Din il-kawża tikkonċerna wkoll l-Artikolu 56 TFUE, l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta, u l-istrumenti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni li ġejjin: id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku [5], id-Direttiva dwar is-servizzi [6], id-Direttiva AVMS [7], u l-GDPR [8].

2. Id-dritt Ungeriż

20. Tmien emendi (iktar 'il quddiem ir-"regoli") li jinsabu fil-Liġi Emendatorja huma rilevanti għal din il-kawża sa fejn dawn introduċew bidliet fis-sitt liġijiet nazzjonali li ġejjin:

– il-Liġi XXXI tal-1997 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Amministrazzjoni tat-Tutela (1997. évi XXXI. törvény a gyermekek védelméről és a gyámügyi igazgatásról; iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal") (*Regola 1*) [9];

– il-Liġi CVIII tal-2001 dwar ċerti kwistjonijiet ta' servizzi ta' kummerċ elettroniku u servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni (2001. évi CVIII. törvény az elektronikus kereskedelmi szolgáltatások; iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Kummerċ Elettroniku") (*Regola 2*) [10];

– il-Liġi XLVIII tal-2008 dwar il-Kundizzjonijiet Bażiċi għall-Attivitajiet ta' Reklamar Ekonomiku u Ċerti Restrizzjonijiet fuqhom (2008. évi XLVIII. törvény a gazdasági reklámtevékenység alapvető feltételeiről és egyes korlátairól; iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar ir-Reklamar") (*Regola 3*) [11];

[5] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

[6] Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar is-servizzi").

[7] Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15), kif emendata bid-Direttiva 2018/1808 (iktar 'il-quddiem id-"Direttiva AVMS").

[8] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2) (iktar 'il-quddiem il-"GDPR").

[9] Punt 1(2) tal-Liġi Emendatorja rriżulta fil-punt 6/A tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, li issa jaqra: "Biex jiġi żgurat it-twettiq tal-għanijiet stabbiliti f'din il-liġi u l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal, huwa pprojbit li jsir aċċessibbli għal persuni li ma laħqux l-età ta' [18]-il sena kontenut li huwa pornografiku jew li juri s-sesswalità b'mod gratuwitu jew li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità".

[10] Punt 2(2) tal-Liġi Emendatorja rriżulta f'punt ġdid 4/D tal-Liġi dwar il-Kummerċ Elettroniku. Ir-Regola 2 tagħti s-setgħa u tagħti mandat lil korp imsejjaħ Internet Roundtable għall-Ħarsien tat-Tfal biex jieħu ċerti miżuri fir-rigward ta' fornituri ta' servizzi elettroniċi. Dak il-korp jista' jevalwa każijiet individwali u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-fornituri tas-servizz biex iħeġġiġhom iwaqqfu l-attivitajiet illeċiti u f'każ li jirrifjutaw li jsegwu r-rakkomandazzjoni, jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Awtorità Nazzjonali tal-Midja u t-Telekomunikazzjoni. Il-korp inkwistjoni għandu wkoll is-setgħa li jżomm reġistru tat-tipi ta' kontenut li huma meqjusa dannużi għall-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minorenni.

[11] Punt 3 tal-Liġi Emendatorja rriżulta f'punt ġdid 8(1a) tal-Liġi dwar ir-Reklamar, li issa jipprovdi li: "Għandu jkun ipprojbit li jsir aċċessibbli għal persuni li ma laħqux l-età ta' [18]-il sena reklam li juri s-sesswalità b'mod gratuwitu jew li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità".

– il-Liġi CLXXXV tal-2010 dwar is-Servizzi tal-Midja u l-Komunikazzjoni tal-Massa (2010. évi CLXXXV. törvény a médiaszolgáltatásokról és a tömegkommunikációról; iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Midja") (*regoli 4*[12]*, 5*[13] *u 6*[14]);

– il-Liġi CXC tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Pubblika Nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"Att Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni Pubblika") (*Regola 7*)[15];

– il-Liġi XLVII tal-2009 dwar is-Sistema tal-Fedini Penali, ir-reġistru ta' sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kontra ċittadini Ungeriżi, u r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika kriminali u tal-pulizija (2009. évi XLVII. törvény a bűnügyi nyilvántartási rendszerről, az Európai Unió tagállamainak bíróságai által magyar állampolgárokkal szemben hozott ítéletek nyilvántartásáról, valamint a bűnügyi és rendészeti biometrikus adatok nyilvántartásáról; iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali") (*Regola 8*)[16].

21. Minn dawn it-tmien regoli, il-Kummissjoni tqis li sebgħa jiksru d-dritt tal-Unjoni, filwaqt li r-regola 2 ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni biss għall-finijiet ta' kuntest[17].

22. Ir-regoli 1, 3, 4, 6 u 7 huma fformulati b'mod simili ħafna. Dawn jipprojbixxu (regoli 1, 3, 6 u 7) jew jirrestrinġu (regola 4) l-aċċess ta' minorenni għal kontenut li juri jew jippromwovi identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità. Ir-regola 7 tipprojbixxi biss il-promozzjoni, iżda mhux il-wiri, ta' kontenut LGBTI.

23. Ir-regola 5 timponi l-obbligu fuq il-Kunsill tal-Midja, fejn jiġu identifikati problemi b'rabta mad-dispożizzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni jew il-Liġi CIV tal-2010 dwar il-Libertà tal-Istampa ('2010. évi CIV. törvény a sajtószabadságról és a médiatartalmak alapvető szabályairól', iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Libertà tal-Istampa"), li jitlob lill-Istat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu jopera l-fornitur tas-servizz tal-midja speċifikat fir-regola 4, jimplimenta miżuri effettivi u jieħu miżuri għall-eliminazzjoni kwalunkwe okkorrenzi ta' ksur identifikati mill-Kunsill tal-Midja.

12 Punt 9(2) tal-Liġi Emendatorja rriżulta f'punt ġdid 9(6) tal-Liġi dwar il-Midja, li issa jipprovdi li: "Programmi għandhom jiġu kklassifikati fil-kategorija V jekk ikunu kapaċi jeżerċitaw influwenza negattiva fuq l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali ta' minorenni, b'mod partikolari bħala riżultat tal-konċentrazzjoni tagħhom fuq il-vjolenza jew il-promozzjoni jew ir-rappreżentazzjoni ta' identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità, jew rappreżentazzjoni diretta, naturalistika jew gratuwita ta' sesswalità. Dawn il-programmi għandhom jiġu kklassifikati kif ġej: mhux xierqa għal udjenzi taħt it-[18]-il sena." Il-konsegwenza ta' din il-klassifikazzjoni, taħt il-punt 10 tal-Liġi dwar il-Medja (mhux emendat mil-Liġi Emendatorja), hija li tali programmi, klassifikati bħala kategorija V, jistgħu jixxandru biss bejn l-22:00 u l-5:00.

13 Punt 9(5) tal-Liġi Emendatorja rriżulta f'punt ġdid 179(2) tal-Liġi dwar il-Midja.

14 Punt 9(3) tal-Liġi Emendatorja rriżulta f'punt ġdid 32(4a) tal-Liġi dwar il-Midja, li issa jipprovdi: "Programmi ma għandhomx jikkwalifikaw bħala avviżi ta' servizz pubbliku jew reklami ta' faċilitajiet komunitarji jekk huma kapaċi jeżerċitaw influwenza negattiva fuq l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minorenni, b'mod partikolari bħala riżultat tal-konċentrazzjoni tagħhom fuq ir-rappreżentazzjoni gratuwita tas-sesswalità, il-pornografija jew ir-rappreżentazzjoni ta' identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità."

15 Punt 11 tal-Liġi Emendatorja rriżulta f'punt ġdid 9(12) tal-"Liġi dwar l-Edukazzjoni Pubblika Nazzjonali", li issa jaqra: "Fit-twettiq ta' attivitajiet li jikkonċernaw il-kultura sesswali, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali u l-iżvilupp sesswali, għandha tingħata attenzjoni speċjali lid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XVI (1) tal-Liġi Fundamentali [tal-Ungerija (Magyarország alaptörvénye)]. Tali attivitajiet ma jistgħux ikunu mmirati lejn il-promozzjoni ta' identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità."

16 Punt 4(1) tal-Liġi Emendatorja rriżulta f'punt ġdid 67(1)(a) sa (d) tal-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali.

17 Skont il-punt 8 tar-rikors tal-Kummissjoni, ir-regola 2 issaħħaħ il-ksur imwettaq mir-regoli 1 u 3 sa 7. Il-Kummissjoni ma teħtieġx li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li r-regola 2 tmur kontra d-dritt tal-Unjoni u tispjega li inkludiet ir-regola 2 fir-rikors tagħha sempliċement minħabba li din issaħħaħ ir-regoli l-oħra li huma suġġett tal-proċedura ta' ksur.

24. Ir-Regola 8 tirrikjedi li l-korpi b'aċċess għad-data rreġistrata jipprovdu "persuni awtorizzati" b'aċċess dirett għal din id-data, biex jittrażmettu d-data fuq talba, biex jiċċertifikaw id-data u biex jaqsmu informazzjoni dwar individwi misjuba ħatja ta' reati sesswali kontra t-tfal.

3. Deskrizzjoni ġenerali tal-kawża

25. Permezz ta' din l-azzjoni, il-Kummissjoni qiegħda tikkontesta dawn is-seba' regoli. Fir-rigward tar-regoli 1, 3, 4, 6 u 7, hija tallega li dawn jiksru diversi dispożizzjonijiet tad-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni (l-ewwel sat-tielet motiv), tal-Karta (il-ħames motiv) u tal-Artikolu 2 TUE (is-sitt motiv). Fir-rigward tar-regoli 5 u 8, il-Kummissjoni ma tallegax ksur tal-Artikolu 2 TUE, iżda biss tad-dritt sekondarju tal-Unjoni fir-rigward tar-regola 5 (l-ewwel motiv), u tad-dritt sekondarju tal-Unjoni u tal-Karta fir-rigward tar-regola 8 (ir-raba' motiv).

26. Sabiex tiġi ffaċilitata l-komprensjoni ta' din l-azzjoni kumplessa, l-aggravji tal-Kummissjoni kif relatati ma' regoli nazzjonali differenti u dispożizzjonijiet differenti tad-dritt tal-Unjoni qegħdin jiġu ppreżentati b'mod skematiku fit-Tabella hawn taħt.

<table>
<tr><td>Regoli Nazzjonali</td><td colspan="3">Dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni allegatament miksura u l-motiv rilevanti tal-Kummissjoni</td></tr>
<tr><td>Regola 1
(fil-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal)</td><td>l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku (it-tieni motiv);
l-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva dwar is-servizzi u l-Artikolu 56 TFUE (it-tielet motiv)</td><td rowspan="5">L-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta (il-ħames motiv)</td><td rowspan="5">L-Artikolu 2 TUE (is-sitt motiv)</td></tr>
<tr><td>Regola 3
(fil-Liġi dwar ir-Reklamar)</td><td>l-Artikolu 9(1)(ċ)(ii) tad-Direttiva AVMS (l-ewwel motiv);
l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku (it-tieni motiv);
l-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva dwar is-servizzi u l-Artikolu 56 TFUE (it-tielet motiv)</td></tr>
<tr><td>Regoli 4 u 6
(fil-Liġi dwar il-Midja)</td><td>l-Artikolu 6a(1) tad-Direttiva AVMS (l-ewwel motiv)</td></tr>
<tr><td>Regola 7
(fil-Liġi dwar l-Edukazzjoni Pubblika Nazzjonali)</td><td>l-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva dwar is-servizzi u l-Artikolu 56 TFUE (it-tielet motiv)</td></tr>
<tr><td>Regola 5
(fil-Liġi dwar il-Midja)</td><td>l-Artikoli 2 u 3(1) tad-Direttiva AVMS (l-ewwel motiv)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Regola 8
(fil-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali)</td><td>l-Artikolu 10 GDPR u l-Artikolu 8(2) tal-Karta (ir-raba' motiv)</td><td></td><td></td></tr>
</table>

27. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li r-regoli jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kif ippreżentati fit-Tabella. L-Ungerija tqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad ir-rikors tal-Kummissjoni fl-intier tiegħu bħala infondat.

II. Analiżi – L-Ewwel Parti: Ksur tad-drittijiet u l-valuri fundamentali

28. Dawn il-proċeduri ta' ksur jirrigwardaw okkorrenzi ta' ksur multipliċi tar-regoli għas-suq intern sa fejn dawn jirrigwardaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u diversi drittijiet inklużi fil-Karta. Senjatament, dawn iressqu wkoll, għall-ewwel darba, motiv separat ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE.

29. L-importanza primarja tad-domandi dwar il-ksur tal-Artikolu 2 TUE wasslitni biex ma nsegwix l-ordni tal-motivi ta' ksur kif tressqu mill-Kummissjoni. Billi ħafna mill-kwistjonijiet relatati mal-ewwel saff ta' motivi elenkati fir-rikors tal-Kummissjoni jittrattaw kwistjonijiet tekniċi legali, u peress li xi motivi ta' ksur huma relatati biss mad-dritt sekondarju tal-Unjoni, u mhux ukoll mal-Karta u mal-Artikolu 2 TUE, ser nittratta dan l-ewwel saff ta' motivi fit-Tieni Parti tal-analiżi tiegħi [18].

30. Madankollu, sa fejn dan l-ewwel saff ta' motivi huwa importanti biex jintroduċi l-Karta f'din il-kawża [19], għandi l-ewwel nispjega li, fil-fehma tiegħi, l-emendi kontenzjużi kollha jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi invokati mill-Kummissjoni u/jew tal-Artikolu 56 TFUE [20]. Għalhekk, kwalunkwe deroga mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi introdotta minn dawn l-emendi għandha mhux biss tkun iġġustifikata permezz ta' raġunijiet ta' interess ġenerali, milħuqa b'mod proporzjonat, iżda għandha wkoll ma tiksirx id-drittijiet iggarantiti mill-Karta [21].

31. Minkejja d-deċiżjoni tiegħi li nbiddel l-ordni li biha ser nindirizza l-motivi tal-Kummissjoni, huwa importanti li nenfasizza li, fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li kien hemm ksur tal-Artikolu 2 TUE b'rabta ma' okkorrenzi ta' ksur oħra tad-dritt tal-Unjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-Karta. Għalhekk, il-motiv dwar il-ksur tal-Artikolu 2 TUE qiegħed jitressaq fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni.

32. Kif enfasizzat waqt is-seduta, il-Kummissjoni qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li twettaq ksur tal-Artikolu 2 TUE f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari biss. Ser nirreferi għal tali sitwazzjoni bħala l-użu tal-Artikolu 2 TUE bħala motiv *indipendenti* ta' ksur, għall-kuntrarju tal-użu tiegħu bħala motiv *awtonomu* ta' ksur. Dan tal-aħħar ikun jeżisti jekk ikun jista' jinstab ksur tal-Artikolu 2 TUE anki barra mill-ambitu tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew indipendentement minn ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni.

18 Dan ifisser li ser nindirizza mill-ewwel sar-raba' motiv tal-Kummissjoni fid-dettall fit-tieni parti ta' dawn il-konklużjonijiet. Fl-ewwel parti ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nindirizza l-ħames u s-sitt motivi mressqa mill-Kummissjoni.

19 Skont l-Artikolu 51(1) tagħha, il-Karta hija applikabbli għall-Istati Membri biss meta jkunu "qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni". Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dan il-kunċett bħala li jinkludi s-sitwazzjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105), punti 19 u 21), inkluż dawk li fihom l-Istati Membri jinvokaw derogi mil-libertajiet tas-suq intern, permessi mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT (C-260/89, EU:C:1991:254, punt 43)).

20 Diskussjoni iktar iddettaljata ta' din il-pożizzjoni ser issegwi fit-tieni parti tal-konklużjonijiet tiegħi.

21 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT (C-260/89, EU:C:1991:254, punti 42 sa 44); tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega (C-36/02, EU:C:2004:614, punti 37 u 38 u l-ġurisprudenza ċċitata); u tal-4 ta' Ottubru 2024, Mirin (C-4/23, EU:C:2024:845, punt 62).

33. Il-kwistjoni dwar l-eventwali applikazzjoni awtonoma tal-Artikolu 2 TUE sabiex tiġi evalwata l-validità tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri jew tal-azzjonijiet meħuda barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tqumx f'dan il-każ [22]. Għalkemm, sa ċertu punt, din il-kwistjoni ġiet diskussa waqt is-seduta, tali kwistjoni ma tinsabx quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, u jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tħalli din id-diskussjoni għal kawża xierqa li tista' titressaq fil-futur.

34. B'dawn ir-rimarki introduttorji f'moħħi, ser nipproċedi bil-konklużjonijiet tiegħi kif ġej. Fl-Ewwel Parti, taħt it-Taqsima A, ser nispjega għaliex il-kawża preżenti hija, fil-qalba tagħha, dwar valuri. Taħt it-Taqsima B, ser noffri argumenti għaliex il-leġiżlazzjoni Ungeriża tirrappreżenta ksur tad-drittijiet fundamentali protetti taħt l-Artikoli 21, 11 u 7 tal-Karta, u, b'mod importanti, għaliex dan il-ksur ma jistax jiġi ġġustifikat. Ser nispjega wkoll għaliex dan jammonta għal ksur tad-dinjità tal-bniedem, kif stipulata fl-Artikolu 1 tal-Karta. Taħt it-Taqsima C, ser nittratta l-kwistjoni dwar jekk it-talba tal-Kummissjoni dwar ksur indipendenti tal-Artikolu 2 TUE tistax tiġi milqugħa. Fit-Tieni Parti II ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nerġa' lura għall-argumenti tal-Kummissjoni u l-kontroargumenti tal-Ungerija dwar il-ksur ta' dispożizzjonijiet konkreti tat-Trattat FUE u tad-dritt sekondarju tal-Unjoni.

A. Il-qofol tat-tilwima

35. Meta mistoqsija fis-seduta dwar ir-raġunijiet tagħha għall-introduzzjoni ta' motiv indipendenti bbażat fuq ksur tal-Artikolu 2 TUE, il-Kummissjoni spjegat li, meta eżaminat okkorrenzi ta' ksur individwali ta' diversi strumenti sekondarji tal-Unjoni u tal-Karta, waslet għall-konklużjoni li hemm "xi ħaġa iktar" f'dan il-każ.

36. Din ix-"xi ħaġa iktar" hija, fil-fehma tiegħi, ikkawżata mid-diverġenza fil-valuri li jirfdu l-pożizzjoni tal-Gvern Ungeriż u dik tal-Kummissjoni, sa fejn dawn jirrigwardaw ir-raġunijiet offruti mill-Ungerija bħala li jimmotivaw u jiġġustifikaw l-emendi kontenzjużi.

37. L-Ungerija ssostni li l-emendi għandhom bħala għan u huma neċessarji għall-protezzjoni tal-minorenni, peress li l-espożizzjoni tagħhom għal "kontenut LGBTI" jista' jkollha influwenza negattiva fuq l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tagħhom. Dan l-Istat Membru jispjega wkoll li d-deċiżjoni dwar meta jiġi ppreżentat "kontenut LGBTI" potenzjalment dannuż lil minuri għandha titħalla f'idejn il-ġenituri jew it-tuturi legali tagħhom.

38. Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew u tas-16-il Stat Membru intervenjenti, hija tal-fehma li l-esponiment tal-minuri għal kontenut li juri ħajjiet LGBTI ma jistax, fih innifsu, jagħmel ħsara lill-iżvilupp tagħhom.

39. F'dan il-punt, għandu jiġi spjegat li l-leġiżlazzjoni Ungeriża ma tipprojbixxix jew tillimita l-wiri ta' kontenut LGBTI erotiku jew pornografiku; minflok, hija tipprojbixxi r-rappreżentazzjoni ta' ħajjiet ordinarji ta' persuni LGBTI. Dan ifisser li r-regoli inkwistjoni jipprojbixxu jew jirrestriġu "kontenut LGBTI" *b'żieda ma'* kontenut pornografiku, jew kontenut

[22] Anki jekk huwa diffiċli li wieħed jimmaġina ksur tal-Artikolu 2 TUE li ma jkollu ebda impatt fuq kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni, tali xenarju jista', madankollu, jiġi previst. F'dan ir-rigward, ara Rossi, L.S., "'Concretised,' 'Flanked', or 'Standalone'? Some Reflections on the Application of Article 2 TEU", *European Papers*, 2025, p. 23.

li juri s-sesswalità b'mod gratuwit, jew vjolenza [23]. Biex tipproteġi t-tfal minn kontenut sesswali espliċitu, ma kienx meħtieġ li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni billi tiżdied il-projbizzjoni ta' "kontenut LGBTI". Tali kontenut kien diġà kopert mir-regoli li jipproteġu l-minorenni qabel ma ġew adottati l-emendi kkontestati.

40. Għalhekk, wieħed jista' jikkonkludi biss li l-projbizzjoni addizzjonali ta' "kontenut LGBTI", kif introdotta permezz ta' emendi kontenzjużi, tapplika għall-ħajja ordinarja u ta' kuljum tal-persuni LGBTI. Huwa f'dan is-sens li ser nuża l-espressjoni "kontenut LGBTI".

41. Id-deċiżjoni tal-Ungerija li tipproteġi lill-minorenni minn "kontenut LGBTI" ma hija bbażata fuq ebda prova xjentifika tal-ħsara potenzjali tiegħu għall-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tat-tfal. Hija, għalhekk, ibbażata fuq ġudizzju ta' valuri, jew, kif irrefera għalih il-Parlament Ewropew, fuq preġudizzju li l-ħajja omosesswali u li ma hijiex ta' ċisġeneru ma hijiex ta' valur jew status ugwali għall-ħajja eterosesswali u ta' ċisġeneru. Huwa għalhekk li l-Ungerija temmen li "l-aċċess ta' minorenni għal tali kontenut jista' potenzjalment jaffettwa b'mod negattiv l-immaġni tagħhom innifishom jew tad-dinja" [24].

42. Il-ġudizzju ta' valuri li fuqu hija bbażata l-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni jikkontradiċi ferm il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza, u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kif mifhuma fl-Unjoni Ewropea u l-ordni Ewropew usa' tad-drittijiet tal-bniedem, kif inkwadrati mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB") [25].

43. Għalhekk, in-nuqqas ta' qbil bejn il-Kummissjoni u l-Ungerija f'din il-kawża huwa nuqqas ta' qbil dwar il-*valuri*. Madankollu, tibqa' l-kwistjoni dwar jekk tali nuqqas ta' qbil jistax u għandux iwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2 TUE.

44. Qabel ma nidħol f'diskussjoni dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 2 TUE f'din il-kawża, ser nuri l-ewwel li r-regoli kkontestati jiksru numru ta' drittijiet fundamentali protetti mill-Karta, u li l-ksur ta' dawn id-drittijiet ma jistax jiġi ġġustifikat mir-raġunijiet li l-Ungerija tressaq.

B. Il-ħames motiv tal-Kummissjoni – Ksur tad-drittijiet tal-Karta

45. Il-Kummissjoni ssostni li r-regoli 1, 3, 4, 6 u 7 jiksru l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u l-orjentazzjoni sesswali kif tinsab fl-Artikolu 21 tal-Karta (2), il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni kif iggarantita mill-Artikolu 11 tal-Karta (3), u r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja kif previst fl-Artikolu 7 tal-Karta (4). L-Ungerija tiċħad dawn l-allegazzjonijiet kollha, billi ssostni li r-regoli tagħha jservu għall-protezzjoni tal-minorenni. Ser nanalizza jekk ir-regoli inkwistjoni jikkostitwixxux interferenza ma' dawn id-drittijiet, wara li l-ewwel nispjega li l-Karta

[23] F'dan ir-rigward, il-"kontenut LGBTI" huwa pprojbit mir-regoli 1 u 3 flimkien mal-kontenut pornografiku u l-kontenut li juri s-sesswalità b'mod gratuwitu; mir-regola 4 flimkien mal-projbizzjoni tal-kontenut li għandu bħala l-element ċentrali tiegħu l-vjolenza jew ir-rappreżentazzjoni gratuwita tas-sesswalità; u mir-regola 6 flimkien mal-projbizzjoni ta' wiri ta' pornografija u rappreżentanza gratuwita tas-sesswalità. Ir-regola 7, madankollu, tipprojbixxi biss il-promozzjoni tal-kontenut LGBTI.

[24] Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni ċċitat din id-dikjarazzjoni mir-risposta Ungeriża għall-ittra ta' intimazzjoni. Ara l-punt 250 tar-rikors tal-Kummissjoni.

[25] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti EDB tal-21 ta' Ottubru 2010, Alekseyev vs Ir-Russja (CE:ECHR:2010:1021JUD000491607, punt 86), fejn dik il-qorti spjegat li ma hemm l-ebda "evidenza xjentifika jew data soċjoloġika […] li tissuġġerixxi li s-sempliċi riferiment għall-omosesswalità, jew dibattitu pubbliku miftuħ dwar l-istatus soċjali ta' minoritajiet sesswali, jagħmel ħsara lit-tfal". Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti EDB tal-20 ta' Ġunju 2017, Bayev *et* vs Ir-Russja, (CE:ECHR:2017:0620JUD006766709, punt 82), fejn il-Qorti EDB kkonstatat li, sal-punt li l-minorenni li raw il-kampanja favur l-LGBTI kienu esposti biss għall-ideat ta' diversità, ugwaljanza u tolleranza, l-adozzjoni ta' dawn l-ideat tista' biss tkun konduttiva għall-koeżjoni soċjali, li ġiet ikkonfermata wkoll fis-sentenza reċenti tal-Qorti EDB tat-23 ta' Jannar 2023, Macatė vs Il-Litwanja, (CE:ECHR:2023:0123JUD006143519, punt 211).

hija applikabbli għar-regoli inkwistjoni (1). Kif ser nuri, l-indħil li tabilħaqq jeżisti ma jistax jiġi ġġustifikat (5), u għalhekk inqis li t-talba tal-Kummissjoni dwar il-ksur tad-dinjità tal-bniedem għandha wkoll tiġi aċċettata (6).

1. Applikabbiltà tal-Karta

46. Skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, l-Istati Membri huma marbuta bil-Karta biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ifisser li d-drittijiet fundamentali ggarantiti hemmhekk għandhom jiġu rrispettati kull meta leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [26]. Fi kliem ieħor, l-Ungerija tista' tikser il-Karta biss jekk ir-regoli kkontestati jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE u/jew l-istrumenti tad-dritt sekondarju li, skont il-Kummissjoni, ġew miksura minn dawn ir-regoli. Qabel ma nevalwa l-bażijiet tal-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, jeħtieġ għalhekk li niddetermina l-ewwel jekk il-ħames regoli inkwistjoni jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

47. L-Ungerija ma tikkontestax li r-regoli 3, 4 u 6 jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' mill-inqas direttiva waħda. Madankollu, hija tqis li r-regola 1 u r-regola 7 ma jaqgħux fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni.

48. Ir-regola 1 tipprojbixxi l-wiri u l-promozzjoni ta' "kontenut LGBTI" lil minorenni fil-kuntest tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal. L-Ungerija ssostni li din il-liġi hija indirizzata lill-Istat, lill-awtoritajiet lokali u lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi inkarigati mill-awtoritajiet pubbliċi biex iwettqu selezzjoni żgħira ta' servizzi relatati mal-kura u l-protezzjoni tat-tfal. Tali servizzi ma humiex offruti bi ħlas, u għalhekk ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' servizzi taħt l-Artikolu 56 TFUE. Barra minn hekk, dawn is-servizzi x'aktarx li ma jiġux ipprovduti b'mod transkonfinali.

49. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni, l-ewwel nett, li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal ma huwiex daqshekk limitat, u japplika wkoll għal istituzzjonijiet li jipprovdu kura lit-tfal bi ħlas, bħalma huma ċentri ta' kura ta' matul il-jum [27], jew faċilitajiet privati ta' fostering. Dawn jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett ta' fornitur ta' servizzi skont it-tifsira tad-dritt tal-Unjoni jekk jipprovdu s-servizzi tagħhom bi ħlas.

50. Barra minn hekk, anki jekk id-destinatarji tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal ma jipprovdux servizzi lit-tfal bi ħlas, huma skoraġġuti milli jixtru servizzi, inklużi dawk offruti minn fornituri fi Stati Membri oħra, li fihom "kontenut LGBTI". Peress li huma pprojbiti milli jużaw tali kontenut waqt il-ħarsien tagħhom tat-tfal, ma għandhom l-ebda raġuni biex isiru riċevituri ta' servizzi b'"kontenut LGBTI" [28].

[26] Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 21).

[27] Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 41 tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal.

[28] Ara, b'analoġija, kawżi relatati mal-użu ta' prodotti li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat regoli li jirrestrinġu l-użu ta' prodott bħala miżuri ta' effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi pprojbiti mill-Artikolu 34 TFUE. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (karrijiet) (C-110/05, EU:C:2009:66), u s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Mickelsson u Roos (C-142/05, EU:C:2009:336, speċjalment punti 26 sa 28).

51. L-Artikolu 56 TFUE u d-Direttiva dwar is-servizzi jipprojbixxu restrizzjonijiet kemm fuq il-forniment kif ukoll fuq ir-riċeviment ta' servizzi transkonfinali [29]. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, li, skont il-Kummissjoni, sar ksur tagħha bir-regola 1, tipprojbixxi wkoll restrizzjonijiet kemm tal-provvista kif ukoll tar-riċeviment ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni [30].

52. Kif il-Kummissjoni argumentat, huwa possibbli li l-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal tagħmel inqas attraenti l-għoti ta' servizzi transkonfinali, bħal, pereżempju, wirja teatrali li tesponi l-istorja ta' familja LGBTI u li toffri s-servizzi tagħha lil ċentri ta' ħarsien tat-tfal ta' matul il-jum madwar l-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, faċilità ta' fostering fl-Ungerija ma għandha l-ebda raġuni biex tixtri cartoons li jipprovdi materjal edukattiv dwar l-identità tal-ġeneru adattat għall-adolexxenti, offrut fuq talba fuq is-sit elettroniku ta' fornitur tas-servizz li jinsab fil-Kroazja. Ir-regola 1, għalhekk, tirrestrinġi l-provvista transkonfinali tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni.

53. Għalhekk, nikkunsidra li r-regola 1, kif tinsab fil-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, tista' tapplika għal servizzi skont it-tifsira tad-dritt tal-Unjoni.

54. Ir-regola 7, li tinsab fil-Liġi dwar l-Edukazzjoni Pubblika Nazzjonali, tipprojbixxi l-promozzjoni ta' "kontenut LGBTI" fl-edukazzjoni sesswali.

55. L-Ungerija ssostni li din ir-regola ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkopri s-servizzi, peress li l-edukazzjoni pubblika ma hijiex ikkunsidrata bħala servizz offrut bi ħlas skont it-tifsira tad-dritt tal-Unjoni.

56. Huwa minnu li l-ġurisprudenza ġeneralment tqis li l-edukazzjoni fis-settur pubbliku ma tammontax għal provvista ta' servizzi [31]. Madankollu, f'diversi sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li attivitajiet edukattivi jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi taħt id-dritt tal-Unjoni meta jkunu pprovduti bi ħlas u joperaw barra mis-sistema edukattiva strettament pubblika u ffinanzjata mill-Istat [32]. Dan jista' jkun il-każ ukoll għal kwalunkwe servizz ipprovdut minn kelliem mistieden estern jew espert li jista' jintervjeni fi stabbilimenti edukattivi [33].

57. Għalhekk, inqis li r-regola 7 tista' tapplika wkoll għal sitwazzjonijiet koperti mid-dritt tal-Unjoni.

58. Bħala konklużjoni, il-ħames regoli kkontestati mill-Kummissjoni kollha jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għandhom, għalhekk, ikunu konformi mal-Karta.

59. Peress li l-Karta hija applikabbli, ser ngħaddi issa għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' dawn ir-regoli mad-drittijiet tal-Karta invokati mill-Kummissjoni.

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-153/08, EU:C:2009:618, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tat-2 ta' Marzu 2023, Recreatieprojecten Zeeland *et* (C-695/21, EU:C:2023:144, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Ara, f'dan is-sens, il-kunċett ta' riċevitur ta' servizzi fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku: "kull persuna naturali jew legali li, għal skopijiet professjonali jew mod ieħor, tagħmel użu minn servizz għas-soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment bl-iskop li tfittex informazzjoni jew li tagħmilha aċċessibbli".

31 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Settembru 1988, Humbel u Edel (263/86, EU:C:1988:451, punti 17 sa 19) u tas-7 ta' Diċembru 1993, Wirth (C-109/92, EU:C:1993:916, punti 15 u 16).

32 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Diċembru 1993, Wirth (C-109/92, EU:C:1993:916, punti 17); tal-11 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-318/05, EU:C:2007:495, punt 69) u tal-20 ta' Mejju 2010, Zanotti (C-56/09, EU:C:2010:288, punt 32).

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punti 41 *et seq.*)

60. Infakkar li l-ħames regoli li għalihom japplika dan il-motiv huma fformulati b'mod simili. Kollha jirrestriġu jew jipprekludu l-aċċess għal kontenut li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità għal minorenni taħt it-18-il sena, mingħajr ebda distinzjoni bejn il-gruppi tal-età. L-aċċess għal tali kontenut huwa ristrett jew ipprojbit jew b'mod ġenerali (regola 1), meta jidher fi programmi fuq midja awdjoviżiva lineari (AVM) (regola 4), bħala messaġġi li jqajmu kuxjenza fuq midja AVM (regola 6) jew bħala reklamar fi kwalunkwe tip ta' midja (regola 3). Ir-regola 7 tipprojbixxi biss il-promozzjoni – u mhux il-wiri wkoll – ta' "kontenut LGBTI" fil-kuntest tal-edukazzjoni sesswali.

2. Ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta

61. L-Artikolu 21 tal-Karta jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata, *inter alia*, fuq is-sess u l-orjentazzjoni sesswali.

62. Skont ġurisprudenza stabbilita, trattament inqas favorevoli ta' persuni minħabba assenjazzjoni mill-ġdid tal-ġeneru ("transsesswalità") [34] jirrappreżenta diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess [35]. Is-sentenza reċenti fil-kawża Mousse tikkonferma li l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni sesswali testendi wkoll għad-diskriminazzjoni bbażata fuq identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid u li ma jinkludux bidla fiżika tas-sess ("identità transġeneru") [36].

63. Min-naħa l-oħra, l-omosesswalità, ukoll fil-mira tar-regoli inkwistjoni, taqa' taħt il-kunċett ta' "orjentazzjoni sesswali" [37].

64. Il-Kummissjoni ssostni li d-diskriminazzjoni f'dan il-każ tikkonsisti fid-differenza fit-trattament ta' persuni eterosesswali u ċisġeneri meta mqabbla ma' persuni LGBTI. Filwaqt li r-regoli inkwistjoni jaffettwaw ir-rappreżentazzjoni ta' kontenut li juri ħajjiet omosesswali u mhux ċisġeneri lil minorenni, dawn ma jillimitawx ir-rappreżentazzjoni ta' kontenut li juri l-ħajja ta' persuni eterosesswali u ċisġeneri. Barra minn hekk, l-emendi inkwistjoni għandhom l-għan, fil-fehma tal-Kummissjoni, li jimmarġinalizzaw il-persuni LGBTI fis-soċjetà Ungeriża.

65. L-Ungerija tressaq kontroargument li r-regoli inkwistjoni ma għandhomx bħala l-għan tagħhom persuni LGBTI, iżda pjuttost jimmiraw lejn il-protezzjoni tal-minorenni f'numru limitat ta' sitwazzjonijiet li fihom l-espożizzjoni tagħhom għal "kontenut LGBTI" ma tistax tiġi kkontrollata mill-ġenituri jew it-tuturi tagħhom.

66. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-diskriminazzjoni sseħħ mhux biss meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn persuna oħra f'sitwazzjoni paragunabbli, iżda wkoll meta azzjoni jew liġi tiddistingwi fuq il-bażi ta' kriterju pprojbit. Dan huwa l-każ

[34] Id-differenza bejn l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-ġeneru ("transsesswalità") u l-għażla ta' identità tal-ġeneru differenti minn dik assenjata mat-twelid ("identità transġeneru") hija evidenti sa fejn tal-ewwel timplika interventi mediċi jew fiżiċi, filwaqt li t-terminu "transġeneru" jirrelata iktar mal-identità milli mal-aspetti fiżiċi jew mediċi.

[35] Sentenzi tat-30 ta' April 1996, P. vs S. (C-13/94, EU:C:1996:170, punt 20); tas-7 ta' Jannar 2004, K. B. (C-117/01, EU:C:2004:7punt 34); tas-27 ta' April 2006, Richards (C-423/04, EU:C:2006:256 punt 24); u tas-26 ta' Ġunju 2018, MB (Bidla fil-ġeneru u l-pensjoni tal-irtirar) (C-451/16, EU:C:2018:492 punt 35).

[36] Sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Mousse (C-394/23, EU:C:2025:2. punti 61 u 62).

[37] Għal illustrazzjoni ta' każ ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali ara, pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, TP (Editur awdjoviżiv għat-televiżjoni pubblika) (C-356/21, EU:C:2023:9, punt 66).

irrispettivament mill-identità tal-vittmi affettwati mill-użu ta' tali kriterju pprojbit, jiġifieri, jekk tkunx persuna li tappartjeni għal grupp minoritarju li l-projbizzjoni tipproteġi jew persuna li ma tappartjenix għall-grupp ikkonċernat [38].

67. Meta tiġi applikata din il-ġurisprudenza għal din il-kawża, ir-regoli inkwistjoni li huma espliċitament ibbażati fuq il-kriterju tas-sess (identità transesswali jew transġeneru) u l-orjentazzjoni sesswali (orjentazzjoni omosesswali) huma tabilħaqq diskriminatorji.

68. Minkejja l-allegazzjoni Ungeriża li dawn ir-regoli ma għandhomx fil-mira tagħhom dan il-grupp minoritarju, dawn huma madankollu bbażati b'mod ċar fuq differenzjazzjoni bbażata fuq is-sess u l-orjentazzjoni sesswali. Kif ġie spjegat qabel (ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet), l-aċċess tal-minorenni għal kontenut li juri ħajjiet LGBTI ordinarji, u mhux biss rappreżentazzjonijiet sesswali jew pornografiċi espliċiti ta' ħajjiet LGBTI, huwa pprojbit. L-aċċess għal kontenut li juri l-ħajja ordinarja ta' nies eterosesswali u ċisġeneri, madankollu, ma huwa pprojbit minn ebda waħda mir-regoli 1, 3, 4, 6 u 7.

69. Fir-rigward tar-regola 7, l-Ungerija tiddikjara li din tipprojbixxi biss il-promozzjoni ta' "kontenut LGBTI" u biss fil-kuntest tal-edukazzjoni sesswali. Madankollu, din ma hijiex difiża kontra l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni. Jiena nista' naqbel li l-promozzjoni ta' kull tip ta' ħajja ma għandhiex tkun parti mill-edukazzjoni, li għandha tkun imparzjali kemm jista' jkun u tippermetti lit-tfal jiżviluppaw il-fehmiet tagħhom stess dwar diversi kwistjonijiet [39]. Madankollu, ir-regola 7 tipprojbixxi biss il-promozzjoni ta' "kontenut LGBTI", iżda mhux ta' kontenut eterosesswali jew ċisġeneru. Għalhekk, hija diskriminatorja abbażi tas-sess u l-orjentazzjoni sesswali.

70. L-Ungerija ssostni wkoll li l-Kummissjoni ma ressqet l-ebda eżempju ta' ksur konkret tar-regoli ta' nondiskriminazzjoni.

71. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jittieħed inkunsiderazzjoni li l-proċeduri ta' ksur huma eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju astratt. Il-Kummissjoni ħafna drabi tressaq tali proċeduri kontra leġiżlazzjoni ta' Stat Membru *bħala tali*, u t-talba tkun neċessarjament dwar il-*potenzjal* ta' tali leġiżlazzjoni li tikser id-dritt tal-Unjoni. F'tali sitwazzjonijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju astratt, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħall-qrati kostituzzjonali nazzjonali meta jevalwaw il-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni, ma tiddeċidix fuq ksur konkret tad-drittijiet tal-bniedem individwali, iżda pjuttost tagħmel konstatazzjoni dwar il-potenzjal ta' tali regoli li jiksru d-drittijiet fundamentali ta' individwi jew gruppi.

72. Il-Kummissjoni ressqet argumenti suffiċjenti sabiex turi li l-leġiżlazzjoni kkontestata għandha l-potenzjal li tiżvantaġġa diversi individwi jew gruppi minħabba li din il-leġiżlazzjoni hija bbażata fuq il-kriterju pprojbit. Kwalunkwe fornitur tas-servizz jew riċevitur tas-servizz huwa żvantaġġat mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut jew li jkollu aċċess għal kontenut LGBTI. Din il-limitazzjoni ma taffettwax biss lill-persuni LGBTI, iżda lil persuni fiżiċi u legali b'mod ġenerali.

[38] Ara, f'dan ir-rigward, b'rabta mad-diskriminazzjoni etnika, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 56). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Slagelse Almennyttige Boligselskab, Afdeling Schackenborgvænge (C-417/23, EU:C:2025:98, punti 105 sa 120).

[39] Fl-interpretazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 2 tal-Ewwel Protokoll tal-KEDB, li tittratta d-dritt għall-edukazzjoni, il-Qorti EDB qieset li din timplika "li l-Istat, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-edukazzjoni u t-tagħlim, għandu jieħu ħsieb li l-informazzjoni jew l-għarfien inklużi fil-kurrikulu jitwasslu b'mod oġġettiv, kritiku u pluralistiku. L-Istat huwa pprojbit li jsegwi għan ta' indottrinament li jista' jitqies bħala li ma jirrispettax il-konvinzjonijiet reliġjużi u filosofiċi tal-ġenituri. Ara l-Qorti EDB, sentenzi tas-7 ta' Diċembru 1976, Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen vs Id-Danimarka, (CE:ECHR:1976:1207JUD000509571, punt 53), u tat-18 ta' Marzu 2011, Lautsi *et* vs L-Italja, (CE:ECHR:2011:0318JUD003081406, punt 62).

73. Barra minn hekk, il-Liġi Emendatorja għandha effetti stigmatizzanti għall-persuni LGBTI. L-istigmatizzazzjoni hija sitwazzjoni li fiha membri ta' grupp wieħed ta' minoranza, bħal persuni LGBTI, jiġu attribwiti karatteristiċi soċjalment negattivi sempliċement minħabba s-sħubija jew is-sħubija perċepita tagħhom f'dak il-grupp.

74. L-istigmatizzazzjoni tpoġġi lill-persuni LGBTI f'pożizzjoni żvantaġġata fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali [40].

75. Naqbel mal-Kummissjoni li l-projbizzjoni tal-aċċess għall-preżentazzjoni tal-ħajja ordinarja ta' persuni LGBTI, minħabba li hija kkunsidrata bħala dannuża, hija fiha nnifisha stigmatizzanti, mhux biss għat-tfal, iżda wkoll għall-adulti.

76. Barra minn hekk, il-perċezzjoni negattiva tal-komunità LGBTI hija ggravata wkoll bil-fatt li r-rappreżentazzjoni ta' ħajjiet LGBTI ordinarji titqiegħed fl-istess keffa tar-rappreżentazzjonijiet gratuwiti tas-sesswalità u l-pornografija, kif ukoll tal-vjolenza.

77. Fl-aħħar nett, l-għaqda fil-Liġi Emendatorja tar-regoli dwar il-protezzjoni tat-tfal mill-pedofilja mar-regoli ppromulgati biex jipproteġu lit-tfal minn kontenut LGBTI tkompli ssaħħaħ l-effett stigmatizzanti li r-regoli jipproduċu fihom innifishom.

78. L-Ungerija tiddefendi lilha nnifisha kontra dan l-argument tal-aħħar billi tispjega li hija teknika leġiżlattiva normali f'dan l-Istat Membru li jiġu emendati diversi liġijiet permezz ta' leġiżlazzjoni waħda, u li l-liġijiet hekk emendati ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-pedofilja.

79. Anki jekk dan jista' jkun minnu bħala kwistjoni ta' liġi, minħabba l-effett soċjetali li teknika bħal din jista' jkollha f'din is-sitwazzjoni partikolari, l-Ungerija setgħet iddeċidiet li tissepara ż-żewġ liġijiet emendatorji u tevita kwalunkwe effetti sekondarji stigmatizzanti. Għall-kuntrarju, dan l-Istat Membru ddeċieda li jgħaqqad dawn l-emendi leġiżlattivi differenti.

80. Irrid inżid li numru ta' rapporti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni [41] jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jissorveljaw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem [42], irrikonoxxew ukoll li r-regoli inkwistjoni għandhom effett stigmatizzanti, kif allegat mill-Kummissjoni.

81. Fil-fehma tiegħi, kontribuzzjoni attiva għall-istigmatizzazzjoni ta' grupp minoritarju minn Stat, kemm jekk din tkun intenzjonata u kemm jekk le, tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta, peress li tmur kontra n-natura stess tal-prinċipju ta' ugwaljanza [43]. L-istigmatizzazzjoni ssaħħaħ

[40] Ara, f'dan ir-rigward, is-servej imwettaq mill-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, "LGBTIQ equality at a crossraods: progress and challenges", tal-11 ta' Mejju 2024, disponibbli fuq is-sit https://fra.europa.eu/en/publication/2024/lgbtiq-equality-crossroads-progress-and-challenges

[41] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ksur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija b'riżultat tal-bidliet legali adottati mill-Parlament Ungeriż (2021/2780(RSP)).

[42] Kummissjoni ta' Venezja, Opinjoni dwar il-kompatibilità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem tal-Att LXXIX [tal-2021] li jemenda ċerti atti għall-protezzjoni tat-tfal adottati mill-Kummissjoni ta' Venezja fil-129 sessjoni plenarja tagħha (Venezja/online, 10-11 ta' Diċembru 2021), punti 24 u 25. Ara wkoll, Amnesty International, "From freedom to censorship, The consequences of Hungarian Propaganda Law", Budpest, *Amnesty International, 2024; Háttér Society, The Anti-LGBTQI Law of Hungary in Action: A Combination of State- and Self-Enforcement*, Novembru 2024 disponibbli minn https://en.hatter.hu/sites/default/files/dokumentum/kiadvany/hatter-anti-lgbtqi-law-2024-november.pdf. Waqt is-seduta, l-Ungerija kkontestat xi konstatazzjonijiet speċifiċi ta' dan ir-rapport.

[43] Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punti 84 u 87). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Slagelse Almennyttige Boligselskab, Afdeling Schackenborgvænge (C-417/23, EU:C:2025:98), punti 147 sa 158.

il-preġudizzji soċjali li diġà jeżistu, billi tiggwida l-iżvilupp soċjali ’l bogħod minn, minflok lejn, l-ugwaljanza. Dan jippreġudika l-iskop tar-regoli li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni, li huwa l-kisba tal-ugwaljanza f’soċjetà partikolari [44].

82. Il-kostituzzjoni tal-Unjoni Ewropea, li tinkludi t-Trattati u l-Karta, tesprimi l-għażla li l-individwi għandhom jiġu ttrattati b’mod ugwali minkejja s-sess jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. Din l-għażla hija espressa fl-Artikolu 21 tal-Karta, li jelenka s-sess u l-orjentazzjoni sesswali bħala raġunijiet ipprojbiti għal diskriminazzjoni, u fl-Artikolu 19 TFUE, li jikkostitwixxi l-bażi legali għal miżuri tal-Unjoni li jiġġieldu dan it-tip ta’ diskriminazzjoni.

83. Anki jekk jista’ jkun minnu li, f’ċerti soċjetajiet Ewropej, id-drittijiet għall-ugwaljanza tal-persuni LGBTI għadhom ma ġewx kompletament internalizzati, Stat Membru li jadotta regoli li jmexxu l-aċċettazzjoni soċjetali tal-ugwaljanza ta’ dan il-grupp ta’ minoranza lil hinn minn dan l-għan ikun qed jikser l-Artikolu 21 tal-Karta.

3. Ksur tal-Artikolu 11 tal-Karta

84. L-Artikolu 11 tal-Karta jiggarantixxi l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li wieħed ikollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil minn awtorità pubblika. L-Artikolu 11(2) tal-Karta jispeċifika li l-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi ta’ komunikazzjoni għandhom ukoll ikunu rrispettati.

85. Skont l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta [45], id-drittijiet iggarantiti fl-Artikolu 11 tal-Karta jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-Artikolu 10 tal-KEDB. Minn din il-perspettiva, il-konstatazzjonijiet tal-Qorti EDB kienu sors ta’ ispirazzjoni siewi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

86. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li l-libertà tal-espressjoni tkopri diskors imwassal b’kull mezz ta’ komunikazzjoni, inkluż l-Internet (bl-użu ta’ servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni) [46]. Hija kkonfermat ukoll li l-Artikolu 11 japplika għal kull tip ta’ diskors, inkluż diskors kummerċjali, li jista’ jkun fil-forma ta’ reklamar [47].

87. Din il-libertà ma tipproteġix biss l-“informazzjoni” jew l-“ideat” milqugħa b’mod pożittiv jew meqjusa li huma inoffensivi jew indifferenti, iżda tipproteġi wkoll dawk li jikkawżaw offiża, xokk jew tħassib, u dan sabiex jiġu ggarantiti l-pluraliżmu, it-tolleranza u l-ispirtu ta’ trasparenza li mingħajrhom ma jkunx hemm “soċjetà demokratika” [48].

44 Għalhekk, l-Artikolu 19(1) TFUE jipprovdi bażi legali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Diversi strumenti adottati abbażi ta’ din id-dispożizzjoni jispjegaw li l-għan tagħhom huwa li jimplimentaw il-prinċipju ta’ trattament ugwali. Ara t-titolu tad-Direttiva 2000/43/KE tad-29 ta’ Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23), u l-Artikolu 1 tagħha li jistipula li “[l]-għan ta’ din id-Direttiva huwa li jistabbilixxi qafas sabiex tiġi kkumbattuta d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet ta’ l-oriġini tar-razza jew l-etniċità, bl-għan li jseħħ fl-Istati Membri l-prinċipju ta’ trattament ugwali”. Formulazzjoni simili ġiet użata fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta’ Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

45 ĠU 2007, C 303, p. 17.

46 Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta’ Marzu 2021, VG Bild-Kunst (C-392/19, EU:C:2021:181, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta’ Diċembru 2015, Neptune Distribution (C-157/14, EU:C:2015:823, punt 64 u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti EDB ċċitata), u tat-3 ta’ Frar 2021, Fussl Modestraße Mayr (C-555/19, EU:C:2021:89, punt 81).

48 Ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta’ Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni (C-274/99 P, EU:C:2001:127, punt 39 u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti EDB ċċitata), u tat-12 ta’ Jannar 2023, Migracijos departamentas (Raġunijiet ta’ persekuzzjoni minħabba opinjoni politika) (C-280/21, EU:C:2023:13, punt 30).

88. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni ssostni li r-regoli inkwistjoni jinterferixxu mhux biss mal-libertà tal-komunità LGBTI li twassal l-informazzjoni u l-ideat li jikkonċernaw din il-komunità, iżda wkoll mad-dritt tal-pubbliku ġenerali li jagħti u jirċievi informazzjoni dwar il-komunità LGBTI. Anki jekk ir-regoli huma mmirati lejn il-minuri, u għalhekk neċessarjament jirrestringu d-drittijiet tagħhom li jirċievu informazzjoni, "kontenut LGBTI" fil-forma ta' reklamar, jew avviżi ta' servizz pubbliku jew messaġġi li jqajmu kuxjenza ma jista' la jilħaq u lanqas jitqassam minn ħadd.

89. Naqbel mal-Kummissjoni li l-klassifikazzjoni ta' programmi awdjoviżivi bħala kategorija V, kif mitlub mir-regola 4 f'każ li dawn jinkludu kontenut LGBTI, tirrestringi mhux biss lill-minuri iżda wkoll lil kull min jixtieq jara tali programmi sa fejn dawn jistgħu jixxandru biss f'ħinijiet tard bil-lejl. Din tirrestringi wkoll lill-awturi u lill-fornituri tas-servizzi awdjoviżivi li jippreżentaw programmi bħal dawn. Jekk l-awtur ta' cartoons, li juri l-ħajja ta' familja LGBTI jew il-problemi ta' żewġ adolexxenti hekk kif jaċċettaw is-sesswalità jew l-identità tal-ġeneru tagħhom, ikun jista' jxandar dan il-kontenut biss f'ħinijiet limitati u jekk tali cartoons ma jkunx jista' jintwera fi skola jew fi spazji pubbliċi oħra, kemm id-dritt ta' dik il-persuna li twassal l-idea tagħha kif ukoll id-dritt ta' kull persuna li tirċeviha jkunu mrażżna [49].

90. Fl-aħħar, ir-regola 3 tal-Liġi dwar ir-Reklamar tinterferixxi b'mod ċar mad-diskors kummerċjali.

91. Fid-difiża tagħha kontra l-allegazzjonijiet ta' ndħil fil-libertà tal-espressjoni, l-Ungerija ssostni li r-restrizzjoni tapplika biss għal ċerti modi ta' tqassim ta' informazzjoni. Filwaqt li dan jista' jkun rilevanti għall-ġustifikazzjoni ta' tali azzjonijiet, dan ma jbiddilx konstatazzjoni possibbli ta' interferenza ma' dak id-dritt.

92. Argument ieħor li tressaq l-Ungerija biex tiddefendi l-indħil tagħha huwa li d-dritt tal-persuni LGBTI li jew jagħtu jew jirċievu informazzjoni ma huwiex direttament affettwat, peress li r-regoli ma jipprekludux lil persuni LGBTI milli jirċievu jew jagħtu informazzjoni, iżda jirrigwardaw biss ċertu kontenut li jista' jkun ta' ħsara għall-minorenni. Dan l-argument ma huwiex rilevanti. L-Artikolu 11 tal-Karta huwa mmirat biex jipprekludi ċ-ċensura u japplika għal regoli li jipprojbixxu jew jirrestringu ċertu kontenut.

93. Għalhekk, nikkunsidra li, anki jekk limitati għal ċerti mezzi u modi ta' espressjoni u ta' riċeviment ta' informazzjoni, ir-regoli kkontestati jinterferixxu mal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

4. Ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta

94. L-Artikolu 7 tal-Karta jiggarantixxi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

95. Skont l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta, id-drittijiet iggarantiti fl-Artikolu 7 tal-Karta jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-Artikolu 8 tal-KEDB. Għalhekk, l-istess bħal fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni, il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB hija rilevanti għall-interpretazzjoni tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja [50].

[49] Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Jannar 2023, Macatė vs Il-Litwanja, (CE:ECHR:2023:0123JUD006143519, punt 181), il-Qorti EDB spjegat li "l-ittimbrar tal-ktieb bħala dannuż għall-grupp ta' età li għalih kien intenzjonat affettwa l-kapaċità tar-rikorrenti li liberament twassal l-ideat tagħha".

[50] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Mirin (C-4/23, EU:C:2024:845, punti 62 sa 65).

96. Kif issostni l-Kummissjoni fir-rikors tagħha, il-Qorti EDB irrikonoxxiet il-kunċett ta' "ħajja privata" bħala kunċett wiesa' li jinkludi l-integrità fiżika u psikoloġika ta' persuna, inkluż il-ħajja sesswali. Huwa jinkludi wkoll aspetti tal-identità fiżika u soċjali, bħall-identifikazzjoni tal-ġeneru, l-isem, l-orjentazzjoni sesswali u r-relazzjonijiet personali [51]. L-Artikolu 8 tal-KEDB jiggarantixxi wkoll id-dritt għal "ħajja soċjali privata" [52], li huwa d-dritt għall-iżvilupp personali u l-kapaċità ta' formazzjoni ta' relazzjonijiet ma' ħaddieħor u mad-dinja ta' barra [53].

97. L-istigmatizzazzjoni li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni taffettwa dawn l-aspetti kollha tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja. Il-Qorti EDB qieset li l-Istati għandhom obbligu pożittiv li jiżguraw ir-rispett tal-ħajja privata tal-individwi [54]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll l-eżistenza ta' tali obbligi pożittivi fir-rigward tal-protezzjoni tal-ħajja privata ta' persuni transġeneri [55].

98. Il-Kummissjoni tindika li s-sitwazzjoni fil-kawżi deċiżi mill-Qorti EDB hija differenti minn dik ta' din il-kawża, peress li l-azzjonijiet stigmatizzanti kienu azzjonijiet ta' individwi jew gruppi oħra, u dik il-qorti kkonstatat li l-ksur tad-dritt għall-ħajja privata kien jinsab fin-nuqqas tal-Istat li jipprekludi jew jindirizza tali azzjonijiet.

99. Naqbel mal-Kummissjoni li, fis-sitwazzjoni preżenti, il-ksur tad-dritt għall-ħajja privata huwa saħansitra iktar aggravat billi l-istigmatizzazzjoni tal-persuni LGBTI hija riżultat tal-azzjoni leġiżlattiva tal-Istat Membru. L-effetti stigmatizzanti tal-leġiżlazzjoni Ungeriża, li toħloq klima ta' ostilità lejn il-persuni LGBTI, jistgħu jaffettwaw is-sentimenti ta' identità, l-istima personali u l-kunfidenza tal-persuni LGBTI. Dawn jaffettwaw lill-minorenni, iżda wkoll lill-adulti. Minorenni li jappartjenu għall-komunità LGBTI huma affettwati b'mod speċjali, peress li t-tneħħija ta' informazzjoni dwar ħajjiet LGBTI mill-isfera pubblika twaqqafhom milli jirrealizzaw li ħajjithom ma hijiex anormali. Jaffettwaw ukoll l-aċċettazzjoni tagħhom minn sħabhom, fl-iskola jew f'ambjenti oħra, u b'hekk jaffettwaw ukoll id-dritt tagħhom għal "ħajja soċjali privata". Għalhekk, iktar milli tipproteġi lill-minorenni minn dannu, il-leġiżlazzjoni kkontestata tkabbar tali dannu.

100. Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta, l-Ungerija ssostni li l-Kummissjoni ma wriet ebda effett stigmatizzanti li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

101. Madankollu, fil-proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju astratt, kif diġà spjegajt, huwa biżżejjed li jiġu ppreżentati argumenti li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni għandha *potenzjal* li tipproduċi effetti stigmatizzanti. Il-Kummissjoni pprovdiet biżżejjed argumenti fir-rigward tar-raġuni għal xiex il-kontenut tal-leġiżlazzjoni Ungeriża, l-istruttura tagħha u l-proċedura li permezz tagħha ġiet adottata jikkontribwixxu għall-klima negattiva lejn in-nies LGBTI fl-Ungerija.

102. Bħala konklużjoni, naqbel mal-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni Ungeriża tinterferixxi fil-ħajja privata tal-persuni LGBTI.

[51] Qorti EDB, sentenza tal-14 ta' Jannar 2020, Beizaras u Levickas vs Il-Litwanja, (CE:ECHR:2020:0114JUD004128815, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza preċedenti tat-22 ta' Ottubru 1981, Dudgeon vs Ir-Renju Unit, (CE:ECHR:1981:1022JUD000752576, punt 41).

[52] Qorti EDB, sentenzi tad-29 ta' April 2002, Pretty vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2002:0429JUD000234602, punt 61), tal-5 ta' Settembru 2017, Bărbulescu vs Ir-Rumanija, (CE:ECHR:2017:0905JUD006149608, punt 77).

[53] Qorti EDB, sentenza tal-5 ta' Ġunju 2009, Schlumpf vs L-Isvizzera, (CE:ECHR:2009:0108JUD002900206, punt 77).

[54] Qorti EDB, sentenza tas-16 ta' Frar 2021, Budinova u Chaprazov vs Il-Bulgarija, (CE:ECHR:2021:0216JUD001256713, punt 87).

[55] Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Mirin (C-4/23, EU:C:2024:845, punt 65). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Jannar 2025, Mousse (C-394/23, EU:C:2025:2), u tat-13 ta' Marzu 2025, Deldits (C-247/23, EU:C:2025:172, punt 47).

5. L-interferenza mad-drittijiet fundamentali tista' tkun iġġustifikata?

103. Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, id-drittijiet espressi fiha jistgħu jkunu limitati. Kull limitazzjoni għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza tad-dritt inkwistjoni. Biex ir-regoli limitattivi jkunu ġġustifikati, l-ewwel, iridu jimmiraw li jipproteġu interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni jew id-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor. It-tieni, ir-restrizzjoni għandha tkun proporzjonata mal-għan li jkollha.

104. F'dan il-kuntest, l-Ungerija ssostni li l-indħil fid-drittijiet fundamentali huwa ġġustifikat mill-għanijiet tal-leġiżlazzjoni kkontestata – il-protezzjoni tal-iżvilupp b'saħħtu tal-minorenni u tad-drittijiet tal-ġenituri li jrabbu lil uliedhom skont il-konvinzjonijiet personali tagħhom [56].

105. Fit-tfittxija ta' tali għanijiet, l-Ungerija ssostni li fil-fatt hija qiegħda tipproteġi d-drittijiet fundamentali tat-tfal u tal-ġenituri, kif jinsabu fil-Karta. Hija tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 24(2) tal-Karta, li jeħtieġ il-protezzjoni tal-aħjar interess tat-tfal, u l-Artikolu 14(3) tagħha, li jsemmi d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom f'konformità mat-twemmin reliġjuż, filosofiku u pedagoġiku tagħhom.

106. F'rabta mal-ewwel ġustifikazzjoni invokata mill-Ungerija, il-Kummissjoni ssostni li l-Ungerija ma pprovdiet l-ebda tip ta' prova li l-iżvilupp b'saħħtu tal-minorenni jista' b'xi mod jiġi ppreġudikat jekk dawn ikunu affaċċjati b'kontenut li juri l-ħajja ordinarja ta' persuni omosesswali jew mhux ċisġeneri. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni, sostnuta mill-Istati Membri intervenjenti u mill-Parlament, mhux biss tqis li l-"kontenut LGBTI" ma jistax ikun ta' ħsara għat-tfal, iżda tqis li l-fatt li l-minorenni ma jitħallewx ikunu esposti għal "kontenut LGBTI" jista' fil-fatt ikun ta' ħsara għall-iżvilupp u s-soċjalizzazzjoni taż-żgħażagħ.

107. L-Ungerija twieġeb għal dan l-argument billi tinvoka, fl-ewwel lok, il-prinċipju ta' prekawzjoni u, fit-tieni lok, il-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri jgawdu meta jiddeterminaw x'inhu ta' ħsara għat-tfal, b'konformità mat-tradizzjonijiet morali, reliġjużi jew kulturali tagħhom.

108. Rigward il-prinċipju ta' prekawzjoni, l-Ungerija ssostni li jeżisti *riskju ta' dannu* għall-iżvilupp tal-minorenni jekk ikunu esposti għal "kontenut LGBTI" mingħajr gwida ta' adulti. Dan l-Istat Membru jqis li, fil-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu, huwa jista' jieħu miżuri ta' protezzjoni "mingħajr ma jkollu għalfejn jistenna li r-realtà u l-gravità ta' dawn ir-riskji jkunu stabbiliti kompletament" [57].

109. Jiena nista' naqbel li sa fejn il-protezzjoni tal-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minorenni hija kwistjoni ta' saħħa, il-prinċipju ta' prekawzjoni jista' jiġi invokat biex jiġġustifika miżuri regolatorji [58].

[56] L-Ungerija diġà tinvoka u tispjega dawn il-ġustifikazzjonijiet fir-rimarki preliminari fit-tweġiba bil-miktub tagħha, u sussegwentement fir-rigward tal-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-ksur jew ir-restrizzjoni tar-regoli dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Hija tippreżenta l-biċċa l-kbira tal-argument tagħha bi tweġiba għall-ewwel motiv tal-Kummissjoni, dwar il-ksur tal-Artikolu 6a tad-Direttiva AVMS. Madankollu, l-Ungerija tinvoka argumenti simili biex tiġġustifika r-regoli tagħha fil-kuntest ta' motivi oħra, inkluż dawk ibbażati fuq ksur ta' drittijiet fundamentali, ħafna drabi billi sempliċement tagħmel riferiment għall-argumenti tagħha mressqa fir-rigward tal-ewwel motiv.

[57] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2020, B S u C A (Kummerċjalizzazzjoni tal-kannabidjol (CBD)) (C-663/18, EU:C:2020:938, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[58] Fil-kuntest tal-ġustifikazzjoni tal-miżuri tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-prinċipju ta' prekawzjoni huwa applikabbli għar-Regolament dwar is-saħħa tal-bniedem. Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Mejju 1998, National Farmers' Union *et* (C-157/96, EU:C:1998:191, punt 64), u tat-12 ta' Lulju 2005, Alliance for Natural Health *et* (C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punt 68).

110. Madankollu, jekk dan il-kunċett huwa tabilħaqq indissoċjabbli minn ċertu miżura ta' inċertezza xjentifika, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-evalwazzjoni tar-riskju ma tistax tkun ibbażata fuq "approċċ purament ipotetiku tar-riskju, ibbażat fuq sempliċi suppożizzjonijiet li xjentifikament għadhom ma ġewx ivverifikati"[59]. L-Istati Membri li jinvokaw tali argumenti għandhom għalhekk iġibu mill-inqas xi prova xjentifika *prima facie* li r-riskju inkwistjoni huwa probabbli. Inkella, kif targumenta il-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni Ungeriża kkontestata tkun purament arbitrarja.

111. Anki meta espliċitament mitluba mill-Qorti tal-Ġustizzja biex tipprovdi xi provi li jikkorroboraw l-allegazzjonijiet tagħha li s-sempliċi espożizzjoni għal "kontenut LGBTI" tista' tagħmel ħsara lill-iżvilupp tal-minorenni, l-Ungerija sempliċement tenniet li jeżisti tali riskju potenzjali, billi bbażat ruħha fuq dikjarazzjonijiet ġeneralizzati ħafna.

112. B'hekk, dan l-Istat spjega li r-riskju joriġina fis-setgħa tal-midja li tipperswadi, meta t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu suġġetti għat-tendenza li jesperimentaw u jkunu għadhom ma humiex kapaċi li jevalwaw b'mod kritiku x'inhu tajjeb għalihom. Fl-istess ħin, jekk il-"kontenut LGBTI" ikun aċċessibbli għall-minuri, il-ġenituri jistgħu jitilfu l-opportunità li jiddeċiedu meta t-tfal tagħhom, li huma jafu l-aħjar, ikunu lesti sabiex ikunu esposti għal tali kontenut jew sabiex jeliminaw il-konfużjoni li jista' jkollhom.

113. Filwaqt li wieħed jista' faċilment jaċċetta li l-konfużjoni hija parti mill-iżvilupp, apparti minn din id-dikjarazzjoni ġenerali, l-Ungerija baqgħet qatt ma spjegat għaliex l-espożizzjoni tat-tfal għal "kontenut LGBTI" tista' toħloq iktar konfużjoni għat-tfal minn kwalunkwe kontenut ieħor li jista' jkun ġdid għalihom, u għaliex "kontenut LGBTI" b'mod speċifiku huwa kkunsidrat bħala potenzjalment dannuż.

114. Nista' naqbel mal-Kummissjoni li l-protezzjoni tal-iżvilupp b'saħħtu tal-minorenni tista' tabilħaqq, *in abstracto*, tkun raġuni ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika r-restrizzjonijiet ta' ċerti drittijiet. Madankollu, peress li l-Ungerija ma offriet l-ebda prova ta' ħsara li tista' possibbilment tirriżulta mill-espożizzjoni ta' minorenni għal "kontenut LGBTI", hija ma tistax tistrieħ fuq tali ġustifikazzjoni.

115. Tradotti f'lingwaġġ legali ta' proporzjonalità, żewġ konklużjonijiet huma possibbli. L-ewwel, jista' jiġi kkonstatat li l-Ungerija ma għandhiex raġuni aċċettabbli ta' interess ġenerali li tista' toffri bħala ġustifikazzjoni għall-indħil tagħha fit-tliet drittijiet tal-Karta invokati mill-Kummissjoni. Jekk dan huwa l-każ, ma hemmx ħtieġa li jiġu applikati passi sussegwenti ta' stħarriġ ta' proporzjonalità għax ebda ġustifikazzjoni ma hija possibbli. Alternattivament, nistgħu naċċettaw il-ħtieġa li nipproteġu l-iżvilupp b'saħħtu tat-tfal bħala raġuni iktar astratta ta' interess ġenerali. Madankollu, f'dak il-każ, ir-regoli inkwistjoni jeħlu mit-test tal-proporzjonalità, peress li la huma adegwati u lanqas meħtieġa għall-protezzjoni tat-tfal minn possibbiltà ta' dannu għall-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tagħhom.

116. Fi kwalunkwe każ, l-Ungerija ma tistax tiġġustifika l-indħil tagħha fir-regoli ta' nondiskriminazzjoni, fil-libertà tal-espressjoni jew fid-dritt għall-ħajja privata abbażi tal-ħtieġa li tipproteġi lill-minorenni minn dannu.

[59] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Monsanto Agricoltura Italia *et* (C-236/01, EU:C:2003:431, punt 106), iċċitata fil-ġurisprudenza sussegwenti, pereżempju fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2020, B S u C A (Kummerċjalizzazzjoni tal-kannabidjol (CBD)) (C-663/18, EU:C:2020:938, punt 90).

117. Għalhekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova anki tar-riskju potenzjali ta' ħsara għall-iżvilupp b'saħħtu tal-minorenni, il-ġustifikazzjoni tal-Ungerija ma tistax tiġi aċċettata bħala vijabbli.

118. Għall-istess raġuni, il-leġiżlazzjoni Ungeriża kkontestata ma tistax tinftiehem bħala li hija adottata sabiex jiġi żgurat l-aħjar interess tat-tfal, wieħed mid-drittijiet fundamentali previsti mill-Karta, li jista', bħala prinċipju, jiġi bbilanċjat ma' drittijiet oħra, bħan-nondiskriminazzjoni, id-dritt għall-ħajja privata u l-libertà ta' espressjoni. L-Ungerija ma pprovdiet ebda prova li l-fatt li t-tfal jinżammu milli jkunu esposti għal kontenut LGBTI huwa fl-aħjar interess tat-tfal.

119. Barra minn hekk, sabiex tasserixxi li hija għandha d-dritt tqis li l-minorenni jeħtieġu protezzjoni minn kontenut LGBTI, l-Ungerija tinvoka s-sentenza fil-kawża Omega [60]. Abbażi ta' din is-sentenza, hija ssostni li l-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa biex jiddeċiedu dwar il-politika pubblika li fuqha jistgħu jibbażaw ruħhom għall-ġustifikazzjoni tal-miżuri tagħhom. Dan l-Istat jenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja, f'dik is-sentenza, adottat il-perspettiva li l-kunċett ta' kif id-drittijiet fundamentali jew interessi oħra għandhom jiġu protetti ma għandux għalfejn ikun l-istess f'kull Stat Membru, iżda jista' jvarja skont il-kunsiderazzjonijiet morali, reliġjużi jew kulturali li jsiru f'dan l-Istat.

120. L-Ungerija għalhekk issostni li l-għażla ta' kif jiġi protett l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minorenni, jew kif jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-ġenituri hija, għalhekk, fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru.

121. Sabiex targumenta li l-ġurisprudenza tas-sentenza Omega tapplika wkoll fir-rigward tal-protezzjoni tal-iżvilupp b'saħħtu tal-minorenni, l-Ungerija tinvoka s-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Booky.fi [61], li fiha t-tilwima kienet simili għal dik f'din il-kawża, peress li kienet tikkonċerna l-klassifikazzjoni u t-tikkettjar ta' programmi awdjoviżivi bil-għan tal-protezzjoni tat-tfal. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza tal-kawża Omega, u kkunsidrat li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni fl-evalwazzjoni tagħhom tal-ħtieġa ta' miżuri għall-protezzjoni tat-tfal, u kkonfermat li tali evalwazzjonijiet jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

122. Madankollu, kif argumenta l-Gvern Finlandiż, l-Istat li minnu oriġinat il-kawża Booky.fi, tali marġni ta' diskrezzjoni ma huwiex illimitat; l-għażla tal-Istat Membru trid tirrispetta d-drittijiet fundamentali, bħall-projbizzjoni ta' miżuri diskriminatorji [62]. Ir-regoli inkwistjoni, kif indikat hawn fuq, jiksru drittijiet fundamentali, li hija r-raġuni ewlenija li s-sentenzi fil-kawża Omega jew fil-kawża Booky.fi ma jistgħux jiġu invokati sabiex jiġġustifikaw dawk ir-regoli.

60 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega (C-36/02, EU:C:2004:614, iktar 'il quddiem is-"sentenza fil-kawża Omega"). L-Ungerija bbażat ruħha fuq il-punti 31, 37 u 38 ta' dik is-sentenza.

61 Sentenza tat-23 ta' Marzu 2023, Booky.fi (C-662/21, EU:C:2023:239, punti 56 u 57).

62 Ara, *ex multis*, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Mirin (C-4/23, EU:C:2024:845, punt 62).

123. Fl-aħħar nett, l-Ungerija donnha ssostni, billi tinvoka r-riżultati tar-referendum dwar l-emendi, li l-popolazzjoni tagħha tappoġġa dawn l-emendi [63]. Anki jekk dan huwa minnu [64], tali "fatt" ma jistax jiġi aċċettat bħala ġustifikazzjoni għal ksur ta' dispożizzjonijiet tas-suq intern jew, *a fortiori*, ta' drittijiet fundamentali. F'demokraziji kostituzzjonali, bħall-Unjoni Ewropea, id-drittijiet ta' minoritajiet huma protetti mid-deċiżjonijiet inġustifikati tal-maġġoranza [65].

124. It-tieni ġustifikazzjoni li toffri l-Ungerija fir-rigward tar-regoli tagħha, hija l-ħtieġa li tipproteġi d-dritt tal-ġenituri li jrabbu lil uliedhom skont il-konvinzjonijiet tagħhom. Bħala prinċipju, ma hemm ebda raġuni sabiex wieħed jiċħad tali raġuni ta' politika pubblika bħala bażi possibbli ta' ġustifikazzjoni. Madankollu, bħal fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tal-protezzjoni mid-dannu, l-Ungerija ma tispjegax kif il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tippromwovi jew tipproteġi tali drittijiet tal-ġenituri.

125. Il-ġenituri huma, kif argumentaw diversi Stati Membri intervenjenti, fil-libertà li jiddiskutu u jispjegaw lil uliedhom mistoqsijiet relatati mal-orjentazzjoni omosesswali jew l-identitajiet tal-ġeneru, anki jekk it-tfal jiltaqgħu ma' tali kontenut fil-midja [66]. Għalhekk, ir-regoli inkwistjoni ma humiex xierqa jew meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li fuqu l-Ungerija tibbaża ruħha [67].

126. L-Ungerija targumenta wkoll li d-drittijiet tal-ġenituri li jrabbu lill-uliedhom skont il-konvinzjonijiet tagħhom ma jikkostitwixxux biss l-għażla kulturali u ta' politika tagħhom iżda wkoll wieħed mid-drittijiet fundamentali stipulati fl-Artikolu 14(3) tal-Karta.

127. Madankollu, dan id-dritt, li l-Karta tagħti lill-ġenituri, huwa iktar ristrett mid-dritt li l-Ungerija ssostni li tissalvagwardja bir-regoli. Huwa parti mid-dispożizzjoni tal-Karta li tirrigwarda d-dritt għall-edukazzjoni. Kif jiddikjaraw l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta, l-Artikolu 14 huwa bbażat fuq it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri u fuq l-Artikolu 2 tal-Protokoll għall-KEDB. Il-Qorti EDB iddeċidiet li d-dritt tal-ġenituri msemmi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 2 tal-Protokoll għall-KEDB huwa sempliċement "żieda mad-dritt fundamentali għall-edukazzjoni" [68]. Għalhekk, id-dritt tal-ġenituri, kif jinsab fl-Artikolu 14(3) tal-Karta, jippermetti biss lill-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim ta' wliedhom f'konformità mal-konvinzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u pedagoġiċi tagħhom fil-kuntest tal-libertà li jiġu stabbiliti stabbilimenti edukattivi ta' tradizzjonijiet differenti. L-Ungerija għalhekk ma tistax

63 Fit-3 ta' April 2022 sar referendum. L-emendi mressqa mil-Liġi Emendatorja ġew appoġġati minn maġġoranza tal-votanti. Madankollu, il-votanti li pparteċipaw kienu inqas minn 50 % tal-votanti rreġistrati, b'mod li r-riżultati ma setgħux jiġu kkonfermati.

64 Servejs fl-Ungerija pjuttost donnhom jindikaw sostenn b'saħħtu għal temiet LGBTI. Ara, f'dan ir-rigward, Rutai, L, 'From Censorship To Solidarity: The Surprising Consequences Of Hungary's LGBT Law, *Radio Free Europe, Radio Liberty, 31 ta' Jannar 2024* https://www.rferl.org/a/hungary-lgbt-law-censorship-solidarity/32800032.html; Háttér Society, 'Social attitudes towards LGBTQI issues in Hungary. November 2023', May 2024, https://en.hatter.hu/publications/social-attitudes-towards-lgbtqi-issues-in-hungary-november-2023?_gl=1*1n8bpx0*_gcl_au*NzM0OTcwNzI4LjE3Mzk4MDg1NTk.*_ga*NzQxNjkyMDM0LjE3Mzk4MDg1NTg.*_ga_GZEK8GB25Y*MTc0MzUxMTU5MC40LjEuMTc0MzUxMTc3OC42MC4wLjUyMjk5NTQ.

65 Ara, f'dan ir-rigward, id-diskors ta' Frans Timmermans, li dak iż-żmien kien il-Viċi President tal-Kummissjoni, irraportat fl-Editorjal, *CMLRev*, 2015, p. 627 sa 628, fejn huwa, filwaqt li ċaħad il-possibbiltà ta' "demokrazija illiberali", tenna, *inter alia*: "Ma tistax tuża żewġ terzi jew anki iktar ta' maġġoranza politika b'voti demokratiċi sabiex iddgħajjef drittijiet tal-bniedem fi Stat Membru".

66 Fil-kuntest tat-tagħlim tal-Iżlam bħala parti minn lezzjonijiet obbligatorji tar-reliġjon fit-Turkija, il-Qorti EDB spjegat li "l-ġenituri jistgħu dejjem idawlu u jagħtu pariri lil uliedhom, jeżerċitaw fir-rigward ta' wliedhom funzjonijiet naturali tal-ġenituri bħala edukaturi, jew jiggwidaw lil uliedhom fi triq konformi mal-konvinzjonijiet reliġjużi jew filosofiċi tal-ġenituri stess", sentenza tal-Qorti EDB tas-16 ta' Settembru 2014, Mansur Yalçin *et* vs It-Turkija, (CE:ECHR:2014:0916JUD002116311, punt 75). Ara wkoll, Qorti EDB, sentenza tal-20 ta' Ġunju 2017, Bayev *et* vs Ir-Russja, (CE:ECHR:2017:0620JUD006766709, punti 81 u 82)

67 Il-Kummissjoni tqis li r-regoli inkwistjoni, fil-fatt, jirrestringu dawn id-drittijiet tal-ġenituri, sa fejn dawn iċaħħduhom minn materjal li jista' jkollhom bżonn għat-trobbija ta' wliedhom.

68 Qorti EDB, sentenza tal-25 ta' Frar 1982, Campbell u Cosans vs Ir-Renju Unit, (CE:ECLI:CE:ECHR:1982:0225JUD000751176, punt 40).

tiddependi fuq dan id-dritt tal-Karta sabiex tiġġustifika ksur tad-drittijiet fundamentali għan-nondiskriminazzjoni, il-ħajja privata u l-libertà tal-informazzjoni f'oqsma differenti tal-provvista ta' servizzi koperti mir-regoli.

128. Minn dan isegwi li l-Ungerija ma tistax tinvoka d-drittijiet tal-ġenituri li jrabbu lil uliedhom skont il-konvinzjonijiet personali tagħhom la bħala raġuni ta' interess ġenerali u lanqas bħala dritt fundamentali tal-ġenituri protett mill-Karta.

129. L-Ungerija ressqet ukoll argument addizzjonali fir-rigward tal-allegazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta. Hija tinvoka s-sentenza fil-kawża WABE [69] sabiex issostni li d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni ta' wliedhom f'konformità mal-konvinzjonijiet reliġjużi, filosofiċi jew pedagoġiċi tagħhom, jista' jiġġustifika d-differenza fit-trattament.

130. Anki jekk huwa minnu li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ppermettiet il-ġustifikazzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon, id-diskriminazzjoni f'dik il-kawża rriżultat minn regola newtrali, li madankollu affettwat xi reliġjonijiet iktar minn oħrajn. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, qieset li s-sitwazzjoni f'dik il-kawża kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta. Min-naħa l-oħra, kif targumenta l-Kummissjoni, id-diskriminazzjoni li tirriżulta mir-regoli inkwistjoni ma tirriżultax minn miżura newtrali, iżda hija bbażata direttament fuq ir-raġunijiet ipprojbiti ta' sess u orjentazzjoni sesswali.

131. Għalhekk, minbarra l-fehma tiegħi li r-regoli inkwistjoni ma jipproteġux id-drittijiet tal-ġenituri, l-Ungerija ma tistax tinvoka s-sentenza fil-kawża WABE sabiex tiġġustifika d-diskriminazzjoni li fuqha huma bbażati r-regoli tagħha.

132. Bħala konklużjoni, il-protezzjoni tal-minorenni jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ġenituri ma jistgħux jiġu invokati bħala ġustifikazzjoni għall-indħil fid-dritt fundamentali li wieħed ma jiġix iddiskriminat fuq il-bażi ta' sess jew orjentazzjoni sesswali, fil-libertà li wieħed jirċievi jew jagħti informazzjoni, u fid-dritt għall-ħajja privata kkawżat mil-Liġi Emendatorja u r-regoli li jirriżultaw minnha.

133. Għaldaqstant, ir-regoli 1, 3, 4, 6 u 7 jiksru l-Artikoli 21, 11 u 7 tal-Karta.

6. Ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta

134. Skont l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta relatati mal-Artikolu 1, id-dinjità tal-bniedem ma hijiex biss dritt fundamentali fiha nnifisha, iżda tikkostitwixxi l-bażi nnifisha ta' drittijiet fundamentali oħra. Il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni, il-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-ħajja privata huma l-espressjonijiet l-iktar konkreti tad-dinjità tal-bniedem kif espressa fil-Karta [70].

135. L-Ispjegazzjonijiet jistipulaw ukoll li d-dinjità tal-persuna umana hija parti mis-sustanza ta' drittijiet oħra stabbiliti fil-Karta u għalhekk għandha tiġi rrispettata, anki meta dawn id-drittijiet l-oħra jiġu ristretti.

[69] Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, WABE u MH Müller Handel (C-804/18 u C-341/19, EU:C:2021:594).

[70] Għalhekk, il-Qorti qieset li t-tolleranza tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali jew l-identitajiet tal-ġeneru tkun ekwivalenti għal nuqqas ta' rispett tad-dinjità u l-libertà li għalihom kull persuna hija intitolata. Ara s-sentenza tat-30 ta' April 1996, P. vs S. (C-13/94, EU:C:1996:170, punt 22).

136. Fil-fehma tiegħi, minn dawn l-ispjegazzjonijiet jirriżulta li jkun hemm ksur tad-dinjità tal-bniedem meta r-restrizzjonijiet ta' drittijiet oħra li huma l-espressjoni iktar konkreta tagħha ma jkunux jistgħu jiġu ġġustifikati.

137. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li d-dinjità tal-bniedem tinkiser meta jinkisru drittijiet assoluti, bħall-projbizzjoni ta' trattament inuman u degradanti u tortura, li l-ksur tagħhom qatt ma jista' jiġi ġġustifikat[71]. Fil-fehma tiegħi, b'analoġija, meta drittijiet fundamentali mhux assoluti, li huma marbuta mill-qrib mad-dinjità tal-bniedem, bħad-drittijiet inkwistjoni f'dan il-każ, jiġu miksura minħabba li l-indħil ma setax jiġi ġġustifikat, dan għandu jwassal ukoll għal konstatazzjoni ta' ksur tad-dinjità tal-bniedem.

138. Għalhekk, peress li l-Ungerija ma setgħetx toffri raġunijiet aċċettabbli biex tiġġustifika d-diskriminazzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-libertà tal-espressjoni u l-indħil fid-dritt għall-ħajja privata li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tagħha, din il-leġiżlazzjoni tammonta wkoll għal ksur tad-dinjità tal-bniedem. Din tikser id-dinjità tal-persuni LGBTI u l-persuni l-oħra kollha li ma jitħallewx jittrattaw lil dawn il-persuni LGBTI fuq l-istess livell bħall-bqija tas-soċjetà.

139. Għalhekk inqis li peress li l-Ungerija naqset milli tipprovdi ġustifikazzjoni għall-interferenza fid-drittijiet fundamentali li huma espressjoni tad-dinjità tal-bniedem, ir-regoli 1, 3, 4, 6 u 7 jiksru l-Artikolu 1 tal-Karta.

140. Bħala konklużjoni, bl-adozzjoni tar-regoli 1, 3, 4, 6 u 7, l-Ungerija kisret l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta.

141. Dan iwassalni għall-kwistjoni li għadha mhux solvuta dwar jekk u taħt liema kundizzjonijiet il-konstatazzjonijiet tal-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt primarju u sekondarju tal-Unjoni, kif ukoll ta' drittijiet ibbażati fuq il-Karta, jistgħu jwasslu għal konstatazzjoni indipendenti ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE.

C. Is-sitt motiv tal-Kummissjoni – Ksur tal-Artikolu 2 TUE

142. Permezz tas-sitt motiv tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, bl-adozzjoni tal-Liġi Emendatorja, li wasslet għar-regoli 1, 3, 4, 6 u 7, l-Ungerija, minbarra li kisret dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt primarju u sekondarju tal-Unjoni u diversi dispożizzjonijiet tal-Karta, kisret l-Artikolu 2 TUE.

143. L-Ungerija tiċħad il-possibbiltà li ksur tal-Artikolu 2 TUE jista' jiġi kkonstatat separatament minn dak ta' regoli oħra tal-Unjoni. Fil-fehma tagħha, huwa "inkonċepibbli li Stat jiġi kkundannat mill-Qorti tal-Ġustizzja biss abbażi tal-Artikolu 2 TUE, mingħajr ma din il-Qorti tiddikjara ksur ta' xi obbligu speċifiku ieħor previst mid-dritt tal-Unjoni"[72].

144. Sa fejn dan l-argument jopponi dipendenza awtonoma fuq l-Artikolu 2 TUE, dan huwa irrilevanti. Kif iddikjarajt fil-bidu tal-analiżi tiegħi, f'din il-kawża, ma huwiex meħtieġ li tiġi mistħarrġa l-possibbiltà li l-Artikolu 2 TUE jiġi invokat barra mill-kamp ta' applikazzjoni

71 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 85); tad-19 ta' Marzu 2019, Jawo (C-163/17, EU:C:2019:218, punt 78); u tas-17 ta' Ottubru 2024, Ararat (C-156/23, EU:C:2024:892, punt 36).

72 Punt 293 tas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Ungerija fir-risposta. F'dan ir-rigward, l-Ungerija tiċċita l-punti 132 u 133 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pikamäe fil-kawża Slovenja vs Il-Kroazja (C-457/18, EU:C:2019:1067).

tad-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni qajmet il-motiv ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, wara li talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li kien hemm ksur tat-Trattat, ta' diversi strumenti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni u kif ukoll tal-Karta.

145. L-Ungerija ssostni wkoll li l-Artikolu 2 TUE ma jistax jintuża bħala motiv legali indipendenti għall-azzjoni ta' ksur fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Dan l-Istat Membru jsostni li l-fatt stess li l-Kummissjoni torbot il-ksur tal-Artikolu 2 TUE mal-ksur ta' dispożizzjonijiet konkreti tad-dritt tal-Unjoni u tal-Karta jindika li l-Artikolu 2 TUE ma jistax jintuża bħala motiv indipendenti ta' ksur. Hija toffri għadd ta' argumenti oħra, li ser nindirizza fil-bqija ta' din it-taqsima tal-konklużjonijiet.

146. Dawn l-argumenti jressqu lill-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel domanda importanti: l-Artikolu 2 TUE huwa tip ta' dispożizzjoni li wieħed jista' jinvoka fi proċeduri ta' ksur? B'mod iktar ġenerali, il-kwistjoni hija jekk pretensjoni ta' ksur ta' valuri hijiex ġustizzjabbli; pretensjoni bħal din tista' tiġi deċiża mill-qrati, jew din hija kwistjoni li trid tiġi deċiża mill-proċess politiku?

147. Jekk l-Artikolu 2 TUE huwa ġustizzjabbli, il-mistoqsija li tqum hija dwar il-kriterji li għandhom jiggwidaw lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi jekk seħħx il-ksur indipendenti tal-Artikolu 2 TUE. Il-parteċipanti f'dawn il-proċeduri jaqblu li l-applikazzjoni tal-Artikolu 2 TUE tista' tiġi attivata biss b'mod eċċezzjonali, meta jseħħ il-ksur ta' ċertu livell ogħla ta' serjetà. Fil-kuntest tal-kawża inkwistjoni, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn is-sitwazzjonijiet li fihom ksur tad-drittijiet fundamentali jwassal ukoll għal ksur tal-Artikolu 2 TUE minn dawk li fihom, minkejja l-konstatazzjoni ta' ksur tal-Karta jew ta' prinċipji fundamentali oħra tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha toqgħod lura milli tiddikjara li seħħ ksur tal-Artikolu 2 TUE.

148. L-istudjużi taw ħafna attenzjoni lill-Artikolu 2 TUE, u eżaminawh minn angoli differenti. F'dawn il-konklużjonijiet, ma nistax nirrifletti fuq il-kwistjonijiet kollha li tqajmu minn dawn il-kontribuzzjonijiet akkademiċi. It-tweġiba għaż-żewġ mistoqsijiet ewlenin imsemmija hawn fuq, magħmula mill-partijiet u mill-intervenjenti f'din il-kawża, għandha tkun biżżejjed biex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi jekk, bl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni kkontestata, l-Ungerija kisritx l-Artikolu 2 TUE minbarra allegati okkorrenzi ta' ksur oħra.

149. Għaldaqstant, l-ewwel ser niddiskuti l-ġustizzjabbiltà tal-Artikolu 2 TUE. Wara li ma nsib ebda ostakoli sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tisma' talba għal ksur ibbażata fuq l-Artikolu 2 TUE f'ċirkustanzi bħal dawk f'din il-kawża, ser nistaqsi jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex tilqa' s-sitt motiv tal-Kummissjoni. L-ewwel ser nevalwa din il-kwistjoni f'termini ġenerali qabel ma napplika dawn il-konstatazzjonijiet għall-kawża inkwistjoni.

1. Ġustizzjabbiltà tal-Artikolu 2 TUE

150. It-terminu "ġustizzjabbiltà" jista' jkollu tifsiriet differenti. Ser nużah biex nindika li dispożizzjoni legali, bħall-Artikolu 2 TUE, tista' tintuża mill-qrati biex jaġġudikaw kawża.

151. Ir-regoli legali jistgħu jintużaw mill-qrati għal skopijiet differenti: bħala għodda interpretattiva sabiex tingħata tifsira lil regoli legali oħra, bħala sorsi ta' drittijiet għal suġġetti legali individwali, jew bħala kejl għall-evalwazzjoni tal-legalità ta' regola oħra.

152. Din il-kawża tqajjem biss il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 2 TUE jistax jintuża mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-aħħar wieħed mit-tliet użi hawn fuq elenkati, jiġifieri, għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur.

153. Għalhekk, din il-kawża ma tqajjimx il-kwistjoni tal-effett dirett u lanqas tal-effett interpretattiv tal-Artikolu 2 TUE[73].

154. L-ewwel kundizzjoni għall-użu ta' regola għall-istħarriġ ġudizzjarju hija li din ir-regola tkun tinkludi obbligi ta' natura legali. Qabel ma nistaqsi jekk l-Artikolu 2 TUE jikkostitwixxix tali regola legali, ser nispjega liema huma, fil-fehma tiegħi, iż-żewġ rwoli l-iktar importanti li din id-dispożizzjoni għandha fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, peress li dawn jinfluwenzaw it-tweġiba għall-mistoqsija dwar in-natura ġuridika ta' din id-dispożizzjoni.

a) Ir-rwol tal-Artikolu 2 TUE fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea

1) L-identità kostituzzjonali tal-Unjoni Ewropea

155. L-Artikolu 2 TUE jesprimi *l-għażla* tal-fundaturi tal-Unjoni tat-tip ta' soċjetà li l-Istati Membri wieġħdu li joħolqu flimkien fil-qafas tal-Unjoni.

156. Wieħed jista' jimmaġina soċjetajiet differenti: awtokraziji mhux ibbażati fuq is-separazzjoni tal-poteri; soċjetajiet li fihom il-maġġoranza eletta ma hijiex limitata mir-rekwiżit li d-drittijiet tal-bniedem jiġu rrispettati; soċjetajiet li huma mmexxija mill-irġiel, u mhux mil-liġi; soċjetajiet li ma jittrattawx lill-minoranzi bl-istess mod u jirriżervaw id-dinjità tal-bniedem biss għall-maġġoranza; jew soċjetajiet li ma jagħrfux li n-nisa huma ugwali għall-irġiel. Soċjetajiet bħal dawn tabilħaqq jeżistu, u qed jitfaċċaw, madwar id-dinja.

157. Il-viżjoni ta' *soċjetà tajba* skont il-kostituzzjoni tal-Unjoni hija differenti. Din il-viżjoni hija espressa fl-Artikolu 2 TUE. Il-valuri enumerati f'din id-dispożizzjoni: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-Istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, moqrija flimkien, ipinġu stampa ta' *demokrazija kostituzzjonali li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem*[74].

158. Din l-għażla hija espressa fid-dispożizzjoni tal-bidu tat-Trattati, u għalhekk, kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja, tirrappreżenta *l-identità nnifisha* tal-Unjoni[75]. Fil-qosor, fin-nuqqas ta' dawn il-valuri, l-Unjoni Ewropea ma tibqax l-Unjoni kif prevista mit-Trattati.

[73] Għandi, madankollu, nistqarr li jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta l-invokabbiltà indipendenti tal-Artikolu 2 TUE, dan aktarx jerġa' jiftaħ id-diskussjoni dwar id-differenza bejn l-invokabbiltà tas-sostituzzjoni u l-invokabbiltà tal-esklużjoni tar-regoli tal-Unjoni li fuqhom jibbażaw ruħhom il-partijiet quddiem il-qrati nazzjonali.

[74] Fit-tieni sentenza tiegħu, l-Artikolu 2 TUE jsemmi wkoll il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dawn il-valuri imsemmija b'mod addizzjonali jistgħu jinftiehmu bħala meħtieġa għall-kisba tal-valuri espressi fl-ewwel sentenza. Għalhekk, pereżempju, il-pluraliżmu huwa prekundizzjoni għas-soċjetà demokratika; it-tolleranza, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel huma prekundizzjonijiet għall-ugwaljanza; filwaqt li l-ġustizzja u s-solidarjetà jistgħu jinftiehmu bħala kundizzjoni għar-rispett tad-dinjità tal-bniedem. Xi studjuži jqisu li ma għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn il-valuri elenkati fl-ewwel u fit-tieni sentenza. Pereżempju, Wouters, J., "Revisiting Art. 2 TEU: A True Union of Values?", *European Papers*, 2020, p. 255, fil-paġni 258 u 259. F'dawn il-konklużjonijiet, ma huwiex meħtieġ li nidħol f'diskussjoni dwar ir-raġunijiet possibbli għal u d-differenzi bejn żewġ sentenzi li jikkostitwixxu l-Artikolu 2 TUE. Għal diskussjoni bħal din, ara Rossi, L.S., nota ta' qiegħ il-paġna 22, *op. cit.*, paġni 1 sa 24, minn p. 11.

[75] Sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:97, punt 127), u tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-157/21, EU:C:2022:98, punt 145). Minn issa 'l quddiem, ser nirreferi għal dawn is-sentenzi bħala s-"sentenzi ta' kundizzjonalità".

2) Kundizzjoni għall-funzjonament tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea

159. L-Artikolu 2 TUE ma huwiex importanti biss għad-definizzjoni tal-identità tal-Unjoni Ewropea. Għandu wkoll importanza prattika sinjifikattiva, peress li jippermetti l-funzjonament tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

160. L-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huwa ordinament kompost, li jikkonsisti f'regoli ppromulgati fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Ir-regoli fil-livell tal-Unjoni huma dipendenti fuq ir-regoli fil-livell nazzjonali u l-funzjonament tajjeb tal-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri. Biex jeżisti tali ordinament ġuridiku kompost, huwa indispensabbli li l-valuri komuni jiġu osservati kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali [76].

161. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet b'mod konsistenti sa mill-Opinjoni 2/13 li "[t]ali struttura legali [tal-Unjoni] hija bbażata fuq il-premessa fundamentali li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħra kollha, u jirrikonoxxi li dawn jikkondividu miegħu, sensiela ta' valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif jippreċiża l-Artikolu 2 TUE. Din il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rikonoxximent ta' dawn il-valuri u, għalhekk, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni li jimplementahom" [77].

162. Jekk l-Istati Membri ma jistgħux jafdaw lil xulxin fir-rigward tal-osservanza tal-valuri fundaturi, l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li fil-biċċa l-kbira huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, ma jkunx jista' jiġi implimentat fil-prattika. Huwa preċiżament dan il-prinċipju li, sa mis-sentenza fil-kawża Cassis de Dijon [78], iċċitata iktar 'il fuq, jippermetti li tinżamm id-diversità bejn is-soluzzjonijiet legali adottati mill-Istati Membri, filwaqt li madankollu jippermetti l-moviment liberu ta' merkanzija, servizzi, persuni, kapital u deċiżjonijiet ġudizzjarji minn Stat Membru għal ieħor.

163. Għalhekk, l-osservanza tal-valuri stipulati fl-Artikolu 2 TUE hija l-kundizzjoni politika u prattika għall-eżistenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

b) L-Artikolu 2 TUE bħala dispożizzjoni legalment vinkolanti

164. Fis-*sentenzi ta' kundizzjonalità*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Artikolu 2 TUE *ma jikkostitwixxix sempliċi artikolazzjoni ta' linji gwida jew ta' intenzjonijiet ta' natura politika*, iżda jinkludi valuri li jaqgħu taħt, hekk kif ġie osservat fil-punt 127 iktar 'il fuq, l-identità nnifisha tal-Unjoni inkwantu ordinament ġuridiku komuni, valuri li huma *kkonkretizzati fil-prinċipji li jinkludu obbligi legalment vinkolanti* għall-Istati Membri" [79].

[76] Fl-Opinjoni 1/17 (Ftehim CETA bejn l-Unjoni u l-Kanada) tat-30 ta' April 2019 (EU:C:2019:341, punt 110), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Unjoni għandha qafas kostituzzjonali li huwa uniku għaliha, li jinkludi l-valuri elenkati fl-Artikolu 2 TUE.

[77] Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-KEDB) tat-18 ta' Diċembru 2014 (EU:C:2014:2454, punt 168); sentenzi tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea (C-284/16, EU:C:2018:158, punt 34); tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 35); u tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 62).

[78] Sentenza tal-20 ta' Frar 1979, Rewe-Zentral (120/78, EU:C:1979:42).

[79] Sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:97, punt 232), tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-157/21, EU:C:2022:98, punt 264) (enfasi miżjud). Dan il-paragrafu ġie rripetut mill-Qorti tal-Ġustizzja f'sentenzi sussegwenti. Ara, pereżempju, sentenzi tad-29 ta' Lulju 2024, Valančius (C-119/23, EU:C:2024:653, punt 47); tal-10 ta' Settembru 2024, KS *et* vs Il-Kunsill *et* (C-29/22 P u C-44/22 P, EU:C:2024:725, punt 68); u tad-19 ta' Novembru 2024, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Kapaċità ta' kontestazzjoni f'elezzjoni u sħubija f'partit politiku) (C-814/21, EU:C:2024:963, punt 157).

165. Din id-dikjarazzjoni tista' tinqara mill-inqas b'żewġ modi differenti. Jista' jiġi sostnut, perspettiva li tidher li hija l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-Parlament u tal-Istati Membri intervenjenti, li l-Artikolu 2 TUE, peress li ma huwiex sempliċi dikjarazzjoni politika, huwa dispożizzjoni li fiha obbligi legali għall-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, minħabba l-aħħar parti tas-sentenza, jista' jiġi argumentat, kif tagħmel l-Ungerija, li l-obbligi ma humiex maħluqa mill-Artikolu 2 TUE innifsu, iżda jeħtieġ li jiġu kkonkretizzati permezz ta' prinċipji legali sabiex jinħoloq parametru ta' kontroll fil-proċeduri ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

166. Naqbel mal-pożizzjoni mressqa mill-Kummissjoni, kif sostnuta mis-16-il Stat Membru intervenjenti u mill-Parlament. Fil-fehma tiegħi, ċerti obbligi huma tabilħaqq imposti fuq l-Istati Membri direttament bis-saħħa tal-Artikolu 2 TUE. Nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tuża l-opportunità mogħtija minn din il-kawża sabiex tikkonferma tali interpretazzjoni tal-paragrafu kkwotat tas-*sentenzi tagħha ta' kundizzjonalità*. Ser nipproponi diversi argumenti għal tali interpretazzjoni.

1) Test, kuntest u storja

167. Forza legalment vinkolanti tista' tiġi attribwita lill-Artikolu 2 TUE minħabba l-pożizzjoni tiegħu fit-Trattati. Huwa jifforma parti mill-korp normattiv tat-Trattat UE, u mhux mill-Preambolu tiegħu. Jista' jingħad li jekk dawk li jfasslu t-Trattat riedu jċaħħdu lill-Artikolu 2 TUE mis-saħħa legali, huma kienu jesprimu l-impenn għall-protezzjoni tal-valuri fil-Preambolu [80]. Għalhekk, ir-rikonoxximent tal-Qorti tal-Ġustizzja li dan l-artikolu "ma jikkostitwixxix sempliċi artikolazzjoni ta' linji gwida jew ta' intenzjonijiet ta' natura politika" għandu jinftiehem fis-sens li l-valuri tal-Artikolu 2 għandhom is-saħħa ta' obbligi legali [81].

168. Il-kliem, li jistrieħ fuq it-terminu "valuri", ma jeskludix li l-Artikolu 2 TUE huwa legalment vinkolanti.

169. Il-verżjonijiet preċedenti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirreferu fl-Artikolu 6(1) tiegħu għall-prinċipji, minflok valuri: "L-Unjoni hija stabbilita fuq *il-prinċipji* ta' liberta', demokrazija, rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt, prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri" [82]. It-terminu "valuri" intuża biss mit-Trattat ta' Lisbona, li ppropona l-istess kelma bħall-Konvenzjoni ta' Lisbona għall-Ewropa [83]. Din il-bidla fil-kliem ma tistax tiġi interpretata bħala intenzjoni sabiex tiġi mċaħħda jew imnaqqsa n-natura legali tal-valuri fl-Artikolu 2 TUE tal-lum. Pjuttost għall-kuntrarju; rekords mill-ħidma tal-Konvenzjoni għall-Kostituzzjoni għall-Ewropa jissuġġerixxu li l-intenzjoni kienet, fil-fatt, li jiġu introdotti għadd ta' obbligi legali għall-Istati Membri. Meta ppropona d-dispożizzjoni dwar il-valuri,

80 F'dan ir-rigward ara, pereżempju, Petit, Y., "Article L", f'Constantinesco, V., Kovar, R., Simon, S., (edituri), *Traité sur l'Union européenne, Commentaire article par article*, Economica, Pariġi, 1995, p. 866.

81 Ara, f'dan ir-rigward, Spieker, L., "EU Values before the Court of Justice", 2023, OUP, Oxford, p. 35; Hillion, C., "Overseeing the Rule of Law in the EU, Legal Mandate and Means", f'Closa, C. u Kochenov, D., (edituri), *Reinforcing Rule of Law Oversight in the European Union*, Cambridge University Press, Cambridge, 2016, p. 59 sa 81; Rossi, L.S., "La valeur juridique des valeurs", *Revue trimestrielle de droit européen*, 2020, p. 639; Tridimas, T., "Wreaking the Wrongs: Balancing Rights and the Public Interest the EU Way", The Columbia Journal of European Law, 2023, p. 185 sa 213; Dupont, P, *Les dispositions liminaires du traité sur l'Union européenne devant la Cour de justice de l'Union européenne*, teżi tad-dottorat difiża fl-Université Paris, Panthéon-Assas, Novembru 2024, Kapitolu 1 (fil-fajl mal-awtur).

82 It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fil-verżjoni tiegħu wara l-emendi introdotti mit-Trattat ta' Amsterdam. Ara t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (verżjoni kkonsolidata 1997) (ĠU 1997 C 340, p. 145); ara wkoll Verżjonijiet ikkonsolidati tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU 2006, C 321E, p. 1).

83 Fil-kliem attwali tiegħu, l-Artikolu 2 TUE jirreplika eżattament l-Artikolu I-2 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa.

il-Praesidium saħaq fuq il-ħtieġa għal lista qasira ta' valuri fundamentali li għandhom "bażi legali ċara mhux kontroversjali sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħrfu l-obbligi li jirriżultaw minnhom" [84].

170. Barra minn hekk, it-Trattati stess jużaw it-termini valuri u prinċipji b'mod interkambjabbli [85], kif tagħmel il-Qorti tal-Ġustizzja [86].

171. Ir-riferiment għall-Artikolu 2 TUE f'dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati timmilita wkoll favur l-interpretazzjoni li l-osservanza tal-valuri huwa obbligu legali. L-Artikolu 3(1) TUE għalhekk b'mod ġenerali jgħid li l-Unjoni għandha l-għan li tippromwovi l-paċi u l-valuri tagħha, u l-Artikolu 3(5) jipprovdi li l-Unjoni għandha tafferma u tippromwovi l-valuri tagħha fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja. L-importanza tal-valuri fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni hija ripetuta fl-Artikolu 8 TUE, u l-obbligu għall-Unjoni Ewropea li tissalvagwardja l-valuri tagħha fir-relazzjonijiet esterni tagħha huwa żviluppat iktar fl-Artikolu 21(2)(a) TUE, u fl-Artikolu 32 u 42(5) tiegħu. Id-dispożizzjoni tal-ftuħ dwar l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Artikolu 13 TUE, tipprovdi li l-Unjoni għandu jkollha qafas istituzzjonali maħsub sabiex jippromwovi l-valuri tagħha.

172. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu li jiġi konkluż li ż-żamma u l-promozzjoni tal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE hija obbligu għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni meta jilleġiżlaw internament jew jieħdu azzjoni esternament. Tali obbligu huwa impost ukoll fuq l-Istati Membri?

173. L-Artikolu 7 TUE, li jintroduċi proċedura speċjali li tista' twassal għas-sospensjoni tad-drittijiet tal-vot ta' Stat Membru li jikser b'mod serju u persistenti l-valuri tal-Artikolu 2 TUE, huwa argument importanti favur il-konklużjoni li l-osservanza ta' dawn il-valuri hija obbligu impost mit-Trattati fuq l-Istati Membri.

174. F'dan ir-rigward, il-Preambolu tat-Trattat FUE itenni li l-Istati Membri għandhom josservaw il-valuri tal-Artikolu 2 TUE b'riferiment għall-Artikoli 49 u 7 TUE.

175. Fil-fehma tiegħi, l-iktar dispożizzjoni importanti li twassal għall-konklużjoni li l-Artikolu 2 TUE joħloq obbligi legali għall-Istati Membri huwa l-Artikolu 49 TUE.

2) L-importanza tal-Artikolu 49 TUE

176. L-Artikolu 49 TUE jiftaħ il-bibien tal-Unjoni għal kull Stat Ewropew li josserva l-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE u jimpenja ruħu sabiex jippromwovihom.

177. Għalhekk, meta jidħlu fl-Unjoni, Stati ġodda jaderixxu wkoll għall-għażla kostituzzjonali ta' soċjetà tajba kif espressa fl-Artikolu 2 TUE.

[84] Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea, *Draft of Articles 1 to 16 of the Constitutional Treaty*, CONV 528/03, p. 11, disponibbli fuq https://www.europarl.europa.eu/meetdocs/committees/empl/20030219/conv528en.pdf. Għal rendikont dettaljat ara, Spieker, L., nota ta' qiegħ il-paġna 81, *op. cit.*, p. 43 sa 47. Ara wkoll von Bogdandy, A., "Founding Principles", f'von Bogdandy, A. u Bast, J., (edituri), *Principles of European Constitutional Law*, it-tieni edizzjoni, Hart, Oxford, 2009, 11, fi 22.

[85] Wara li jirreferi għall-"*valuri* universali tad-drittijiet invjolabbli u inaljenabbli tal-bniedem, kif ukoll il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, u l-istat tad-dritt", il-Preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea mbagħad jikkonferma r-rabta tagħhom mal-"*prinċipji* tal-libertà, demokrazija u rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u lejn l-istat tad-dritt" (enfasi miżjuda).

[86] B'hekk, pereżempju fil-punt 69 tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586), il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għall-"valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE", biss sabiex tibdel il-kliem għal "prinċipji msemmija fl-Artikolu 2 TUE" fil-punti 70 u 71 (li jinstab fi Spieker, L., nota' ta' qiegħ il-paġna 81, *op. cit.*, p. 41).

178. L-Artikolu 49 TUE għandu żewġ implikazzjonijiet importanti. L-ewwel waħda hija bbażata fuq il-premessa li Stat jagħżel li jissieħeb fl-Unjoni għaliex il-valuri tal-Artikolu 2 TUE huma wkoll l-għażla kostituzzjonali ta' dak l-Istat. Tabilħaqq, kif ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja [87], qabel ma jiġi ammess fl-Unjoni, Stat kandidat għandu jissodisfa lill-Istati Membri l-oħra li jissodisfa l-"kriterji politiċi ta' Kopenħagen", li jirriflettu l-valuri tal-Artikolu 2 [88].

179. Dan l-aspett tal-Artikolu 49 TUE ippermetta lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Unjoni "tressaq flimkien Stati li ddeċidew b'mod ħieles u volontarju li jaderixxu mal-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 2 TUE, li josservaw dawn il-valuri u li jimpenjaw ruħhom li jippromwovuhom" [89].

180. L-impenn lejn il-valuri tal-Artikolu 2 jibqa' jeżisti matul is-sħubija fl-intier tagħha ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea. Fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-osservanza ta' dawn il-valuri ma għandhiex tiġi ridotta għal obbligu li għandu jiġi osservat minn Stat kandidat sabiex jaderixxi mal-Unjoni u li huwa jista' ma jkomplix josserva wara l-adeżjoni tiegħu" [90].

181. Fis-sentenza fil-kawża Repubblika, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li "l-osservanza minn Stat Membru tal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE tikkostitwixxi kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet kollha li joħorġu mill-applikazzjoni tat-Trattati għal dan l-Istat Membru" [91].

182. L-Artikolu 49 TUE jirreferi għall-impenn tal-Istati Membri li *jippromwovu* l-valuri tal-Artikolu 2. Minn dan jirriżultaw żewġ tipi ta' obbligi għall-Istati Membri: l-obbligu ta' nuqqas ta' rigressjoni u l-obbligu li jittieħdu miżuri biex jinkisbu l-valuri tal-Artikolu 2 TUE. Dawn iż-żewġ obbligi huma obbligi ta' riżultat imposti fuq l-Istati Membri, kif diġà kkonfermat il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-valur tal-Istat tad-dritt [92].

183. L-ewwel aspett ta' dan l-obbligu fir-rigward ta' riżultat huwa li l-Istati Membri għandhom iżommu mill-inqas il-livell ta' protezzjoni tal-valuri li kien jeżisti meta ssieħbu fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Istati Membri għandhom obbligu ta' nuqqas ta' rigressjoni. Fi kliem ieħor, l-Istati Membri huma pprojbiti li jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom b'mod li jimplika rigress fil-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni [93]. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja

87 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank (C-132/20, EU:C:2022:235, punt 104).

88 Fil-21 u fit-22 ta' Ġunju 1993, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa f'Kopenħagen il-kriterji li l-Istati kandidati għandhom jissodisfaw sabiex ikunu ammessi fl-Unjoni. Parti minn dawn il-kriterji, li normalment jissejħu kriterji politiċi ta' Kopenħagen, jeħtieġu li Stat għandu jkollu "istituzzjonijiet stabbli li jiggarantixxu d-demokrazija, is-supremazija tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett tal-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom". Fl-evalwazzjoni dwar jekk Stat kandidat jirrispettax dawn il-valuri, il-Kummissjoni tqis l-aspetti kollha tas-soċjetà ta' dak l-Istat, inklużi dawk li ma humiex fil-kompetenza regolatorja tal-Unjoni, bħall-organizzazzjoni tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni tal-Istat, jew ir-rispett għan-NGOs u l-pluraliżmu tal-midja. Kunsill Ewropew, "Konklużjonijiet tal-Presidenza", Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen – 21-22 ta' Ġunju 1993, disponibbli fuq http://www.europarl.europa.eu/enlargement/ec/pdf/cop_en.pdf.

89 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 42).

90 Sentenza tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:97, punt 126). Ara wkoll is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 68).

91 Sentenza tal-20 ta' April 2021, Repubblika (C-896/19, EU:C:2021:311, punt 63).

92 Ara *s-sentenzi ta' kundizzjonalità*, (is-sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:9, punt 231) u tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-157/21, EU:C:2022:98, punt 263)) li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-obbligu relatat mal-osservanza tal-Istat tad-dritt li jinsab fir-Regolament dwar il-kundizzjonalità jikkostitwixxi espressjoni speċifika tar-rekwiżiti li jirriżultaw, għall-Istati Membri, mill-appartenenza tagħhom mal-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 2 TUE. Hija mbagħad tkompli tispjega li l-obbligu fir-rigward tar-riżultat li din id-dispożizzjoni tar-Regolament dwar il-kundizzjonalità tinkludi jirriżulta direttament mill-impenji meħuda mill-Istati Membri kemm fil-konfront ta' xulxin kif ukoll fil-konfront tal-Unjoni Ewropea.

93 Sentenza tal-20 ta' April 2021, Repubblika (C-896/19, EU:C:2021:311, punt 63).

kellha l-opportunità li tistabbilixxi u tikkonferma l-prinċipju ta' nuqqas ta' rigressjoni biss f'kawżi li kienu relatati mal-valur tal-Istat tad-dritt [94], ma hemm ebda raġuni għalfejn l-istess prinċipju ta' nuqqas ta' rigressjoni ma għandux japplika għall-valuri kollha stipulati fl-Artikolu 2 TUE.

184. Il-kriżi tal-Istat tad-dritt, li rriżultat f'numru ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, għallmitna li l-valuri ma għandhomx jittieħdu bħala fatt. L-Istati Membri għandhom jaħdmu b'mod attiv mhux biss biex iżommu l-livell ta' protezzjoni eżistenti tagħhom fil-punt tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, iżda għandhom ukoll jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ineħħu kwalunkwe ostakolu eżistenti għall-osservanza sħiħa ta' dawn il-valuri fis-soċjetajiet tagħhom.

185. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-opportunità li tesprimi direttament tali obbligu pożittiv, jiena tal-fehma li l-kelma "jippromwovihom" fl-Artikolu 49 TUE teħtieġ ukoll sforz pożittiv sabiex jintlaħqu l-valuri tal-Artikolu 2 fi ħdan is-soċjetajiet ta' kull wieħed mill-Istati Membri. Dan huwa importanti fir-rigward tar-restawr tas-separazzjoni tal-poteri u ġudikatura indipendenti. Huwa ugwalment importanti fir-rigward ta' valuri oħra, bħal, pereżempju, l-ugwaljanza. Jekk ikun hemm inugwaljanza strutturali f'soċjetà, bħalma jidher li huwa l-każ fir-rigward tal-minoranza LGBTI fl-Ungerija, l-Istat Membru għandu jaħdem b'mod attiv biex isolvi tali problema strutturali, u għandu, *a fortiori*, joqgħod lura milli jaggravaha.

186. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tispjega li, bid-dikjarazzjoni tagħha riprodotta fil-punt 164 ta' dawn il-konklużjonijiet, hija ma kellhiex l-intenzjoni li tiċħad il-kapaċità tal-Artikolu 2 TUE li fih innifsu jimponi obbligi indipendenti fuq l-Istati Membri. Għall-kuntrarju, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jżommu u jippromwovu b'mod attiv il-valuri enumerati fl-Artikolu 2 TUE, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 49 TUE.

187. Id-dikjarazzjoni ċċitata fil-punt 164 ta' dawn il-konklużjonijiet tista' għalhekk tiġi fformulata mill-ġdid b'dan il-mod: "L-Artikolu 2 TUE ma jikkostitwixxix sempliċi artikolazzjoni ta' linji gwida jew ta' intenzjonijiet ta' natura politika, iżda jinkludi valuri li jaqgħu taħt l-identità nnifisha tal-Unjoni inkwantu ordinament ġuridiku komuni, u jeħtieġ li l-Istati Membri jippreżervawhom u jippromwovuhom. Dawn il-valuri huma kkonkretizzati fil-prinċipji li jinkludu obbligi legalment vinkolanti għall-Istati Membri."

188. Il-konstatazzjoni li l-Artikolu 2 TUE fih obbligi legali ta' riżultat għall-Istati Membri għadha ma tfissirx li tali obbligi huma ġustizzjabbli u eżegwibbli. Issa ser indur għal din il-kwistjoni.

c) Raġunijiet favur u kontra l-ġustizzjabbiltà tal-Artikolu 2 TUE

1) Raġunijiet għall-ġustizzjabbiltà

189. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jiddefinixxi l-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala wieħed li jiżgura li, fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati, id-dritt ikun osservat.

[94] Pereżempju, is-sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociaţia 'Forumul Judecătorilor din România' *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 162); tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596, punt 51); tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 74); u tas-7 ta' Settembru 2023, Asociaţia 'Forumul Judecătorilor din România' (C-216/21, EU:C:2023:628, punt 69).

190. Fit-twettiq ta' dan il-kompitu, il-Qorti tal-Ġustizzja hija ċertament mistennija tiżgura li jiġi osservat id-dritt tal-Unjoni ta' natura kostituzzjonali. L-Artikolu 2 TUE jikkostitwixxi, kif spjegat, dispożizzjoni ta' din ix-xorta; u huwa tal-ikbar importanza għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, peress li jiddefinixxi l-identità tagħha u jippermetti l-funzjonament tagħha.

191. Il-Qorti tal-Ġustizzja twettaq ir-rwol kostituzzjonali tagħha fl-ambitu tal-proċeduri stipulati fit-Trattati. Fost dawn il-proċeduri hemm il-proċedura ta' ksur, irregolata mill-Artikoli 258 sa 260 TFUE.

192. Skont l-Artikolu 258 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha kompetenza li tikkonstata li Stat Membru naqas milli jwettaq *obbligu skont it-Trattati* [95].

193. Peress li, kif ġie spjegat qabel, l-Artikolu 2 TUE joħloq obbligi legali għall-Istati Membri, l-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi permezz ta' dikjarazzjoni ta' ksur fil-proċeduri mressqa skont l-Artikolu 258 TFUE hija parti mill-kompetenzi ordinarji tal-Qorti tal-Ġustizzja taħt it-Trattati.

194. Kif indikat il-Kummissjoni, il-proċeduri taħt l-Artikolu 258 TFUE huma ta' natura oġġettiva [96], u l-Qorti tal-Ġustizzja għandha biss tiddetermina jekk dispożizzjoni legali inkisritx jew le. Għalhekk, peress li l-Artikolu 2 TUE huwa dispożizzjoni legali, sakemm il-ġurisdizzjoni tagħha ma tkunx eskluża fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur tagħha.

195. Meta l-fundaturi tat-Trattati riedu jeskludu l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, dan ġie previst espressament fit-Trattati [97]. F'dan ir-rigward, għall-kuntrarju tal-verżjonijiet preċedenti tat-Trattati [98], il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-Artikolu 2 TUE ma hijiex eskluża jew limitata.

2) Diskussjoni tar-raġunijiet kontra l-ġustizzjabbiltà

i) Artikolu 7 TUE

196. Wieħed mill-argumenti li ppreżentat l-Ungerija biex topponi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li ssib ksur indipendenti tal-Artikolu 2 TUE kien fir-rigward tal-Artikolu 7 TUE.

[95] Sa minn kmieni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li din l-espressjoni tfisser li r-regola li fir-rigward tagħha jiġi allegat ksur minn Stat Membru għandu jkun fiha obbligi legali għal dak l-Istat. Ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 1980, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (32/79, EU:C:1980:189, punt 11).

[96] Ara, *ex multis*, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Valuri limitu – PM10) (C-644/18, EU:C:2020:895, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata), jew tat-28 ta' Jannar 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Direttiva kontra l-ħlas tard) (C-122/18, EU:C:2020:41, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata). In-natura oġġettiva tal-proċeduri ta' ksur ġiet enfasizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tispjega li l-motivi tal-Kummissjoni għall-ftuħ ta' proċeduri partikolari huma irrilevanti u ma jistgħux jintużaw bħala difiża minn Stat konvenut. Ladarba l-Kummissjoni ssostni li nkisret dispożizzjoni legali partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika jekk dan kienx il-każ, fid-dritt u fil-fatt, minkejja l-bażijiet invokati mill-Kummissjoni. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Edukazzjoni Ogħla) (C-66/18, EU:C:2020:792, punt 56).

[97] Abbażi tal-Artikoli 24 TUE u 275 TFUE, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti hija eskluża fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' politika estera u ta' sigurtà komuni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat din l-esklużjoni b'mod strett. Ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2024, KS *et* vs Il-Kunsill *et* (C-29/22 P u C-44/22 P, EU:C:2024:725). Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti hija limitata wkoll fir-rigward tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv tal-gvern, abbażi tal-Artikolu 126(10) TFUE. Fl-aħħar, l-Artikolu 269 TFUE jillimita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-istħarriġ tal-legalità tal-atti adottati abbażi tal-Artikolu 7 TUE. Tali stħarriġ jista' jinbeda biss mill-Istat Membru kkonċernat b'tali deċiżjoni, u fir-rigward biss ta' aspetti proċedurali tal-Artikolu 7 TUE.

[98] Skont l-Artikolu 46(d) TUE, fil-verżjoni ta' wara t-Trattat ta' Nice, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha ġurisdizzjoni biss fuq l-Artikolu 6(2) TUE, kif kien dak iż-żmien, iżda mhux fuq il-"prinċipji" fl-Artikolu 6(1), li iktar tard issemmew mill-ġdid bħala valuri.

197. L-argument huwa li l-kwistjoni tal-ksur tal-valuri fl-Artikolu 2 TUE, anki jekk mhux espressament imneħħija mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja minn xi dispożizzjoni tat-Trattati, ma taqax fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja peress li l-Artikolu 7 TUE jagħti ġurisdizzjoni esklużiva fuq din il-kwistjoni lill-istituzzjonijiet politiċi [99].

198. L-Ungerija diġà użat argumenti simili fil-kawżi li wasslu għas-*sentenzi ta' kundizzjonalità*, billi sostniet li l-Artikolu 7 TUE huwa l-unika proċedura li tippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jeżaminaw, jikkonstataw u, jekk ikun il-każ, jissanzjonaw ksur tal-Artikolu 2 TUE [100]. Fis-sentenzi tagħha f'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dawn l-argumenti. Hija ddeċidiet li "bil-kontra ta' dak li ssostni l-Ungerija, sostnuta mir-Repubblika tal-Polonja, minbarra l-proċedura prevista fl-Artikolu 7 TUE, diversi dispożizzjonijiet tat-Trattati, ta' spiss ikkonkretizzati permezz ta' diversi atti tad-dritt sekondarju, jagħtu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni l-kompetenza li jeżaminaw, li jikkonstataw u, jekk ikun il-każ, li jissanzjonaw ksur tal-valuri li jinsabu fl-Artikolu 2 TUE imwettaq fi Stat Membru" [101].

199. F'dawk is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li l-Artikolu 7 TUE ma jistax jiġi interpretat bħala għażla kostituzzjonali li l-kontroll u s-sanzjoni tal-ksur tal-Artikolu 2 TUE jiġu sottomessi esklużivament għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 7 TUE.

200. Din id-dispożizzjoni, għalhekk, ma tistax tiġi interpretata bħala li teskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [102].

ii) In-natura ġenerali tal-valuri fl-Artikolu 2 TUE

201. It-tieni argument, li l-Ungerija ressqet sabiex tikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata ksur indipendenti tal-Artikolu 2 TUE, huwa n-natura ġenerali u l-kontenut indeterminat tal-valuri li dan l-artikolu jelenka.

202. Tabilħaqq, anki jekk l-Artikolu 2 TUE jimponi fuq l-Istati Membri obbligi ta' riżultat – li ma jkunx hemm rigress fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni tal-valuri u li dawn jiġu promossi fi ħdan is-soċjetajiet tagħhom – il-kontenut konkret ta' kull wieħed mill-valuri ma huwiex iddeterminat minn din id-dispożizzjoni.

203. Madankollu, il-valuri huma deliberatament astratti [103]. Il-kontenut miftuħ tagħhom iħalli spazju għal djalogu kostituzzjonali bejn l-Istati Membri u l-eżistenza parallela ta' "konkretizzazzjonijiet" differenti ta' valuri [104].

99 Dan huwa tip ta' argument li ntuża fil-prattika kostituzzjonali tal-Istati Uniti taħt l-isem tad-"duttrina tal-kwistjoni politika". Waħda mir-raġunijiet, kif ġew miġbura fil-qosor fil-kawża Baker vs Carr, 369 U.S. 186, 217 (1962), għal xiex il-Qrati Federali tal-Istati Uniti jistgħu jqisu kwistjoni mhux xierqa għal riżoluzzjoni ġudizzjarja hija "impenn kostituzzjonali li jista' jintwera testwalment tal-kwistjoni għal dipartiment politiku kkoordinat".

100 Sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:97, punt 155), u tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-157/21, EU:C:2022:98, punt 195).

101 Sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:97, punt 159), u tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-157/21, EU:C:2022:98, punt 328).

102 Barra minn hekk, l-Artikolu 269 TFUE, li jipprovdi li f'azzjoni ta' annullament imressqa kontra deċiżjoni adottata fil-qafas tal-proċedura tal-Artikolu 7 TUE minn Stat Membru li fil-konfront tiegħu tkun indirizzata tali deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biss li tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet proċedurali previsti fl-Artikolu 7 TUE ġewx miksura, ma taffettwax il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fi proċeduri ta' ksur imressqa kontra Stat Membru fejn jiġi allegat ksur tal-Artikolu 2 TUE.

103 F'dan ir-rigward, ara Dubout, E., Peut-on défendre les valeurs de l'Union européenne par le droit?" *RDLF*, 2024 chron. n°80.

104 Dan jintwera tajjeb miċ-ċirkustanzi li wasslu għas-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega (C-36/02, EU:C:2004:614). Il-loġġba li kienet tinvolvi s-simulazzjoni tal-isparar u l-qtil ta' nies f'laserdrome kienet mifhuma bħala ksur tad-dinjità tal-bniedem taħt il-Kostituzzjoni Ġermaniża, filwaqt li ma jidhirx li l-istess loġġba kienet meqjusa bħala problematika f'termini ta' dinjità tal-bniedem fi Stati Membri oħra.

204. Dan il-kontenut miftuħ tal-valuri tal-Artikolu 2 jipprekludi l-użu tiegħu mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju?

205. L-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li n-natura ġenerali tal-prinċipji tal-Unjoni ma hijiex neċessarjament ostakolu għall-użu tagħhom għall-finijiet tal-istħarriġ ġudizzjarju [105].

206. It-tieni, l-interpretazzjoni ta' kunċetti indeterminati hija attività ordinarja għall-qrati, u, minħabba l-indeterminazzjoni ta' spiss preżenti fin-normi ta' natura kostituzzjonali, hija waħda mill-kompiti ewlenin tal-qrati kostituzzjonali.

207. Dan ma jfissirx li l-Qorti tal-Ġustizzja qed twettaq eżerċizzju ta' tlaħħim b'mod arbitrarju u f'vakwu. Kif diġà ġie spjegat, il-valuri huma mogħtija espressjoni iktar sħiħa f'numru ta' prinċipji iktar konkreti li jinsabu fit-Trattati, fil-Karta u fid-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, li huwa riżultat tal-proċess leġiżlattiv, u li jinvolvi l-Istati Membri kollha [106]. Il-konkretizzazzjoni tal-valuri hija għalhekk ir-riżultat ta' djalogu dwar it-tifsira tal-valuri fil-livell tad-dritt primarju jew f'dak tad-dritt sekondarju.

208. F'sensiela ta' sentenzi, li jibdew bil-kawża tal-Imħallfin Portugiżi [107], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-valur tal-Istat tad-dritt ġie kkonkretizzat permezz tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Fil-kawżi li segwew, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat fehim iktar iddettaljat tar-rekwiżit tal-indipendenza tal-imħallfin bħala li jikkonkretizza, permezz tal-Artikolu 19 TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, il-valur tal-Istat tad-dritt [108]. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 10(1) TUE, li jipprovdi li l-Unjoni tiffunzjona abbażi ta' demokrazija rappreżentattiva, fid-dawl tad-demokrazija bħala valur espress fl-Artikolu 2 TUE [109]. Bl-istess mod, il-valur tal-ugwaljanza huwa kkonkretizzat fl-Artikolu 19 TFUE u l-istrumenti tad-dritt sekondarja adottati abbażi tiegħu.

209. Dan ma jfissirx li l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun ibbażat fuq in-norma konkretizzanti u mhux direttament fuq l-Artikolu 2 TUE nnifsu, u lanqas li tali stħarriġ huwa possibbli biss jekk valur jiġi kkonkretizzat. Madankollu, jekk dan ikun il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni tali konkretizzazzjoni ta' valur, u ma għandhiex tinterpreta valur b'mod li jmur kontra din id-dispożizzjoni.

105 Għalhekk, pereżempju, fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Ġermanja vs Il-Polonja (C-848/19 P, EU:C:2021:598), li kienet tikkonċerna l-istħarriġ ġudizzjarju ta' att tal-Unjoni, il-Ġermanja sostniet li l-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika, iddikjarat fl-Artikolu 194(1) TFUE, huwa kunċett astratt, purament politiku, u mhux kriterju ġuridiku li fid-dawl tiegħu l-validità ta' att adottat minn istituzzjoni tal-Unjoni tista' tiġi evalwata (ara l-punt 27 ta' dik is-sentenza). Il-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx dan l-argument. Hija qieset li n-natura astratta tal-prinċipju ta' solidarjetà ma żżommux milli joħloq obbligi għall-Istati Membri u għall-Unjoni. Għalhekk jista' jservi bħala parametru għall-evalwazzjoni tal-legalità tal-miżuri tal-Istati Membri u tal-Unjoni (punti 42 sa 45).

106 F'dan ir-rigward, Boeckestein ipprovda tabella li tikkorrelata l-valuri individwali tal-Artikolu 2 TUE ma' diversi dispożizzjonijiet konkreti tat-Trattati u tal-Karta. Ara, Boeckestein, T. L., "Making Do with What We Have: On the Interpretation and Enforcement of the EU's Founding Values", *German Law Journal*, 2022, p. 431 sa 451.

107 Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 32).

108 Din il-ġurisprudenza oriġinat fis-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:924, punt 98). L-iktar reċenti fis-sensiela ta' dawn il-kawżi hija s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2025, D. K. *et* (Żvestiment ta' mħallef mill-kawżi quddiemu) (C-647/21 u C-648/21, EU:C:2025:143, punt 66).

109 Sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies (C-502/19, EU:C:2019:1115, punt 63); tad-19 ta' Diċembru 2019, Puppinck *et* vs Il-Kummissjoni (C-418/18 P, EU:C:2019:1113, punt 64); u tad-19 ta' Novembru 2024, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Kapaċità ta' kontestazzjoni f'elezzjoni u sħubija f'partit politiku) (C-814/21, EU:C:2024:963, punt 112).

210. It-tielet, il-livell ta' preċiżjoni ta' regola legali li tintuża bħala parametru fl-istħarriġ ġudizzjarju ma għandux għalfejn ikun għoli daqs il-preċiżjoni u ċ-ċarezza meħtieġa għall-effett diretti[110].

211. Fi proċeduri ta' ksur, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddikjara li ċerta leġiżlazzjoni hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-każ, fid-deċiżjoni tagħha dwar is-sitt motiv tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex mitluba tiddetermina, u lanqas ma tista' tiddetermina, x'għandha tagħmel l-Ungerija biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 2 TUE. Hija għandha biss tiddeċiedi jekk l-Artikolu 2 TUE jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

212. Abbażi tal-Artikolu 2 TUE innifsu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddetermina x'ma jistax jiġi ttollerat; u tista' tikkonkludi jekk Stat Membru qabiżx il-"linji ħomor"[111]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għalfejn iżżid il-kontenut tal-valuri involuti.

213. Fi kwalunkwe każ, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tikkonstata ksur tal-Artikolu 2 TUE wara li tistabbilixxi li r-regoli kontenzjużi jiksru wkoll il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ċerti drittijiet fundamentali tal-Karta. Dawn ir-regoli jagħtu espressjoni iktar konkreta lill-valuri tal-Artikolu 2 TUE li huma inkwistjoni f'din il-kawża: id-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, il-kontenut sostantiv tal-valuri involuti huwa diġà fil-biċċa l-kbira kkonkretizzat.

214. Finalment, ġie ssuġġerit li l-involviment tal-Artikolu 2 TUE bħala raġuni indipendenti ta' ksur jista' jinfluwenza b'mod negattiv il-leġittimità tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi pperċepita bħala politiċizzata, minħabba l-kontenut miftuħ tal-valuri[112].

215. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija qorti kostituzzjonali, u l-prinċipji kostituzzjonali bażiċi huma dejjem, fl-istess ħin, politiċi u legali. Sa fejn l-Artikolu 2 TUE jesprimi l-għażla għal demokrazija kostituzzjonali li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, id-difiża tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' dawk il-valuri ma hijiex l-għażla politika tagħha, iżda l-kompitu kostituzzjonali tagħha.

216. Fis-*sentenzi tagħha ta' kundizzjonalità*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Unjoni Ewropea għandha tkun tista' tiddefendi l-valuri tal-Unjoni fil-limiti tas-setgħat tagħha kif stabbiliti mit-Trattati[113]. Is-setgħa li t-Trattati jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja hija s-setgħa ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali tagħhom u, taħt il-proċedura ta' ksur, ta' stħarriġ ġudizzjarju, fost affarijiet oħra, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-konformità tagħha ma' dawn id-dispożizzjonijiet legali.

217. L-azzjonijiet ta' ksur huma għodda sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' natura legali: l-identifikazzjoni ta' okkorrenzi ta' ksur legali bil-ħsieb li dawn jitwaqqfu. Dan jinkludi ksur tal-Artikolu 2 TUE. Fil-każijiet ta' kwistjonijiet soċjalment sensittivi u kkontestati, bħad-drittijiet

110 Il-kwistjoni tal-possibbiltà ta' effett dirett tal-Artikolu 2 TUE ma tqumx fil-proċedura ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, ma huwiex meħtieġ li wieħed jesplora jekk l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri skont l-Artikolu 2 TUE humiex dovuti lill-individwi. Il-ħolqien dirett tad-drittijiet għall-individwi jeħtieġ li n-norma tal-Unjoni tkun ċara u preċiża biżżejjed dwar il-kontenut tad-dritt li individwu jgawdi.

111 Ara, f'dan is-sens, von Bogdandy, A., "Towards a Tyranny of values", f'von Bogdandy, A., *et* (edituri), *Defending Checks and Balances in EU Member States*, Springer, Berlin, 2021, p. 92.

112 Bonnelli, M., "Infringement Actions 2.0: How to Protect EU Values before the Court of Justice", *European Constitutional Law Review*, 2022, minn p. 49.

113 Sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:97, punt 127) u tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-157/21, EU:C:2022:98, punt 145).

LGBTI, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija biss parti mis-soluzzjoni lejn il-kisba tal-ugwaljanza u d-dinjità tal-bniedem tal-persuni LGBTI. L-allinjament legali jirrikjedi wkoll ċertu allinjament tal-valuri soċjali. Dan, madankollu, ma jfissirx li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha toqgħod lura milli tiddikjara ksur ta' dawn il-valuri meta jkun hemm tali ksur.

218. Bħala konklużjoni, in-natura ġenerali tal-valuri fl-Artikolu 2 TUE ma tikkostitwixxix ostakolu sabiex dawn jiġu invokati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għall-finijiet tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fi proċeduri ta' ksur.

iii) Identità kostituzzjonali nazzjonali

219. Fid-difiża tagħha, l-Ungerija tinvoka wkoll l-identità kostituzzjonali nazzjonali tagħha, li għandha tiġi rrispettata bħala kwistjoni tad-dritt kostituzzjonali tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 4(2) TUE.

220. F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel jiġi kkonstatat li, kif diġà spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-valuri tal-Artikolu 2 TUE ma jipprekludux id-diversità kostituzzjonali [114]. Huma jistabbilixxu biss il-qafas li fih jistgħu jiġu akkomodati soluzzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali differenti.

221. Madankollu, l-għażliet kostituzzjonali nazzjonali ma jistgħux jimirħu barra minn dan il-qafas komuni. F'dan ir-rigward, kif diġà pproponejt, l-Artikolu 2 TUE jista' jinftiehem bħala li jimponi "linji ħomor", li, jekk jintlaħqu, tkun meħtieġa reazzjoni sabiex jiġi protett il-mudell kostituzzjonali tal-Unjoni.

222. Dan ma jmurx kontra r-rispett tal-identitajiet kostituzzjonali nazzjonali [115]. Kif diġà spjegajt, mas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, kull Stat Membru aċċetta li jirrispetta dan il-qafas ta' valur komuni. Fil-fatt, dan ġie meqjus li jikkostitwixxi wkoll l-għażla kostituzzjonali interna ta' dak l-Istat fiż-żmien tal-adeżjoni.

223. Kif diġà rrimarkjat (ara l-punt 211 ta' dawn il-konklużjonijiet), fil-proċedura ta' ksur, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tiddikjara li seħħet devjazzjoni mill-valuri tal-Unjoni. Tali konstatazzjoni toħloq obbligu għall-Istat li jwaqqaf in-nuqqas ta' osservanza tal-valuri tal-Artikolu 2 TUE, peress li l-osservanza tagħhom tibqa' kundizzjoni għas-sħubija fl-Unjoni. Il-mod ta' konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jitħalla fid-diskrezzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni skont l-identità kostituzzjonali tiegħu.

224. Għalhekk, l-impenn tal-Unjoni li tirrispetta l-identitajiet kostituzzjonali nazzjonali ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tikkonstata li, bl-adozzjoni ta' ċertu leġiżlazzjoni, Stat Membru jkun qabeż il-"linji ħomor" imposti mill-Artikolu 2 TUE.

[114] Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et* (C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 229), u tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali) (C-430/21, EU:C:2022:99, punt 43). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Spielmann fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Stħarriġ *ultra vires* tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja - Supremazija tad-dritt tal-Unjoni) (C-448/23, EU:C:2025:165, punti 90 u 93.).

[115] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-156/21, EU:C:2022:97, punt 233) u tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-157/21, EU:C:2022:98, punt 265). Ara wkoll is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 72).

iv) L-għan ta' konstatazzjoni indipendenti ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE

225. Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-Ungerija tiċħad li konstatazzjoni indipendenti tal-ksur tal-Artikolu 2 TUE, flimkien ma' konstatazzjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali jew regoli oħra tad-dritt tal-Unjoni, jista' jkollhom xi skop sinjifikattiv.

226. Mill-ġurisprudenza jirriżulta b'mod ċar li l-għan tal-proċeduri ta' ksur huwa li tiġi riżolta tilwima bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru dwar jekk jeżistix ksur tad-dritt tal-Unjoni, u, jekk jiġi kkonstatat ksur, li l-Istat jiġi inċentivat sabiex itemm dan il-ksur [116].

227. Għalhekk huwa leġittimu li wieħed jistaqsi kif konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE, minbarra konstatazzjoni ta' ksur ta' dispożizzjonijiet partikolari tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-Karta, tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u t-terminazzjoni tan-nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni.

228. Mistoqsijiet simili diġà saru fir-rigward tal-għan li jiġi kkonstatat ksur tal-Karta f'każijiet fejn il-ksur ta' regola ta' Trattat jew ta' dritt sekondarju tal-Unjoni jkun diġà ġie stabbilit. F'dan ir-rigward, fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Edukazzjoni ogħla), l-Avukata Ġenerali Kokott tat l-ispjegazzjoni li ġejja: "Madankollu, il-konstatazzjoni ta' ksur awtonomu tad-dritt fundamentali ma għandhiex effett f'dan il-każ. Fil-fatt, il-fondatezza tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu diġà tirriżulta mill-ksur tad-Direttiva dwar is-servizzi u tal-Artikolu 49 TFUE. Wara kollox, l-istħarriġ separat tad-dritt fundamentali juri b'mod ċar il-piż partikolari u l-kwalità tal-ksur" [117].

229. Raġunament simili jista' jiġi applikat ukoll sabiex jiġġustifika għal xiex il-Kummissjoni tista' titlob konstatazzjoni indipendenti ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE, anki jekk il-konstatazzjoni ta' ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni u tal-Karta tkun biżżejjed sabiex tistabbilixxi n-nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq l-obbligi tiegħu bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni.

230. Tali konstatazzjoni mhux biss ikollha funzjoni simbolika, billi turi s-sinjifikat partikolari tal-ksur, iżda sservi wkoll skop dijanjostiku [118]. Hija tiżvela l-kawża reali ta' okkorrenzi ta' ksur oħra.

231. Dan ikun importanti għall-għażliet tal-Istat Membru inadempjenti dwar kif itemm in-nuqqas, u għas-sorveljanza mill-Kummissjoni dwar jekk l-Istat Membru inkwistjoni jkunx temm il-ksur iddikjarat mis-sentenza [119].

[116] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Azzjoni kontra l-frodi ta' sottovalutazzjoni) (C-213/19, EU:C:2022:167, punt 180). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li anki l-proċedura taħt l-Artikolu 260 TFUE ma għandhiex l-għan li tikkastiga lill-Istat, iżda pjuttost li ġġiegħel lil Stat Membru inadempjenti jikkonforma ma' sentenza, u b'hekk jelimina l-ksur ta' obbligu bbażat fuq id-dritt tal-Unjoni. Ara, wkoll, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza (C-304/02, EU:C:2005:444, punt 80).

[117] C-66/18, EU:C:2020:172, punt 180.

[118] F'dan ir-rigward, ara Scheppele, K. L., Kochenov, D., u Grabowska-Moroz, B., "EU Values Are Law, after All: Enforcing EU Values through Systemic Infringement Actions by the European Commission and the Member States of the European Union", *Yearbook of European Law*, 2020, p. 3-121. L-istudjużi kkritikaw xi proċeduri ta' ksur preċedenti, bħal dawk marbuta mal-bidla fil-limitu tal-età għall-irtirar tal-imħallfin fl-Ungerija fis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-286/12, EU:C:2012:687), sa fejn dawn ħbew il-kawżi reali tal-ksur. Ta' min ifakkar li l-Kummissjoni kienet ressqet din il-proċedura ta' ksur abbażi ta' ksur tad-Direttiva 2000/78 li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni minħabba l-età, b'mod li ħbiet il-problema sottostanti ta' nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt.

[119] Huwa f'dan id-dawl li nifhem it-tweġiba tal-Kummissjoni mogħtija fis-seduta li hija tkun ssodisfatta li l-ksur tal-Artikolu 2 TUE ġie mitmum jekk "l-Ungerija telimina d-diskriminazzjoni fir-rigward ta' dik il-minoranza; l-elementi rilevanti kollha; jekk inkunu ssodisfatti li, fuq livell iktar profond, kollox ġie mrażżan, u b'kollox qed infissru li kull forma ta' diskriminazzjoni ġiet eliminata".

232. Minbarra tali raġuni, il-konstatazzjoni ta' ksur indipendenti tal-Artikolu 2 TUE tinfluwenza l-kalkolu tas-sanzjonijiet skont l-Artikolu 260 TFUE fil-każ li n-nuqqas ma jkunx intemm wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [120].

233. Bħala konklużjoni, l-iskop tal-konstatazzjoni indipendenti ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE jinsab fl-identifikazzjoni u d-dikjarazzjoni li, bl-adozzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni, Stat Membru jkun qabeż il-"linji ħomor" stipulati f'din id-dispożizzjoni. Dan imbagħad jiżvela li l-kawża ta' ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni involut fl-istess proċeduri tinsab fid-devjazzjoni tal-Istat Membru mill-valuri kostituzzjonali tal-Unjoni.

234. Dan iwassalni għall-aħħar mistoqsija mqajma minn din il-kawża: kif għandha l-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa jekk ikunux inqabżu l-"linji ħomor" u tikkonkludi jekk ikunx seħħ ksur indipendenti tal-Artikolu 2 TUE?

2. Kif tevalwa jekk il-"linji ħomor" inqabżux?

235. Skont il-Kummissjoni, ksur indipendenti tal-Artikolu 2 TUE seħħ f'din il-kawża peress li l-okkorrenzi ta' ksur imwettqa mill-Ungerija huma "partikolarment serji, numerużi u ċari u jikkostitwixxu ksur iġġeneralizzat u kkoordinat tad-drittijiet fundamentali inkwistjoni" [121]. Għadd ta' Stati Membri intervenjenti qiesu wkoll li l-invokazzjoni indipendenti tal-Artikolu 2 TUE teħtieġ livell għoli ta' serjetà tal-ksur.

236. L-Ungerija ma esprimietx il-fehma tagħha dwar il-kriterji li jistgħu jintużaw sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 2 TUE, peress li l-pożizzjoni tagħha hija li tali ksur ma jista' bl-ebda mod jiġi stabbilit f'din il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

a) In-negazzjoni tal-valuri bħala l-kriterju għall-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE

237. Fil-fehma tiegħi, il-kriterju li jwassal għall-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE ma huwiex il-kwantità jew is-serjetà tal-okkorrenzi ta' ksur ta' drittijiet fundamentali jew ta' prinċipji fundamentali oħra tad-dritt tal-Unjoni, iżda pjuttost in-negazzjoni tal-valuri tal-Artikolu 2 TUE minn Stat Membru.

238. Effettivament, sabiex jiġi evalwat jekk il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tistax tinżamm fi ħdan is-sistema ta' valuri tal-Unjoni, il-mistoqsija rilevanti li għandha ssir hija dik dwar jekk, bl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni, Stat Membru jkunx qiegħed imur kontra xi valur jew valuri stipulati fl-Artikolu 2 TUE.

239. Il-kriterju ta' serjetà seta' ġie enfasizzat mill-partijiet f'din il-kawża sa fejn dan huwa wieħed miż-żewġ kriterji użati fl-Artikolu 7 TUE, li jipprovdi li hija biss l-eżistenza ta' ksur serju u persistenti tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TEU li tista' tagħti bidu għal din il-proċedura [122].

[120] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali II) (C-123/22, EU:C:2024:493).

[121] Punt 247 tar-rikors tal-Kummissjoni.

[122] L-insistenza fuq is-serjetà u l-persistenza fil-ksur tal-valuri fl-Artikolu 7 TUE tista' tiġi spjegata bis-severità tas-sanzjonijiet li jistgħu jsegwu jekk dawn il-kriterji jiġu ssodisfatti. Skont l-Artikolu 7 TUE, Stat Membru jista' jiġi eskluż mit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE fi proċedimenti ta' ksur ma tistax twassal għal konsegwenza bħal din. Pjuttost għandha l-għan li tevita tali konsegwenza, billi ġġiegħel lil Stat Membru jelimina l-ksur.

240. Madankollu, ksur serju meħtieġ mill-Artikolu 7 TUE jirreferi għas-serjetà tal-ksur tal-Artikolu 2 TUE innifsu, u mhux għas-serjetà tal-okkorrenzi ta' ksur l-oħra, li, f'dan il-każ, jikkonċernaw numru ta' regoli tal-Unjoni li jimplimentaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u numru ta' drittijiet fundamentali.

241. Fil-fehma tiegħi, ksur tal-Artikolu 2 TUE ma jseħħx sempliċement għax l-okkorrenzi ta' ksur l-oħra huma serji [123]. Huwa pjuttost bil-maqlub: minħabba li l-kawża ta' dawn l-okkorrenzi ta' ksur tmur kontra l-valuri stipulati fl-Artikolu 2 TUE, dawn l-okkorrenzi ta' ksur innifishom isiru kemm serji u kif ukoll sistematiċi.

242. L-effett ta' devjazzjoni mill-valuri ma huwiex intern għal Stat Membru, iżda jaffettwa l-funzjonament tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Dan inaqqas il-kapaċità ta' dan l-Istat Membru li jikkonforma ma' obbligi oħra taħt id-dritt tal-Unjoni [124]. Il-każ preżenti juri li d-devjazzjoni mill-valuri taffettwa l-kapaċità tal-Ungerija li tikkonforma ruħha mar-regoli li jirregolaw il-moviment liberu tas-servizzi. Dan jiġġustifika l-intervent tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' proċeduri ta' ksur [125].

243. Sabiex jiġi ddeterminat jekk Stat Membru jkunx qiegħed jinnega valur espress fl-Artikolu 2 TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tidħol fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ.

244. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha għalhekk tevalwa jekk il-ksur ta' drittijiet fundamentali, kif imħarsa mill-Karta, ikunx riżultat ta' negazzjoni ta' Stat Membru ta' valur stipulat fl-Artikolu 2 TUE.

245. Apparti n-negazzjoni ta' valuri bħala l-kriterju, ma nqisx li formula iktar preċiża tista' tiġi żviluppata *in abstracto* bħala għodda li tista' tintuża mill-Qorti tal-Ġustizzja.

246. Madankollu, l-għadd ta' okkorrenzi ta' ksur tar-regoli primarji u sekondarji tal-Unjoni, u tal-Karta, kif ukoll il-mod kif dawn l-okkorrenzi ta' ksur ikunu twettqu, jistgħu jservu bħala indikaturi li l-għerq ta' dawn l-okkorrenzi ta' ksur jista' jkun jinsab fin-negazzjoni tal-valuri.

247. Għalhekk, il-kriterju sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 2 TUE huwa n-negazzjoni ta' valur li hija l-kawża ewlenija ta' okkorrenzi ta' ksur oħra tad-dritt tal-Unjoni. Is-serjetà u/jew il-kwantità ta' dawn l-okkorrenzi ta' ksur l-oħra ma jistgħux iservu fihom innifishom, b'mod deċiżiv u awtomatiku, bħala kriterju sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 2 TUE, minkejja li tali elementi jistgħu jkunu indikazzjoni importanti tan-negazzjoni tal-valuri stipulati fl-Artikolu 2 TUE.

b) Ksur tad-drittijiet tal-Karta u d-djalogu kostituzzjonali

248. Okkorrenzi ta' ksur individwali, speċjalment jekk jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali jew prinċipji fundamentali oħra tad-dritt tal-Unjoni, jistgħu għalhekk ikunu indikazzjoni importanti li l-kawża tan-nuqqas ta' osservanza tad-dritt tal-Unjoni tinsab fin-negazzjoni tal-valuri. Dan ikun partikolarment il-każ, fil-każ li tali okkorrenzi ta' ksur ikunu numerużi, ċari u ġenerali.

123 Nixtieq inżid li ma għandnix il-kriterju li bih niddeċiedu liema ksur ta' dritt fundamentali huwa serju u liema ma huwiex.

124 Ara, f'dan ir-rigward, Poiares Maduro, M., u Menezes Queiroz, B., "A Hard Law Approach to States Systemic Violations of Article 2 of the Treaty of the European Union: Reasons and Means", f'Fisher, E., King, J. u Young, A., (edituri), *The Foundations and Future of Public Law: Essays in Honour of Paul Craig*, OUP, Oxford, 2020, p. 363 sa 380.

125 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Centro Europa 7 (C-380/05, EU:C:2007:505, punt 20).

Madankollu, fil-fehma tiegħi, anki dan fih innifsu ma jkunx neċessarjament biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 2 TUE, peress li l-okkorrenzi ta' ksur tad-drittijiet tal-Karta jistgħu jkunu parti mid-djalogu kostituzzjonali tal-Unjoni, u mhux tan-negazzjoni ta' valuri.

249. L-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huwa żviluppat permezz ta' djalogu. Dan ifisser li jista' jkun hemm viżjonijiet differenti dwar kif valuri komuni għandhom jiġu kkonkretizzati.

250. F'dan ir-rigward, okkorrenzi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali jirriżultaw, l-ewwel, mid-differenza ta' kif żewġ drittijiet fundamentali ġew ibbilanċjati fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, jew, it-tieni, mill-kontenut differenti li d-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali jattribwixxu lil dritt fundamentali partikolari. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet, il-kawża ta' dawn l-okkorrenzi ta' ksur, għalhekk, tkun fil-qasam tad-djalogu fil-limiti stabbiliti mill-valuri, mingħajr negazzjoni tal-valuri nnifishom.

251. Fl-ewwel sitwazzjoni, fejn żewġ drittijiet fundamentali għandhom ikunu bbilanċjati, li jingħata iktar piż li wieħed jew lill-ieħor jista' jagħmel differenza importanti fil-leġiżlazzjoni li tikkonkretizza dawn id-drittijiet. Pereżempju, id-dritt għall-proprjetà (intellettwali) jista' jidħol f'kunflitt mal-libertà tal-espressjoni. Għalhekk, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jipprojbixxi l-użu ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur għall-espressjoni ta' opinjonijiet politiċi mingħajr il-permess tal-awtur. Billi jadotta soluzzjoni bħal din, dan l-Istat Membru jkun ta iktar piż lid-dritt tal-proprjetà intellettwali milli lil-libertà tal-espressjoni. Din is-soluzzjoni, fiha nnifisha, ma tfissirx li l-Istat Membru jkun qiegħed jinnega l-importanza tal-libertà tal-espressjoni għall-valur tad-demokrazija. Madankollu, jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni jilħaq iktar tard bilanċ differenti, billi jagħti iktar piż lil-libertà tal-espressjoni, l-Istat Membru inkwistjoni jkollu jikkonforma ruħu ma' din l-għażla bħal din fl-oqsma li jaqgħu fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni [126].

252. Eżempju tat-tieni sitwazzjoni – dwar differenza fil-mod kif il-kontenut ta' dritt fundamentali jinftiehem mingħajr ma tali differenza tirrappreżenta negazzjoni ta' valuri – jista' jittieħed mill-kawża Max-Planck [127]. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li ċċaħħad lill-ħaddiem mid-dritt għal allowance minflok leave annwali mhux meħud mat-tmiem tar-relazzjoni ta' impjieg kienet tikser il-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal-leave annwali mħallas. Dan ifisser li l-Ġermanja, li l-leġiżlazzjoni tagħha kienet inkwistjoni, kisret l-Artikolu 2 TUE? [128] Fil-fehma tiegħi, u anki jekk dak li kien f'riskju kien il-ksur tal-essenza ta' dritt fundamentali, it-tweġiba hija fin-negattiv. Ladarba l-Ġermanja tibdel il-leġiżlazzjoni, il-ksur jiġi rrimedjat. Billi interpretat id-dritt għal-leave annwali b'mod differenti mill-interpretazzjoni tal-Unjoni f'dik is-sitwazzjoni partikolari, il-Ġermanja ma nnegatx l-importanza tad-dritt għal-leave annwali sabiex tissalvagwardja l-valuri tal-Artikolu 2 TUE.

126 Għal eżempju tal-ibbilanċjar ta' dawn iż-żewġ drittijiet fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi interpretat il-kunċett ta' parodija kif previst fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur (Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230), ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds (C-201/13, EU:C:2014:2132).

127 Sentenza tas-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (C-684/16, EU:C:2018:874).

128 Din, naturalment, ma kinitx il-mistoqsija li saret f'dik il-kawża. Qed inqajjimha biss għall-finijiet tad-diskussjoni.

253. Għalhekk, nuqqas ta' qbil dwar il-kontenut tad-drittijiet fundamentali jew diverġenzi fl-ibbilanċjar ta' żewġ drittijiet fundamentali jew iktar ma għandhomx iwasslu għall-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE. Dawn huma parti mid-djalogu kostituzzjonali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li jippermetti konkretizzazzjonijiet differenti tad-drittijiet [129]. Madankollu, dan in-nuqqas ta' qbil ma jinnegax il-valuri nnifishom.

254. Konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE għandha sseħħ biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li Stat Membru kiser dritt tal-Karta minħabba li ċaħad il-valur kkonkretizzat minn tali dritt.

3. Ksur tal-Artikolu 2 TUE f'din il-kawża

255. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni wriet li l-ksur imwettaq mill-Ungerija bl-adozzjoni tal-Liġi Emendatorja, li wasslet għar-regoli kkontestati, huwa tali li jiġġustifika l-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE?

256. Fil-fehma tiegħi, din il-mistoqsija għandha tintwieġeb fl-affermattiv fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża.

a) Ir-regoli inkwistjoni jiċħdu l-valuri tal-Artikolu 2 TUE

257. Il-konstatazzjoni li l-leġiżlazzjoni kkontestata tirrestrinġi l-moviment liberu tas-servizzi b'diversi modi, u saħansitra b'mod iktar sinjifikattiv, il-konstatazzjoni li erba' drittijiet iggarantiti mill-Karta ġew miksura minn dawk l-istess regoli, huma tabilħaqq indikazzjoni qawwija tal-possibbiltà ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE.

258. Importanti huwa l-fatt li l-okkorrenzi ta' ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet multipli tad-dritt tal-Unjoni f'din il-kawża għandhom l-istess raġuni unika: l-intenzjoni tal-Ungerija li tipproteġi lill-minorenni minn "kontenut LGBTI", li dan l-Istat Membru jqis li joħloq ħsara. Dan jirrifletti l-pożizzjoni tal-leġiżlatura Ungeriża li l-persuni LGBTI jikkostitwixxu parti mhux mixtieqa tas-soċjetà, li ma jistħoqqilhomx li jiġu ttrattati bl-istess mod.

259. Id-drittijiet LGBTI, speċjalment il-kwistjonijiet marbuta mal-identitajiet tal-ġeneru, għadhom jikkostitwixxu suġġett soċjalment sensittiv [130]. Din għandha tkun raġuni għal xiex il-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni titqies li tifforma parti mid-djalogu kostituzzjonali tal-Unjoni, u mhux ksur tal-Artikolu 2 TUE?

260. Fil-fehma tiegħi, il-ksur f'din il-kawża huwa differenti mill-eżempji ta' djalogu kostituzzjonali mogħtija hawn fuq b'mod sinjifikattiv wieħed. F'dawk l-eżempji, la r-riżultat differenti tal-ibbilanċjar, u lanqas il-fehim differenti tal-kontenut tad-drittijiet fundamentali, ma kienu kkawżati min-negazzjoni tal-valuri involuti. B'paragun, f'din il-kawża, il-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni tiċħad il-valuri stipulati fl-Artikolu 2 TUE.

[129] Madankollu, ladarba jseħħ l-ibbilanċjar fil-livell tal-Unjoni, jew il-leġiżlatur tal-Unjoni jipprečiża iktar il-kontenut ta' dritt, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu japplikaw iktar soluzzjonijiet differenti fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107).

[130] Għal din ir-raġuni, tqies, f'Bonelli, M., u Claes, M., "Crossing the Rubicon? The Commission's use of Article 2 TEU in the infringement action on LGBTIQ+ rights in Hungary", *Maastricht Journal of European and Comparative Law*, 2023, p. 3 sa 14, li din il-kawża ma kinitx tikkostitwixxi każ tajjeb sabiex jiġi deċiż jekk l-Artikolu 2 TUE jistax jintuża bħala raġuni indipendenti ta' ksur.

261. In-negazzjoni tal-ugwaljanza tal-persuni LGBTI, li hija wara l-leġiżlazzjoni kkontestata, hija l-kawża ewlenija tal-okkorrenzi ta' ksur kollha f'din il-kawża. L-okkorrenzi ta' ksur l-oħra ma kinux iseħħu kieku l-Ungerija ma kinitx tikkunsidra li l-kontenut LGBTI huwa ta' ħsara għall-iżvilupp tal-minorenni.

262. Jiena tal-fehma li l-fatt li persuni LGBTI jistħoqqilhom rispett ugwali fl-Istati Membri ma huwiex miftuħ għall-kontestazzjoni permezz tad-djalogu. In-nuqqas ta' rispett u l-marġinalizzazzjoni ta' grupp f'soċjetà huma l-"linji ħomor" imposti mill-valuri tal-ugwaljanza, id-dinjità tal-bniedem u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

263. Il-mod kif tiġi implimentata l-ugwaljanza tal-persuni LGBTI jista' jvarja u jiġi diskuss, iżda l-għażla ta' prinċipju li tiġi pprojbita d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess jew tal-orjentazzjoni sesswali hija msejsa sew fil-qafas kostituzzjonali tal-Unjoni. Dan huwa minnu, anki jekk il-kwistjonijiet LGBTI huma soċjalment sensittivi. Kieku l-bażi protetta kellha tiġi ssostitwita b'bażi inqas ikkontestata soċjalment, bħall-kulur tal-ġilda jew ir-reliġjon, in-negazzjoni tal-ugwaljanza minn leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża tkun ovvja.

264. Għalhekk, minkejja s-sensittività tal-kwistjoni, jiena tal-fehma li l-leġiżlazzjoni Ungeriża kkontestata tissodisfa l-kriterju ta' negazzjoni ta' valur sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 2 TUE.

b) Liema valuri ġew miksura?

265. Meta l-kawża tal-okkorrenzi ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni tkun tinsab fin-negazzjoni ta' valuri, din neċessarjament twassal għad-devjazzjoni mill-mudell tas-soċjetà kif stipulat fl-Artikolu 2 TUE. Dawn il-valuri huma interrelatati, u l-konstatazzjoni tal-ksur ta' wieħed minnhom hija indikazzjoni dwar in-negazzjoni tal-mudell ta' demokrazija kostituzzjonali li hija bbażata fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem mill-Istat Membru inkwistjoni.

266. F'din il-kawża, il-Kummissjoni sostniet li l-valuri li ġew miksura mil-leġiżlazzjoni kkontestata huma l-ugwaljanza, id-dinjità tal-bniedem u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

267. F'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tista' tindika liema valuri jkunu ġew miċħuda b'dan il-ksur. Id-drittijiet fundamentali kollha li jiena nqis li nkisru f'din il-kawża huma l-espressjoni u l-konkretizzazzjoni tal-valuri stipulati fl-Artikolu 2 TUE, li ġew invokati mill-Kummissjoni.

268. L-ewwel, il-ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta, li jikkonsisti f'diskriminazzjoni ta' membri ta' grupp minoritarju LGBTI u l-istigmatizzazzjoni u l-emarġinazzjoni tagħhom, huwa f'kontradizzjoni ċara mal-valuri tal-ugwaljanza u tat-tolleranza, kif ukoll tad-dinjità tal-bniedem.

269. It-tieni, il-ksur tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, iggarantita mill-Artikolu 11 tal-Karta, imur kontra pedament essenzjali ta' soċjetà pluralista u demokratika, kif previst fl-Artikolu 2 TUE [131], li huwa r-rekwiżit neċessarju għall-ugwaljanza u d-dinjità tal-bniedem.

270. It-tielet, il-ksur tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, protett mill-Artikolu 7 tal-Karta, jikkuntrasta bil-kbir mal-valur tad-dinjità tal-bniedem.

[131] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello (C-163/10, EU:C:2011:543, punt 31) u tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI (C-507/18, EU:C:2020:289, punt 48).

271. Id-dinjità tal-bniedem, miċħuda mir-regoli inkwistjoni, ma hijiex biss dritt fundamentali, iżda hija valur ewlieni espress fl-Artikolu 2 TUE. Biex nikkwota Avukat Ġenerali kollega, "Il-valur tad-dinjità tal-bniedem huwa l-vera Grundnorm tal-kostituzzjonaliżmu Ewropew ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, b'kuntrast mal-orruri tat-totalitarjaniżmi li kienu ċaħdu kull valur għall-persuna umana"[132].

272. Iktar minn qatt qabel, fid-dawl tal-iżviluppi kurrenti fid-dinja, huwa importanti li ma ninsewx għal xiex l-Unjoni ddikjarat il-valuri stipulati fl-Artikolu 2 TUE u għal xiex huwa vitali li dawn il-valuri jiġu affermati mill-ġdid u mħarsa.

273. Bħala konklużjoni, jiena tal-fehma li dan il-ksur tad-drittijiet fundamentali juri d-devjazzjoni importanti tar-regoli inkwistjoni mill-mudell ta' demokrazija kostituzzjonali li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, riflessa fl-Artikolu 2 TUE.

274. Din in-negazzjoni ta' valuri stipulati fl-Artikolu 2 TUE hija dik ix-"xi ħaġa iktar" li hija intanġibbli, li wasslet lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi s-sitt motiv.

275. Għal dawn ir-raġunijiet premessi, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkonstata li, bl-adozzjoni tal-Liġi Emendatorja li wasslet għar-regoli 1, 3, 4, 6 u 7, l-Ungerija kisret l-Artikolu 2 TUE.

III. Analiżi – It-Tieni Parti: Ksur tad-dritt primarju u sekondarju dwar il-moviment liberu tas-servizzi u l-GDPR

276. F'din il-parti ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nindirizza l-bqija tal-argumenti relatati mal-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni li l-Ungerija kisret regoli partikolari tad-dritt primarju u sekondarju tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tas-servizzi u l-GDPR (l-ewwel sar-raba' motivi tal-Kummissjoni).

A. L-ewwel motiv tal-Kummissjoni

277. Il-Kummissjoni ssostni li, bl-adozzjoni tar-regoli 3, 4, 5 u 6, l-Ungerija kisret id-Direttiva AVMS.

278. Bħal strumenti oħra li jirregolaw il-moviment liberu tas-servizzi fis-suq intern, id-Direttiva AVMS hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, espress bħala l-prinċipju tal-"pajjiż ta' oriġini". Dan il-prinċipju, stipulat fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva AVMS, ifisser li l-forniturі tal-AVMS joperaw skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti.

279. Fl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva AVMS jobbliga lill-Istat ospitanti (li jirċievi s-servizz AVM) li jiżgura l-libertà tar-riċezzjoni billi ma jirrestriġix it-trażmissjoni minn fornituri minn Stati Membri oħra għal xi waħda mir-raġunijiet li jaqgħu taħt l-oqsma kkoordinati mid-Direttiva.

[132] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża X (Assenza ta' raġunijiet fl-att ta' xoljiment) (C-715/20, EU:C:2023:281, punt 76).

1. Regola 4

280. L-Artikolu 6a tad-Direttiva AVMS jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa sabiex jipproteġu l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minorenni. Dawn il-miżuri jistgħu jikkonsistu fil-limitazzjoni tal-ħin tax-xandir, u għandhom ikunu proporzjonati għall-ħsara potenzjali tal-programm. Jekk il-programm josserva r-regoli mmirati lejn il-protezzjoni tal-minorenni fl-Istat ta' oriġini, għandu jiġi trażmess liberament fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor.

281. Fid-dawl ta' dan il-qafas leġiżlattiv, il-Kummissjoni l-ewwel issostni li r-regola 4, li tirrikjedi l-klassifikazzjoni ta' programmi b'"kontenut LGBTI" bħala li jaqgħu taħt il-kategorija V, jiġifieri li jistgħu jixxandru biss bejn l-22:00 u l-5:00, ma tistax tinftiehem bħala implimentazzjoni tal-Artikolu 6a tad-Direttiva AVMS, u għalhekk tirrappreżenta restrizzjoni tal-moviment liberu tas-servizzi AVM.

282. Fid-difiża tagħha, l-Ungerija ssostni, l-ewwel, li r-regola 4 ġiet ippromulgata bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Artikolu 6a tad-Direttiva AVMS. Id-Direttiva ma tarmonizzax it-tipi ta' programmi li huma meqjusa bħala ta' ħsara għall-minorenni, apparti li tirrikjedi li l-kontenut li juri vjolenza gratuwita u pornografija għandu jkun suġġett għall-miżuri mill-iżjed stretti. Minħabba tali armonizzazzjoni minima, l-Ungerija ssostni li l-Istati Membri għandhom l-awtonomija, abbażi tal-valuri kulturali u morali tagħhom stess, li jiddeterminaw liema programmi huma ta' ħsara għat-tfal.

283. Madankollu, kif issostni l-Kummissjoni, deċiżjoni dwar kontenut li huwa potenzjalment ta' ħsara għat-tfal għandha tkun ibbażata fuq xi evidenza xjentifika tal-potenzjal ta' ħsara ta' ċertu kontenut.

284. Kif ġie spjegat qabel (punt 111 ta' dawn il-konklużjonijiet), l-Ungerija ma ressqet ebda prova li turi li l-programmi li fihom "kontenut LGBTI" huma ta' ħsara għall-iżvilupp tal-minorenni. Barra minn hekk, ġie stabbilit (ara l-parti ta' dawn il-konklużjonijiet li tindirizza l-ħames motiv tal-Kummissjoni) li tali restrizzjoni tinterferixxi mal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u mad-dritt għall-ħajja privata, kif ukoll hija diskriminatorja u tmur kontra d-dinjità tal-bniedem tal-persuni LGBTI. Peress li kwalunkwe restrizzjoni għal-libertajiet tal-moviment tas-servizzi [133], inkluż l-AVMS [134], għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, ma jistax jiġi aċċettat li r-regola 4 isservi l-protezzjoni tal-minorenni.

285. Għalhekk, ir-regola 4 ma tistax tiġi interpretata bħala implimentazzjoni tal-Artikolu 6a tad-Direttiva AVMS.

286. L-Ungerija ssostni wkoll li r-rekwiżit ta' klassifikazzjoni jirrigwarda biss programmi li l-element ċentrali tagħhom huwa "kontenut LGBTI", filwaqt li programmi li fihom tali kontenut ma huwiex determinanti, iżda sempliċement sporadiku, ma għandhomx għalfejn jiġu kklassifikati bħala li jaqgħu taħt il-kategorija V. Dan ifisser li film li għandu bħala tema l-ħajja ta' familja LGBTI, jew dokumentarju li jiddiskuti bidla tas-sess għandu jiġi kklassifikat taħt il-kategorija V fl-Ungerija. Madankollu, programmi li fihom biss xeni sporadiċi li juru "kontenut LGBTI", bħal koppja omosesswali li jżommu idejn xulxin, ma għandhomx għalfejn jiġu kklassifikati bħala li jaqgħu taħt il-kategorija V.

[133] Ara r-referenzi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[134] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Mesopotamia Broadcast u Roj TV (C-244/10 u C-245/10, EU:C:2011:607, punt 33), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li kull miżura li tirrestrinġi t-trażmissjoni minn Stat Membru ieħor għandha tkun kompatibbli mad-drittijiet fundamentali tal-Karta. Dan huwa mtenni fil-premessa 16 tad-Direttiva AVMS.

287. Din il-perspettiva tal-Ungerija ma tinnewtralizzax l-allegazzjoni li teżisti restrizzjoni għal-libertà ta' xandir ta' programmi li t-tema prinċipali tagħhom tiffoka fuq "kontenut LGBTI". Skont il-ġurisprudenza, restrizzjoni għall-provvista ta' servizzi teżisti mhux biss meta miżura nazzjonali tipprojbixxi l-provvista ta' servizzi, iżda wkoll meta b'xi mod ieħor tostakola l-attivitajiet ta' fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor jew tagħmilhom inqas attraenti [135]. Tali restrizzjoni, kif ġie spjegat qabel, ma hijiex iġġustifikata b'mod koerenti la mill-protezzjoni tal-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minorenni u lanqas mid-dritt tal-ġenituri li jrabbu lil uliedhom skont il-konvinzjonijiet personali tagħhom.

288. Għalhekk, ir-regola 4 tirrappreżenta restrizzjoni inġustifikata għall-provvista ta' servizzi AVM.

2. Regola 6

289. Id-dritt Ungeriża jipprovdi għal eċċezzjoni mill-obbligu ta' klassifikazzjoni għal avviżi ta' interess pubbliku u messaġġi ta' sensibilizzazzjoni [136]. Madankollu, ir-regola 6 tipprovdi li avviż li jkun fih "kontenut LGBTI" ma jistax jiġi ttrattat bħala tali. Avviżi fil-midja li fihom "kontenut LGBTI", pereżempju informazzjoni dwar l-organizzazzjoni ta' parata għall-ugwaljanza, iridu jgħaddu minn klassifikazzjoni u jistgħu (probabbilment) jiġu kklassifikati bħala li jaqgħu taħt il-kategorija V, jiġifieri, jistgħu jiġu trażmessi biss matul is-sigħat limitati msemmija hawn fuq.

290. Fir-rigward tar-regola 6, il-Kummissjoni ssostni li l-Ungerija kisret l-Artikolu 6a tad-Direttiva AVMS.

291. Fid-difiża tagħha, l-Ungerija tiġġustifika l-azzjonijiet tagħha fid-dawl tal-protezzjoni tal-minorenni u tas-salvagwardja tad-drittijiet tal-ġenituri.

292. Madankollu, għall-istess raġuni bħar-regola 4, ir-regola 6 ma tistax tiġi ġġustifikata minn din il-ħtieġa. Flimkien mar-regola 4, din ukoll tmur kontra l-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni u d-dritt għall-ħajja privata tal-persuni LGBTI, u hija diskriminatorja abbażi tas-sess u l-orjentazzjoni sesswali, peress li tissuġġetta biss avviżi ta' interess pubbliku li fihom kontenut LGBTI, u mhux avviżi li jikkonċernaw il-ħajja ta' persuni eterosesswali u ċisġeneri, għall-obbligu ta' klassifikazzjoni [137].

293. Għalhekk, ir-regola 6 tirrappreżenta restrizzjoni inġustifikata għall-provvista ta' servizzi AVM, li tmur kontra l-Artikolu 6a tad-Direttiva AVMS.

3. Regola 3

294. Filwaqt li r-regola 6 tikkonċerna avviżi mhux kummerċjali, ir-regola 3, li tinsab fil-Liġi dwar ir-Reklamar, tikkonċerna komunikazzjonijiet kummerċjali. Din tipprojbixxi reklami li fihom "kontenut LGBTI" milli jsiru disponibbli jew aċċessibbli għal minorenni.

[135] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 1991, Säger (C-76/90, EU:C:1991:331, punt 12), u tat-13 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-465/05, EU:C:2007:781, punt 17).

[136] L-Ungerija spjegat li avviż ta' interess pubbliku huwa komunikazzjoni ta' informazzjoni intiża li tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, filwaqt li messaġġ ta' sensibilizzazzjoni huwa intiż mhux biss li jiġbed l-attenzjoni iżda wkoll li jinfluwenza lill-pubbliku.

[137] F'dan ir-rigward, nirreferi għall-parti ta' dawn il-konklużjonijiet li tanalizza l-ħames motiv tal-Kummissjoni.

295. Il-Kummissjoni ssostni li r-regola 3 tikser l-Artikolu 9(1)(c)(ii) tad-Direttiva AVMS, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi pprovduti minn fornituri ta' servizzi tal-midja jkunu konformi mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi, fost l-oħrajn, tas-sess u l-orjentazzjoni sesswali. Din id-dispożizzjoni tad-Direttiva AVMS hija l-espressjoni tal-prinċipju ġenerali li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni.

296. Id-Direttiva AVMS tkopri biss dawk il-komunikazzjonijiet kummerċjali li jakkumpanjaw jew huma inklużi f'AVMS [138]. Dan huwa xorta waħda numru kbir ta' komunikazzjonijiet, bħal dawk elenkati fl-Artikolu 1(h) tad-Direttiva AVMS, jiġifieri reklamar fuq it-televiżjoni, sponsorizzazzjoni, telebejgħ u tqegħid ta' prodott. Reklami bħal dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva AVMS.

297. Madankollu, fir-risposta u fil-kontroreplika tagħha, l-Ungerija ssostni li l-Liġi dwar ir-Reklamar għandha tinqara' flimkien mal-Liġi dwar il-Libertà tal-Istampa u l-Liġi dwar il-Midja, u x-xandir ta' komunikazzjonijiet kummerċjali fuq il-midja AV ma huwiex kopert mil-Liġi dwar ir-Reklamar.

298. L-Artikolu 1(3) tal-Liġi dwar ir-Reklamar, li fih iddaħħlet ir-regola 3, jindika li l-Att CIV tal-2010 (il-Liġi dwar il-Libertà tal-Istampa) u l-Att CLXXXV tal-2010 (il-Liġi dwar il-Midja) għandhom jiġu applikati għar-reklami fis-servizzi tal-midja awdjoviżiva u tar-radju. Madankollu, dan ma jurix li l-Liġi dwar ir-Reklamar ma tapplikax. Li kieku l-intenzjoni tal-leġiżlatur Ungeriż kienet li jiddikjara li dawn iż-żewġ liġijiet biss kellhom jirregolaw ir-reklami fuq it-televiżjoni u r-radju, it-test kien x'aktarx juża formulazzjoni restrittiva (bħal "esklużivament" jew "dawn il-liġijiet biss japplikaw"). Peress li dan ma huwiex il-każ, il-Liġi dwar ir-Reklamar tibqa' applikabbli flimkien magħhom.

299. Għalhekk, il-Liġi dwar ir-Reklamar taqa' fl-ambitu tad-Direttiva AVMS, u billi tipprojbixxi l-kontenut LGBTI, tirrestriġi l-provvista ta' servizzi li din tal-aħħar tirregola. Bl-istess mod kif indikat qabel għar-regoli 4 u 6, ir-regola 3 tirrappreżenta restrizzjoni inġustifikata fuq il-provvista ta' servizzi AVM, li tmur kontra l-Artikolu 9(1)(c)(ii) tad-Direttiva AVMS.

4. Regola 5

300. Ir-regola 5 timponi l-obbligu fuq il-Kunsill tal-Midja li jitlob lil Stat Membru ieħor biex jaġixxi fuq okkorrenzi ta' ksur imwettqa minn fornitur tal-AVMS taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan l-Istat li jxandar fl-Ungerija u li jkun kiser ir-regoli ta' klassifikazzjoni Ungeriżi dwar il-kontenut LGBTI.

301. Il-Kummissjoni ssostni li r-regola 5 tikser il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, espress fl-Artikoli 2 u 3(1) tad-Direttiva AVMS, fis-sens li tistabbilixxi mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Istat Membru ta' riċezzjoni jipprova jobbliga lill-Istat Membru ta' oriġini biex jiżgura l-osservanza tar-regoli tiegħu taħt kundizzjonijiet differenti minn dawk previsti fid-Direttiva.

302. L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva AVMS jipprevedi l-possibbiltà ta' deroga temporanja mill-obbligu tal-Istat Membru ta' riċezzjoni li jippermetti r-riċezzjoni ta' servizzi AVM imxandra minn Stati Membri oħra. Dan huwa possibbli biss jekk fornitur fi Stat Membru ieħor manifestament, serjament u gravament jikser il-punt (a) tal-Artikolu 6(1) jew l-Artikolu 6a(1) tad-Direttiva AVMS.

[138] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2018, Peugeot Deutschland (C-132/17, EU:C:2018:85, punti 27 u 28).

303. Madankollu, fil-fehma tal-Kummissjoni, li naqbel magħha, l-Artikolu 3(2) ma jistax jiġi interpretat b'tali mod li jippermetti lil Stat Membru joħloq dispożizzjoni parallela speċifika fid-dritt nazzjonali tiegħu sabiex jestendi r-regoli tiegħu għal fornituri ta' servizzi taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor u japplika limitu minimu ta' intervent iktar baxx minn dak stabbilit taħt l-imsemmi Artikolu 3(2).

304. L-Ungerija, madankollu, targumenta li r-regola 5 ma kinitx maħsuba biex timplimenta l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva AVMS, iżda l-Artikolu 4(2) tagħha.

305. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri li eżerċitaw il-libertà tagħhom li jimponu regoli iktar dettaljati jew iktar stretti fuq il-fornituri tas-servizzi tal-midja skont l-Artikolu 4(1) jistgħu, eċċezzjonalment, jitolbu lill-Istat Membru ta' oriġini jitlob lill-fornituri tas-servizzi li joperaw taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom sabiex josservaw dawn ir-regoli, u dan biss meta s-servizzi tal-midja tagħhom ikunu kompletament jew fil-parti l-kbira diretti lejn it-territorju tal-Istat Membru ta' riċezzjoni [139].

306. Din id-dispożizzjoni għalhekk tapplika biss jekk Stat Membru jkun għamel użu mill-possibbiltà disponibbli għalih li jippromulga regoli iktar stretti f'oqsma kkoordinati.

307. Il-protezzjoni tal-minorenni kontra servizzi AVM possibbilment dannużi hija tabilħaqq qasam ikkoordinat mill-Artikolu 6a(1) tad-Direttiva AVMS.

308. Madankollu, ir-regoli Ungeriżi dwar il-klassifikazzjoni tal-programmi AVMS (ir-regoli 4 u 6) ma jistgħux jiġu interpretati bħala regoli iktar stretti taħt l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva AVMS, peress li tali regoli, skont il-kliem ta' din l-istess dispożizzjoni, għandhom ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni.

309. Kif ġie spjegat qabel, dawn ir-regoli ma humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, peress li jirrestrinġu l-provvista ta' servizzi AVM u jiksru diversi drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta mingħajr ebda ġustifikazzjoni aċċettabbli [140]. Dan ifisser li dispożizzjoni nazzjonali li tikser l-Artikolu 6a(1) tad-Direttiva AVMS ma tistax tikkostitwixxi tali regola "aktar dettaljat[a] jew aktar strett[a]" fis-sens tal-Artikolu 4(2) tagħha, peress li regola bbażata fuq ksur ta' din id-direttiva ma tistax tikkostitwixxi implimentazzjoni leġittima tal-eċċezzjoni tal-Artikolu 4.

310. Għal din ir-raġuni, l-Ungerija ma tistax tinvoka l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva AVMS sabiex tiġġustifika n-natura restrittiva tar-regola 5.

311. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-regola 5 tikser l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva AVMS.

B. It-tieni motiv tal-Kummissjoni

312. Il-Kummissjoni ssostni li r-regoli 1 u 3 jirrestrinġu l-provvista ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u għalhekk jiksru d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

[139] Dawn iż-żewġ kriterji huma imposti mill-Artikolu 4(2)(a) u 4(2)(b) tad-Direttiva AVMS, rispettivament.

[140] Ara B.5 tat-Tieni Parti ta' dawn il-konklużjonijiet.

313. Ir-regola 1 tipprojbixxi lid-destinatarji tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal [141] milli jagħmlu l-"kontenut LGBTI" disponibbli għall-minorenni. Kif ġie spjegat qabel, ir-regola 3 tipprojbixxi li l-"kontenut LGBTI" isir disponibbli għall-minuri f'komunikazzjonijiet kummerċjali. Il-Kummissjoni tqis li ż-żewġ regoli jirrestrinġu l-provvista ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kuntrarjament għall-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, li, b'mod simili għall-Artikoli 2 u 3(1) tad-Direttiva AVMS, jipprojbixxi lill-Istati Membri ta' riċezzjoni milli jimponu restrizzjonijiet f'oqsma kkoordinati fuq fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni minn Stati Membri oħra.

1. Ir-regoli 1 u 3 huma koperti mill-oqsma kkoordinati fis-sens tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku

314. Id-difiża prinċipali tal-Ungerija fil-kuntest ta' dan il-motiv hija li dawn iż-żewġ regoli ma humiex koperti mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, li jirrigwarda biss oqsma kkoordinati, u ż-żewġ regoli inkwistjoni ma jikkonċernawx tali oqsma.

315. Skont l-Ungerija, ir-regola 1 ma tapplikax għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Hija indirizzata biss lill-istituzzjonijiet li jipprovdu ħarsien ta' tfal żgħar u protezzjoni li ma tistax tingħata mill-familji, u tikkonċerna l-obbligi ta' dawn l-istituzzjonijiet lejn it-tfal li jieħdu ħsieb. Billi r-regola 1 ma tistipulax rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, l-Ungerija ssostni li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku ma japplikax għal din ir-regola.

316. Bl-istess mod, l-Ungerija ssostni li r-regola 3 ma taqax fl-oqsma kkoordinati tad-Direttiva, peress li l-Liġi dwar ir-Reklamar ma tirregolax speċifikament is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni.

317. Skont l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, moqri flimkien mal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 [142], "servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni" huma "kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi" [143].

318. Skont l-Artikolu 2(h) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, oqsma kkoordinati ta' din id-direttiva għandhom ikunu mifhuma bħala "ħtiġijiet stipulati fis-sistemi legali ta' Stati Membri applikabbli għal min jipprovdi servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni jew *għas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, independentement* minn jekk dawn ikunux *ta' natura ġenerali* jew iddisinjati speċifikament għalihom" [144].

319. Għalhekk, skont din id-dispożizzjoni, l-oqsma kkoordinati huma wkoll ir-rekwiżiti li l-Istati Membri jimponu għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni innifishom. L-istess dispożizzjoni tispjega wkoll li dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx għalfejn jiġu imposti speċifikament fuq

[141] Skont l-Artikolu 1(1) tiegħu, dan jinkludi l-Istat, awtoritajiet lokali, individwi, u entitajiet legali responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal, kif ukoll organizzazzjonijiet oħra li ma għandhomx personalità ġuridika.

[142] Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1).

[143] Skont l-Artikolu 1(1)(b)(ii) tad-Direttiva 2015/1535, "'b'mezzi elettroniċi' tfisser illi fil-bidu s-servizz jintbagħat u jiġi rċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża kompressjoni diġitali) u l-ħażna ta' data, u dan jiġi trasmess, imwassal u rċevut għal kollox permezz ta' wajers, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettro-manjetiċi".

[144] Enfasi miżjuda. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, A (Reklamar u bejgħ ta' prodotti mediċinali online) (C-649/18, EU:C:2020:764, punti 87 u 88).

is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, iżda jistgħu jiġu imposti b'mod ġenerali. L-impożizzjoni ta' restrizzjoni fuq il-kontenut ta' servizz li jista' jiġi pprovdut bħala servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni għalhekk taqa' fil-oqsma kkoordinati, anki jekk il-liġi nazzjonali inkwistjoni ma tkunx immirata speċifikament sabiex tirregola s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni.

320. Dan huwa kkonfermat mit-tieni inċiż tal-Artikolu 2(h)(i) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, li jispeċifika li l-oqsma kkoordinati jikkonċernaw ħtiġijiet li magħhom dak li jipprovdi s-servizz għandu jkun konformi fir-rigward, fost oħrajn, ta' "ħtiġijiet li jirrigwardaw il-kwalità jew kontenut tas-servizz inklużi dawk applikabbli għal reklamar […]".

321. Kemm ir-regola 1 u kif ukoll ir-regola 3 jeskludu l-possibbiltà li jiġi ppreżentat ċertu kontenut lit-tfal li jista' jiġi offrut minn fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Għalhekk dawn jaqgħu fl-ambitu tal-oqsma kkoordinati.

2. Ir-regola 1 taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku

322. Fir-rigward tar-regola 1, l-Ungerija ssostni li d-destinatarji tagħha ma jipprovdux servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, jew kwalunkwe servizz fis-sens ta' kif id-dritt tal-Unjoni jiddefinixxi din il-kunċett, peress li l-attivitajiet tagħhom, fil-prinċipju, ma humiex offruti bi ħlas. Għalhekk hija ssostni li r-regola 1 ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

323. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, "il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tapplika kemm favur il-prestatarju u kif ukoll favur id-destinatarju tas-servizzi" [145].

324. Għalhekk, anki jekk id-destinatarji tar-regola 1 ma jipprovdux servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, huma madankollu skoraġġuti milli jużaw tali servizzi. Pereżempju, ċentru ta' ħarsien tat-tfal ta' matul il-jum ma jkollu l-ebda raġuni biex juża films jew cartoons disponibbli fuq pjattaforma diġitali fi Stati Membri oħra jekk dawn ikun fihom "kontenut LGBTI". Barra minn hekk, dan, jew kwalunkwe istituzzjoni oħra li taqa' fil-mira tar-regola 1, lanqas ma jkollhom raġuni biex jużaw xiri online biex jixtru ktieb jew kwalunkwe materjal ieħor b'kontenut LGBTI, peress li ma jistax isir użu ta' tali materjal fl-attivitajiet tagħhom skont ir-regola 1. Din ir-restrizzjoni fuq l-użu ta' ċerti servizzi minn riċevituri potenzjali tirrappreżenta restrizzjoni fuq il-provvista ta' tali servizzi minn Stat Membru għal ieħor [146].

325. Għalhekk, sitwazzjonijiet irregolati mir-Regola 1 jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

3. Ir-regoli 1 u 3 jirrestriġu s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni

326. Kemm ir-regola 1 u kif ukoll ir-regola 3 jirrestriġu l-provvista ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, anki sempliċement billi jagħmlu r-riċeviment ta' tali servizzi inqas attraenti għas-suġġetti ta' dawn ir-regoli (bħal fil-każ tar-regola 1).

[145] Ara r-referenzi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[146] Ara r-referenzi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

327. Tali restrizzjonijiet ma jistgħux jiġu ġġustifikati minħabba li huma nieqsa minn ġustifikazzjonijiet ibbażati fuq l-interess pubbliku u jiksru diversi drittijiet protetti mill-Karta, kif intwera preċedentement [147].

328. Għalhekk, kemm ir-regola 1 u kif ukoll ir-regola 3 jiksru l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

C. It-tielet motiv tal-Kummissjoni

329. Il-Kummissjoni ssostni li r-regoli 1, 3 u 7 jirrestringu wkoll il-provvista ta' servizzi minbarra s-servizzi awdjoviżivi jew tas-soċjetà tal-informazzjoni. Tali restrizzjonijiet ma humiex konformi mal-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva dwar is-servizzi, u lanqas mal-Artikolu 56 TFUE.

330. Flimkien mal-Artikolu 56 TFUE, id-Direttiva dwar is-servizzi timponi regoli ġenerali li jippermettu l-applikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tas-servizzi minbarra s-servizzi awdjoviżivi jew tas-soċjetà tal-informazzjoni [148]. L-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva dwar is-servizzi jipprojbixxu lill-Istati Membri milli jimponu fuq il-forniturі tas-servizzi jew ir-riċevituri tas-servizzi, rispettivament, restrizzjonijiet li ma humiex iġġustifikati minn raġunijiet ta' interess pubbliku ġenerali u li ma humiex proporzjonati għal dawn ir-raġunijiet.

1. Regoli 1 u 3

331. Huwa tabilħaqq possibbli li wieħed jimmaġina li r-regola 1 tillimita l-provvista ta' tipi ta' servizzi minbarra s-servizzi awdjoviżivi jew tas-soċjetà tal-informazzjoni bl-istess mod kif tillimita lil dawn tal-aħħar. Eżempju wieħed huwa biżżejjed biex jipprova dan il-punt. Dawk li jipprovdu servizzi ta' ħarsien tat-tfal taħt ir-regola 1 ikunu skoraġġuti milli jorganizzaw wirja teatrali tal-pupazzi li turi l-ħajja ta' persuni LGBTI, peress li huma preklużi milli juruha lit-tfal taħt il-ħarsien tagħhom [149].

332. Peress li d-destinatarji tar-regola 1 jinqabdu mir-regoli tal-Unjoni bħala riċevituri ta' servizzi u mhux bħala forniturі ta' servizzi, l-eżenzjoni tas-servizzi soċjali, prevista fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-servizzi, hija irrilevanti.

333. Bl-istess mod, fir-rigward tar-regola 3, reklamar li jsir bi kwalunkwe mod li ma jkunx permezz tal-midja AVMS jew elettronikament, bħal fuq posters, u li jinkludi kontenut LBGTI, ma jistax jintwera fl-Ungerija f'postijiet fejn it-tfal jistgħu jarawh, li jfisser tal-inqas fiż-żoni pubbliċi kollha.

334. Għalhekk, ir-regola 1 u r-regola 3 jiksru b'mod ċar u inġustifikat ir-regoli ġenerali dwar il-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li jinsabu fl-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva dwar is-servizzi u fl-Artikolu 56 TFUE.

147 Ara t-Taqsima B tal-Ewwel Parti ta' dawn il-konklużjonijiet marbuta mal-ħames motiv tal-Kummissjoni.

148 Ċerti tipi ta' servizzi huma, madankollu, esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi permezz tal-Artikolu 2(2) tagħha.

149 Dawn jiġu kklassifikati bħala riċevituri potenzjali ta' dawn is-servizzi mid-Direttiva dwar is-servizzi, jew, jekk is-servizz inkwistjoni jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi abbażi tal-Artikolu 2(2) tagħha (bħal, pereżempju, servizz tal-kura tas-saħħa), direttament mill-Artikolu 56 TFUE. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016, Promoimpresa *et* (C-458/14 u C-67/15, EU:C:2016:558, punt 62).

2. Regola 7

335. Jifdal ir-regola 7. Din ir-regola hija parti mil-Liġi dwar l-Edukazzjoni Pubblika Nazzjonali u tipprekludi l-promozzjoni (iżda mhux il-wiri) ta' "kontenut LGBTI" fil-kuntest tal-edukazzjoni sesswali.

336. L-Ungerija tikkontesta li d-dritt tal-Unjoni jista' japplika għal attivitajiet edukattivi, u targumenta li r-regola 7 ma tistax, għalhekk, tikser la d-Direttiva dwar is-servizzi u lanqas l-Artikolu 56 TFUE.

337. Fil-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet diġà spjegajt li s-servizzi edukattivi, meta pprovduti bi ħlas, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fid-dawl ta' dan, ir-regola 7 tista' tabilħaqq tirrestrinġi s-servizzi ta' edukazzjoni jew ta' informazzjoni taż-żgħażagħ dwar is-sesswalità meta dawn jiġu pprovduti barra mis-sistema edukattiva pubblika, jew fi ħdan dik is-sistema, iżda minn fornituri ta' servizzi esterni.

338. Peress li r-regola 7 tipprojbixxi biss il-promozzjoni u mhux ukoll il-wiri ta' "kontenut LGBTI", restrizzjoni fuq il-provvista ta' servizzi tista' potenzjalment tkun iġġustifikata mill-ħtieġa ta' "imparzjalità" fl-edukazzjoni. Madankollu, kif diġà ġie spjegat, din ir-regola ma hijiex newtrali, iżda diskriminatorja b'mod dirett, peress li ma tipprojbixxix il-promozzjoni ta' kwalunkwe tip ta' ħajja jew imġieba sesswali, iżda tipprojbixxi biss il-promozzjoni tal-ħajja sesswali jew tal-imġieba ta' persuni LGBTI.

339. Għal raġunijiet identiċi għal dawk ipprovduti fir-rigward tar-regoli 1, 3, 4, 5 u 6, ir-regola 7 tikser id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tal-Karta, u għalhekk ma tistax tiġi ġġustifikata.

340. Għalhekk, ir-regola 1, ir-regola 3 u r-regola 7 kollha jiksru d-Direttiva dwar is-servizzi u l-Artikolu 56 TFUE.

D. Ir-raba' motiv tal-Kummissjoni

341. Il-Kummissjoni ssostni li r-regola 8, li tinsab fil-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali, tikser l-Artikolu 10 tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 8(2) tal-Karta.

342. Ir-regola 8 tagħti mandat lill-korpi b'aċċess għal data rreġistrata sabiex jipprovdu aċċess dirett għall-fedini penali ta' individwi kkundannati għal reati sesswali kontra t-tfal lil "persuni awtorizzati". Fir-rigward tal-kategorizzazzjoni ta' "persuni awtorizzati", l-Artikolu 75/B (3) tal-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali jipprovdi li t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' data rreġistrata għandu jkun permess biss jekk il-persuna li titlob din id-data tkun adulta li jew tkun tiġi minn persuna li ma tkunx għalqet it-18-il sena jew tkun teduka, tissorvelja jew tieħu ħsieb l-istess persuna.

343. Skont il-Kummissjoni, ksur seħħ peress li r-regola 8 tonqos milli tispeċifika b'ċarezza suffiċjenti min huwa awtorizzat li jressaq talba għal data u għalhekk ma tipprovdix garanziji suffiċjenti għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għad-data personali tagħhom.

344. Fid-difiża tagħha, l-Ungerija ssostni li r-regola 8 għandha tinqara flimkien mal-Artikolu 8:1(1) tal-Kodiċi Ċivili Ungeriż (Polgári törvénykönyv), li jiddefinixxi l-kunċett ta' "qarib viċin" bħala li jinkludi l-konjuġi, il-ġenituri fil-linja diretta u t-tfal (inklużi tfal adottati, tfal miż-żwieġ preċedenti tal-konjuġi u tfal imqiegħda taħt il-kustodja), l-aħwa, is-sieħeb jew is-sieħba, il-kunjati u relazzjonijiet familjali oħra. Dan l-Istat Membru jindika wkoll li, skont diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, individwi responsabbli għall-kustodja jew il-manteniment ta' minuri – bħal ġenituri b'awtorità tal-ġenituri, tuturi, ġenituri adottivi, u dawk li jsostnu ġenitur waqt li jgħixu taħt l-istess saqaf – huma wkoll intitolati li jitolbu aċċess għad-data skont il-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Ungerija targumenta li l-lista ta' persuni awtorizzati hija ddefinita b'mod adegwat, u hija, tabilħaqq, iktar issalvagwardjata mill-kriterji ta' aċċess, jiġifieri li (a) il-persuna awtorizzata għandha tikkunsidra d-data rilevanti bħala "probabbilment meħtieġa" għall-finijiet tal-proċeduri, u li (b) "ikun sproporzjonalment diffiċli li jinkiseb għarfien tad-data rilevanti b'mod ieħor".

345. Preliminarjament, l-għan segwit mill-GDPR, kif previst fl-Artikolu 1 u fil-premessi 1 u 10 tiegħu, jikkonsisti, *inter alia*, fl-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, kif stipulat fl-Artikolu 8(1) tal-Karta u fl-Artikolu 16(1) TFUE, li, b'mod simili, jagħti lill-individwi kollha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom. Speċifikament għal dan il-għan, il-GDPR jipprovdi li kwalunkwe pproċessar ta' data personali għandu jikkonforma mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-GDPR. Sabiex l-ipproċessar ikun legali, għandha tiġi ssodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament [150].

346. F'dan is-sens, l-ipproċessar tad-data jkun legali skont l-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR jekk ikun meħtieġ "għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur". L-Artikolu 10 jimponi restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-ipproċessar tad-data tal-fedini penali, li jeħtieġ kontroll minn awtorità uffiċjali jew awtorizzazzjoni minn liġi li tipprevedi salvagwardji xierqa.

347. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-GDPR ma jimponix projbizzjoni assoluta fuq l-awtoritajiet pubbliċi milli jiżvelaw data personali, sakemm l-iżvelar jaqdi interess pubbliku leġittimu u jinkludi protezzjonijiet adegwati għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data [151]. Bl-istess mod, l-Artikolu 8(2) tal-Karta jipprovdi li d-data personali għandha, *inter alia*, tiġi pproċessata "għal finijiet determinati u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi".

348. Il-protezzjoni tal-minorenni minn dawk li jistgħu jikkawżawlhom ħsara hija bla dubju interess pubbliku tal-ikbar importanza, li għalhekk tista' tiġġustifika l-iżvelar ta' data personali. Fl-istess ħin, id-data tal-fedini penali hija sensittiva ħafna u tista' twassal għal stigma. L-iżvelar tagħha jista' jkollu impatt serju fuq il-ħajja privata u professjonali ta' individwu, u jeħtieġ ġustifikazzjoni stretta u salvagwardji legali ċari [152].

[150] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Mousse (C-394/23, EU:C:2025:2, punti 21 sa 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[151] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, Endemol Shine Finland (C-740/22, EU:C:2024:216, punti 46 sa 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[152] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, Endemol Shine Finland (C-740/22, EU:C:2024:216, punti 52 sa 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

349. Għalhekk, fl-ibbilanċjar ta' dawn iż-żewġ interessi, il-miżuri nazzjonali intiżi sabiex jilħqu l-għan tal-protezzjoni tal-minorenni għandhom jiġu evalwati f'termini tar-rekwiżiti ta' proporzjonalità.

350. F'dan ir-rigward, l-Ungerija ssostni li s-sistema tad-data stabbilita mir-regola 8 hija ġġustifikata u proporzjonata fid-dawl tal-għan tagħha.

351. Jiena ma naqbilx. Fil-fehma tiegħi, ir-regola 8 tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-kisba tal-protezzjoni tal-minorenni.

352. L-ewwel, il-kategorija ta' persuni awtorizzati sabiex jaċċedu għad-data personali dwar kundanni kriminali relatati ma' reati sesswali kontra tfal taħt ir-regola 8 hija wisq impreċiża u wiesgħa biex tikkonforma mal-Artikolu 10 tal-GDPR. Fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jaċċedu għad-data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jissodisfa r-rekwiżit ta' proporzjonalità, il-liġi nazzjonali li tippermetti tali aċċess "għandha tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni u li jimponu rekwiżiti minimi, b'tali mod li l-persuni, li tagħhom tkun inżammet id-data jkollhom garanziji suffiċjenti li jippermettu li din id-data tiġi protetta b'mod effettiv kontra r-riskji ta' abbuż"[153]. Dan għandu japplika b'mod ugwali fir-rigward tal-aċċess ta' persuni privati għal data personali. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' trasparenza, kif minqux fl-Artikolu 5(1) tal-GDPR, jeħtieġ li kwalunkwe informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-ipproċessar ta' dik id-data personali jkunu "faċilment aċċessibbli".

353. Fid-dawl ta' dan, ma nikkunsidrax li l-kategorija ta' "persuni awtorizzati" permessi li jagħmlu talba għal data taħt ir-regola 8 hija suffiċjentement iddefinita u limitata mid-diversi dispożizzjonijiet mifruxa kemm fil-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali kif ukoll fil-Kodiċi Ċivili Ungeriż.

354. Għandu jkun trasparenti għall-persuni fiżiċi li d-data personali tagħhom tinġabar, tiġi pproċessata u żvelata b'mod konsistenti mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data. Dan ma jkunx il-każ jekk suġġett tad-data jkun meħtieġ li jinnaviga sensiela kumplessa u mifruxa ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali, li l-ebda waħda minnhom ma tindika b'mod ċar l-interrelazzjoni bejniethom, u b'hekk toħloq konfużjoni bla bżonn u ineffiċjenza proċedurali.

355. It-tieni, il-kundizzjonijiet sostantivi ta' aċċess ma humiex iddefiniti b'mod preċiż biżżejjed mid-dritt nazzjonali sabiex jippermettu lill-awtorità kompetenti tivverifika li tali aċċess huwa ġġustifikat u meħtieġ.

356. B'mod partikolari, nirreferi għall-Artikolu 75/B(3)(b) tal-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali, li jgħid li l-aċċess għandu jingħata lill-persuna awtorizzata li temmen li l-aċċess għad-data huwa meħtieġ għal skopijiet speċifiċi, u li tkun qed taffaċċja diffikultà ċara biex tipprova tiksibha b'mezzi oħra.

357. Għalhekk, b'mod deċiżiv, ir-regola 8, flimkien mal-Artikolu 75/B(3)(b) tal-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali, huma rregolati minn sempliċi awtodikjarazzjoni, u effettivament ipoġġu l-evalwazzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità f'idejn l-individwu li jagħmel it-talba pjuttost milli f'idejn l-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tal-aċċess għall-fedini penali.

[153] Sentenzi tat-2 ta' Marzu 2021, H. K. (C-746/18, EU:C:2021:152, punt 48) u tal-24 ta' Frar 2022, Valsts ieņēmumu dienests (Trattament ta' data personali għal finijiet ta' taxxa) (C-175/20, EU:C:2022:124, punt 55).

358. Fil-fehma tiegħi, awtodikjarazzjoni ta' neċessità hija inkompatibbli mal-Artikolu 10 tal-GDPR u mal-Artikolu 8 tal-Karta, u tista' twassal għal applikazzjoni diskrezzjonali.

359. Għalhekk, il-kundizzjonijiet stipulati mir-regola 8 u dispożizzjonijiet oħra tal-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali ma jikkostitwixxux salvagwardji suffiċjenti għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR u tal-Artikolu 8 tal-Karta.

360. Għalhekk, kif sostniet il-Kummissjoni, ir-regola 8 tikser l-Artikolu 10 tal-GDPR u l-Artikolu 8(2) tal-Karta.

IV. Spejjeż

361. Il-Kummissjoni talbet li l-Ungerija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Ungerija tilfet, hija għandha tiġi ordnata tbati l-ispejjeż.

362. Skont l-Artikolu 140(1) ta' dawn ir-regoli, l-Istati Membri intervenjenti kif ukoll il-Parlament Ewropew għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

V. Konklużjoni

363. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

(1) Tiddikjara li, bl-adozzjoni ta' pedofil bűnelkövetőkkel szembeni szigorúbb fellépésről, valamint a gyermekek védelme érdekében egyes törvények módosításáról szóló 2021. évi LXXIX. törvény (il-Liġi LXXIX tal-2021 li tadotta miżuri iktar stretti kontra persuni li nstabu ħatja ta' pedofilja u li temenda ċerti liġijiet għall-protezzjoni tat-tfal), l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni b'dawn il-modi:

— billi pprojbixxiet, permezz tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, lill-minorenni milli jaċċedu għal kontenut li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità, l-Ungerija kisret l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku), l-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, l-Artikolu 56 TFUE, l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 2 TUE;

— billi pprojbixxiet, permezz tal-Liġi dwar ir-Reklamar, lill-minorenni milli jaċċedu għal reklamar li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità, l-Ungerija kisret l-Artikolu 9(1)(c)(ii) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva), l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/31, l-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva 2006/123, l-Artikolu 56 TFUE,

l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 2 TUE;

— billi imponiet, permezz tal-Liġi dwar il-Midja, obbligu fuq fornituri ta' servizzi tal-midja li joffru servizzi tal-midja lineari li jikklassifikaw il-programmi kollha li jiffokaw prinċipalment fuq il-promozzjoni jew il-wiri ta' identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità bħala li jaqgħu taħt il-kategorija V, u b'hekk li jxandru tali programmi biss bejn l-22:00 u l-5:00, u billi eskludiet li dawn il-programmi jiġu kklassifikati bħala midja ta' interess pubbliku jew reklamar ta' benefiċċju soċjali, l-Ungerija kisret l-Artikolu 6a(1) tad-Direttiva 2010/13, l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta u l-Artikolu 2 TUE;

— billi imponiet fuq il-Kunsill tal-Midja, permezz tal-Liġi dwar il-Midja, obbligu li jitlob lill-Istat Membru, li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu l-fornitur tas-servizz tal-midja jopera, jimplimenta miżuri effettivi sabiex jiġi eliminat kull ksur identifikat mill-Kunsill tal-Midja, l-Ungerija kisret l-Artikoli 2 u 3(1) tad-Direttiva 2010/13;

— billi pprojbixxiet, permezz tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Pubblika Nazzjonali, il-promozzjoni ta' identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità, fl-edukazzjoni relatata mal-kultura sesswali, il-ħajja sesswali, l-orjentazzjoni sesswali u l-iżvilupp sesswali, l-Ungerija kisret l-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva 2006/123, l-Artikolu 56 TFUE, l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta u l-Artikolu 2 TUE;

— billi imponiet obbligu, permezz tal-Liġi dwar is-Sistema tal-Fedini Penali, fuq il-korp b'aċċess dirett għad-data rreġistrata biex jagħmel disponibbli, lil persuni awtorizzati, id-data reġistrata ta' persuni li wettqu reati sesswali kontra t-tfal, l-Ungerija kisret l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), kif ukoll l-Artikolu 8(2) tal-Karta;

(2) Tikkundanna lill-Ungerija tbati l-ispejjeż tagħha stess u kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea;

(3) Tikkundanna lir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja kif ukoll il-Parlament Ewropew ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.